IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2023
SWD(2023) 618 final

DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Rapport tal-Pajjiż tal-2023 - Malta

Li jakkumpanja d-dokument

Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta tal-2023 u li tagħti Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta għall-2023

{COM(2023) 618 final}

MT MT

European Commission

Malta

2023 Country Report



STAMPA EKONOMIKA U TAL-IMPJIEGI

Malta qed iżżomm il-momentum ta' tkabbir tagħha f'ambjent inċert

Wara l-pandemija, l-ekonomija ta' Malta reġgħet lura għal tkabbir ekonomiku robust. Bl-eċċezzjoni tal-2020, l-ekonomija Maltija kibret b'rata aktar mgħaġġla f'dawn l-aħħar snin mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħra tal-UE. Il-muturi tal-prestazzjoni ekonomika b'saħħitha qabel il-pandemija - kif ukoll tal-irkupru rapidu wara (il-Graff 1.1) - kienu servizzi orjentati lejn l-esportazzjoni li qed jikbru b'rata mgħaġġla fil-finanzi, il-logħob tal-azzard u t-turiżmu.

Malta rkuprat b'mod rapidu mill-kriżi tal-COVID-19 u b'mod ġenerali tidher reżiljenti. Fl-2021, l-ekonomija kibret b'10,3 % minħabba titjib fis-sentiment tan-negozju u tal-konsumatur, investiment qawwi, u l-ftuħ mill-ġdid tal-pajjiż għat-turiżmu. Fl-2022, il-PDG reali (jiġifieri l-PDG aġġustat għall-inflazzjoni) kiber b'6,9 %, xprunat mit-tkabbir fl-investiment, l-infiq tal-konsumatur u l-konsum pubbliku. Filwaqt li kkontribwew għat-tkabbir fis-servizzi b'mod ġenerali, is-servizzi tat-turiżmu reġgħu żdiedu malajr fl-2022, kemm f'termini tal-għadd totali ta' viżitaturi kif ukoll f'termini ta' nfiq mit-turisti. Minħabba l-esponiment baxx tagħha kemm għar-Russja kif ukoll għall-Ukrajna, Malta esperjenzat biss impatt dirett limitat mit-tfixkil fil-kummerċ ikkawżat mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Is-settur bankarju Malti jidher reżiljenti b'mod ġenerali, b'likwidità u kapitalizzazzjoni qawwija.

It-tkabbir huwa mistenni li jonqos fl-2023 u l-2024. Fl-2023, it-tkabbir tal-PDG reali huwa mbassar li jimmodera għal 3,9 % (minn 6,9 % fl-2022), wara tnaqqis fir-ritmu ekonomiku usa' fis-sħab kummerċjali ewlenin ta' Malta. Fl-2024, it-tkabbir huwa mistenni li jitla' ftit għal 4,1 %. Matul l-2022-2024, it-tkabbir qed jiġi appoġġat ukoll mill-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, RRP) ([1]) (ara l-Anness 3).

Graff 1.1:**Tkabbir ekonomiku, 2011–2022 (% kull sena)**



* Tbassir Interim tax-Xitwa 2023
Sors: Eurostat

L-inflazzjoni f'Malta kienet limitata b'intervent tal-gvern. L-inflazzjoni fl-2022 laħqet is-6,1 %, inqas milli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE. Dan għaliex il-prezzijiet tal-enerġija bħalissa qed jinżammu fil-livelli tal-2020 permezz tal-intervent tal-gvern. L-awtoritajiet Maltin ħabbru li se jkomplu jillimitaw il-prezzijiet tal-enerġija fl-2023 u l-2024. Madankollu, l-inflazzjoni fl-2023 għadha mistennija li tilħaq 5,4 %, xprunata mill-prezzijiet għall-ikel, it-trasport u l-oġġetti

([1]) Għal aktar informazzjoni, ara https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/recovery-coronavirus/recovery-and-resilience-facility/maltas-recovery-and-resilience-plan_en.https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/recovery-coronavirus/recovery-and-resilience-facility/maltas-recovery-and-resilience-plan_en

importati. Fl-2024, l-inflazzjoni hija mistennija li tonqos għal 2,8 % hekk kif it-tkabbir fil-prezzijiet tal-importazzjoni huwa mistenni li jimmodera. It-tkabbir fil-pagi nominali (jiġifieri t-tkabbir fil-pagi li mhuwiex aġġustat għall-inflazzjoni) kien ta' 2,8 % fl-2022. Madankollu, bħala riżultat tal-inflazzjoni għolja, il-pagi reali naqsu bi 2,4 % fl-2022. Minkejja l-aġġustament għall-mekkaniżmi tal-għoli tal-ħajja fis-seħħ, il-pagi nominali huma mistennija li jiżdiedu biss b'mod moderat fl-2023.

Ir-rata ta' impjieg ta' Malta qabżet il-livelli ta' qabel il-pandemija fit-tieni nofs tal-2021 u kompliet titjieb fl-2022. Bis-saħħa tal-irkupru qawwi ta' wara l-pandemija, ir-rata ta' impjieg (għal dawk li għandhom bejn l-20 u l-64 sena) laħqet 82,1 % sa Q4-2022. Minħabba kundizzjonijiet favorevoli u migrazzjoni netta pożittiva, iż-żieda annwali fl-impjiegi laħqet 6 % fl-2022, u mistennija timmodera lejn 2,3 % fl-2023 u l-2024. Ir-rata tal-qgħad (għal dawk li għandhom bejn 15 u 74 sena) laħqet livell baxx storiku ġdid fir-raba' kwart tal-2022 ta' 2,9 % u hija mistennija li tibqa' viċin dan il-livell fl-2023. F'dan is-suq tax-xogħol robust iżda strett, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ u r-rata tal-qgħad fit-tul kienu t-tnejn ferm taħt il-medja tal-UE fl-2022 kif muri fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li tappoġġa l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ara l-Anness 14).

In-nisa u l-persuni b'diżabilità għadhom jesperjenzaw diffikultajiet fis-suq tax-xogħol. Id-differenza bejn ir-rati ta' impjieg tal-irġiel u n-nisa f'Malta, minkejja li naqset b'mod konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin u r-rata ġenerali ta' impjieg tan-nisa issa qabżet il-medja tal-UE, għadha waħda mill-akbar fl-UE bi 13,1 pp fl-2022 u titwessa' mal-età (ara t-Taqsima 3 u l-Anness 14). Ir-rata ta' impjieg tan-nisa ta' bejn il-55 u l-64 sena kienet persistentement baxxa. Il-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu xogħol, u d-disparità fl-impjiegi minħabba d-diżabilità hija ta' 27 pp (meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 23,1 pp fl-2021).

Malta ilha tesperjenza nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa għal għadd ta' snin, u għandha sehem kbir ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet. Minħabba suq tal-impjiegi strett u eżiti relattivament baxxi tal-edukazzjoni, f'dawn l-aħħar snin in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet żdiedu (ara l-Annessi 12 u 14). Il-ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għadhom partikolarment nieqsa (ara l-Anness 10). Skont l-istħarriġ tal-UE dwar l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi ([2]), 35 % tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jgħidu li n-nuqqas ta' persunal kwalifikat huwa wieħed mill-aktar problemi urġenti tagħhom. Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol battala żdiedet minn 1,4 % fl-ewwel kwart tal-2021 għal 2,7 % fit-tieni u t-tielet tkwart tal-2022. Din ir-rata ta' postijiet battala ġiet aggravata bit-tluq ta' ħaddiema barranin tas-sengħa matul il-pandemija. Hemm rati ogħla ta' postijiet battala fis-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, fil-kostruzzjoni, u fil-kummerċ. Minkejja l-bidliet reċenti fil-liġi dwar il-periti u l-inġiniera ċivili, ir-restrizzjoni regolatorja tal-professjonijiet regolati f'Malta għadha akbar mill-medja tal-UE għall-kontabilisti, l-aġenti tal-proprjetà, u l-gwidi turistiċi. Dan ifixkel il-kompetizzjoni fuq il-kwalità/prezzijiet u t-tkabbir tal-produttività fis-setturi regolati (ara l-Anness 12). Barra minn hekk, Malta għandha sehem kbir ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet (33,1 % ta' dawk li għandhom bejn il-15 u l-64 sena fl-2022). Fost dawk b'livell baxx ta' ħiliet ta' bejn t-18 u l-64 sena, 3,8 % biss ipparteċipaw f'attivitajiet ta' tagħlim matul l-erba' ġimgħat preċedenti fl-2021 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 13,3 %. Fl-2022, is-sehem ta' adulti ta' bejn il-25 u l-64 sena b'inqas minn edukazzjoni sekondarja għolja li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali ġenerali bażiċi huwa ogħla mill-medja tal-UE (43,7 % vs 28,4 %). Għalhekk, filwaqt li jiġu nnotati l-kisbiet effettivi ta' Malta, miżuri inklużivi ulterjuri ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għal kulħadd jgħinu biex tintlaħaq il-mira ta' Malta għall-2030 dwar il-ħiliet.

Is-sitwazzjoni soċjali f'Malta baqgħet ġeneralment stabbli, iżda teħtieġ monitoraġġ għal ċerti gruppi. Fl-2021, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni

([2]) Il-Kummissjoni Ewropea (2022). Stħarriġ dwar l-aċċess għall-finanzi tal-intrapriżi (Survey on access to finance of enterprises, SAFE), Rapport Analitiku 2022.

soċjali kienet ta' 20,3 %, ogħla mid-19,9 % tas-sena ta' qabel iżda taħt il-valur tal-2019 ta' 20,7 %. Madankollu, din ir-rata kienet partikolarment għolja fost ċittadini mhux tal-UE, adulti b'livell baxx ta' ħiliet, persuni b'diżabilità u persuni li għandhom 'il fuq minn 65 sena, speċjalment nisa akbar fl-età. It-tfal ta' ġenituri waħedhom jew tfal ta' ġenituri b'livell baxx ta' ħiliet kienu f'riskju partikolari ta' faqar jew esklużjoni soċjali (ara t-Taqsima 3). Ir-rata tar-riskju ta' faqar fl-2021 kienet ħafna ogħla fost il-ħaddiema b'kuntratti temporanji, il-ħaddiema part-time, u dawk li jaħdmu għal rashom. Mill-2020, Malta rat żieda sinifikanti fin-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali bħala sehem mill-PDG.

Id-defiċit tal-gvern huwa mistenni li jonqos iżda jibqa' wieħed mill-ogħla fl-UE. Id-defiċit tal-gvern ta' Malta laħaq il-5,8 % tal-PDG fl-2022. Iż-żieda fin-nefqa pubblika relatata ma' miżuri biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija hija r-raġuni ewlenija għal dan id-defiċit għoli, minkejja tkabbir nominali qawwi tal-PDG u t-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ relatati mal-pandemija. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jonqos għal 5,1 % tal-PDG fl-2023 u b'mod aktar sinifikanti għal 4,5 % fl-2024. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern huwa stmat li jiżdied għal 53,4 % tal-PDG fl-2022 u jilħaq 56,1 % fl-2024.

Il-bidliet demografiċi u d-dipendenza għolja fuq id-dħul mit-taxxa korporattiva huma ta' piż fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi tal-gvern fit-tul. L-ispejjeż tat-tixjiħ f'Malta huma mbassra li jiżdiedu bi 8,0 % tal-PDG bejn l-2019 u l-2070 minħabba żieda mistennija fin-nefqa fuq il-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul. Id-dħul mit-taxxa jibqa' jiddependi ħafna fuq it-taxxi korporattivi, u b'hekk il-pajjiż isir aktar vulnerabbli għal xokkijiet ekonomiċi futuri. Barra minn hekk, is-sistema tat-taxxa ta' Malta tista' tiffaċilita prattiċi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. L-impenji tal-pajjiż biex irażżan dawn il-prattiki huma pass fid-direzzjoni t-tajba (ara t-Taqsima 3).

Malta tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u t-tkabbir ekonomiku tagħha jirriskja li ma jkunx ambjentalment sostenibbli. Il-fjuwils fossili għad għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija ta' Malta, u dan jagħmilha dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u esposta ħafna għall-iżviluppi fil-prezzijiet globali. Malta għandha waħda mill-aktar miri baxxi għall-2030 (11,5 %) għall-enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija fl-UE. Madankollu, l-impenn tal-gvern fl-2022 li jadotta teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli offshore huwa bidla kbira fil-politika. Malta għandha ambitu biex iżżid il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika tagħha, speċjalment fis-setturi residenzjali u tal-bini tagħha. Minħabba d-dipendenza għolja kontinwa fuq il-karozzi privati, il-konġestjoni tat-traffiku u l-emissjonijiet għoljin mit-trasport bit-triq għadhom jippersistu. Il-miżuri eżistenti jistgħu ma jkunux biżżejjed għal bidla qawwija fil-modi tat-trasport użati lil hinn mill-karozzi. Bl-estrazzjoni żejda tal-ilma ta' taħt l-art u r-riskji ta' maltempati dejjem akbar, il-ġestjoni effettiva tal-ilma tibqa' kruċjali. L-iżvilupp ekonomiku rapidu u l-kostruzzjoni żejda fil-pajjiż jheddu l-bijodiversità u jiġġeneraw skart sinifikanti. Dan huwa aggravat mir-rati baxxi ta' riċiklaġġ. Hemm lok għal miżuri mmirati biex jiġu żviluppati u użati teknoloġiji diġitali innovattivi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi ambjentali (pereż. applikazzjonijiet li jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika, il-ġestjoni tal-ilma, il-mobbiltà intelliġenti, eċċ.).

Ir-riċerka u l-innovazzjoni joffru potenzjal sinifikanti biex jiżdiedu l-produttività u l-kompetittività. Il-prestazzjoni ta' Malta fir-riċerka u l-innovazzjoni għadha dgħajfa, u qed tkompli tiħżien. Il-klassifikazzjoni ġenerali tagħha fuq l-indiċi għar-riċerka u l-innovazzjoni hija ta' 84,7 % tal-medja tal-UE. L-akbar ostakli huma l-investimenti baxxi fir-riċerka u l-innovazzjoni, kemm min-negozji kif ukoll mis-settur pubbliku, u n-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa. It-tkabbir fil-produttività tax-xogħol f'dawn l-aħħar snin segwa triq simili bħal fil-bqija tal-UE, għalkemm b'rata ta' tkabbir aktar baxxa fl-2021 (4,3 % vs 7,0 % fl-UE).

Il-proċedimenti tal-qorti huma twal ħafna. Il-każijiet amministrattivi fl-ewwel istanza f'Malta huma stmati li jieħdu l-itwal żmien biex jiġu solvuti minn kwalunkwe pajjiż

Kaxxa Nru 1

Ir-rispons tal-politika tal-enerġija f'Malta

Malta ħadet miżuri sinifikanti biex ittaffi l-impatt taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u tappoġġa lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji. Dawn il-miżuri fil-biċċa l-kbira ma kinux immirati u ma ppreservawx is-sinjal tal-prezz meħtieġ biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-enerġija. Malta adottat diversi miżuri ta' appoġġ biex ittaffi l-impatt tal-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji. Għall-2023, l-ispejjeż baġitarji grossi ta' dawn il-miżuri ta' appoġġ huma pproġettati fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li jammontaw għal 1,7 % tal-PDG. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ma jippreservawx is-sinjal tal-prezz (jiġifieri ma jżommux il-prezzijiet għoljin biżżejjed biex jagħixxu bħala inċentiv biex iħeġġu lin-nies jużaw inqas enerġija) u mhumiex immirati lejn dawk l-aktar vulnerabbli.

Minbarra l-appoġġ tal-gvern fuq il-prezzijiet tal-enerġija, l-ikel (qmuħ u ċereali) huwa wkoll issussidjat biex itaffi l-impatt ta' inflazzjoni ogħla. Fl-2022, Malta qassmet ċekk bonus ta' darba ta' EUR 100 lill-istudenti u lill-ħaddiema li l-introjtu annwali tagħhom ma jaqbiżx EUR 60 000, u ċekk ta' EUR 200 lill-pensjonanti u lill-persuni li jirċievu benefiċċji soċjali. Diversi benefiċċji (allowances, pensjonijiet) immirati lejn persuni vulnerabbli ġew aġġustati wkoll biex jirriflettu l-għoli tal-ħajja ogħla.

Malta rrapportat lill-Kummissjoni li ma għandha l-ebda kumpanija li taqa' fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854, li jimponi taxxa "mhux prevista" fuq il-profitti ta' ċerti kumpaniji u raffineriji tal-fjuwils fossili li bbenefikaw minn prezzijiet ogħla tal-enerġija.

Malta għandha livell għoli ta' sigurtà għall-provvista tal-gass tagħha, b'kuntratt prevedibbli fuq terminu medju għall-konsenja ta' gass naturali likwifikat. Il-gass naturali likwifikat jiġi importat f'terminal għall-provvista sħiħa tal-gass naturali lil żewġ impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li jkopru 70 % tad-domanda għall-elettriku.

Malta għandha l-għan li tibni pipeline ta' interkonnessjoni tal-gass mal-Italja (Proġett ta' Interess Komuni) biex tikkonnettja man-network Ewropew tal-gass.

fl-UE. Ir-rata tal-ikklirjar għal kawżi mhux kriminali ddeterjorat ukoll u hija partikolarment ta' tħassib għal kawżi ċivili u kummerċjali. In-nuqqas ta' riżorsi (inkluż persunal imħarreġ u infrastruttura) u l-prevalenza ta' prattiki tax-xogħol skaduti huma fost il-kawżi tad-dewmien. Proċess ta' konsultazzjoni aktar formalizzat mal-partijiet ikkonċernati jista' jżid ukoll il-kwalità tas-sistema ġudizzjarja.

Għalkemm b'mod ġenerali Malta għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) tan-NU, għad fadal sfidi fis-sostenibbiltà ambjentali u l-inugwaljanzi. Malta għandha prestazzjoni tajba fix-xogħol deċenti u t-tkabbir ekonomiku (SDG 8) u fl-istabbiltà makroekonomika (SDG 16). Qed ittejjeb ukoll l-indikaturi tal-SDG dwar il-produttività (SDGs 4 u 9). Barra minn hekk, għandha prestazzjoni tajba (SDGs 3 u 8) jew qed titjieb (SDGs 4 u 5) fuq il-biċċa l-kbira tal-indikaturi relatati mal-ġustizzja. Madankollu, għalkemm l-istatus għadu aħjar mill-medja tal-UE, qed jitbiegħed milli jindirizza l-faqar u l-inugwaljanzi (SDGs 1 u 10). Għalkemm Malta qed ittejjeb xi wħud mill-indikaturi relatati mas-sostenibbiltà ambjentali (SDGs 2, 9, 11, 12), qed titbiegħed mill-SDG 7 (enerġija affordabbli u nadifa). Malta għandha prestazzjoni tajba fil-ħajja taħt l-ilma (SDG 14), iżda jeħtieġ li tlaħħaq mal-medja tal-UE dwar l-azzjoni klimatika (SDG 13) (ara l-Anness 1).

IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA JINSAB GĦADDEJ

L-RRP ta' Malta għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mal-klima, it-tranżizzjoni diġitali, is-saħħa, l-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet, il-politiki soċjali, il-ġustizzja, it-tassazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Il-RRP jikkonsisti fi 30 riforma u 17-il investiment li huma appoġġati minn EUR 258,3 miljun f'għotjiet, li jirrappreżentaw 1il-,7 % tal-PDG ta' Malta għall-2021 (ara l-Anness 3 għal aktar dettalji).

L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta tinsab fi stadju avvanzat. Malta ppreżentat talba ta' pagament waħda, li tikkorrispondi għal 19-il stadju importanti u miri fil-pjan u li rriżultaw fi żborż ġenerali ta' EUR 52,3 miljun (f'għotjiet) fit-8 ta' Marzu 2023. Kważi l-istadji importanti u l-miri kollha marbuta mal-ewwel talba ta' pagament ta' Malta huma kkomplementati minn impenji futuri fl-RRP. Dawn se jiġu vvalutati skont talbiet ta' pagament sussegwenti.

Malta ppreżentat emenda tal-pjan tagħha flimkien ma' kapitolu REPowerEU f'April 2023. Il-Kapitolu REPowerEU li għadu kif ġie propost huwa mistenni li jindirizza l-isfidi relatati mal-provvista u s-sigurtà tal-enerġija, u li jħaffef it-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, Malta qed tipproponi xi modifiki fid-dawl tat-tnaqqis fl-allokazzjoni totali u biex taġġusta għal ċirkostanzi oġġettivi. Dawn l-emendi bħalissa qed jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, u ladarba jiġu adottati, imbagħad ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Ir-rieżami segwenti aktar dettaljat tal-miżuri li qed jiġu implimentati skont l-RRP bl-ebda mod ma jimplika approvazzjoni formali mill-Kummissjoni jew rifjut ta' kwalunkwe talba ta' pagament.

Appoġġ lit-tranżizzjoni ekoloġika

B'54 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP iddedikata għall-objettivi klimatiċi u ambjentali, il-pjan ta' Malta jinkludi diversi miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika. Bħala parti mill-ewwel sett ta' stadji importanti li ġew ivvalutati b'mod pożittiv, Malta: (I) adottat leġiżlazzjoni bl-għan li ttejjeb il-qafas regolatorju għall-industrija tal-kostruzzjoni; (II) adottat strateġija għall-ġestjoni tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni; u (iii) wettqet awditi tal-prestazzjoni tal-enerġija ta' żewġ binjiet tal-iskejjel pubbliċi. Barra minn hekk, biex it-trasport isir aktar ekoloġiku u jitnaqqsu l-emissjonijiet, Malta: (i) waqqfet faċilitajiet ta' uffiċċji għal impjiegi mill-bogħod għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku; (ii) lestiet stħarriġ nazzjonali dwar l-ivvjaġġar domestiku; u (iii) daħħlet fi ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jinħolqu żoni ta' riġenerazzjoni f'żoni urbani. Minbarra dawn l-azzjonijiet, impenji ulterjuri fl-RRP f'dan il-qasam jinkludu: (i) impenn li jitwettqu awditi tal-prestazzjoni tal-enerġija ta' binjiet pubbliċi magħżula (inklużi skejjel, sptar u uffiċċji); u l-pubblikazzjoni ta' Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-reġjun tal-Belt Valletta.

It-tisħiħ tal-istat tad-dritt

L-RRP kellu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-istat tad-dritt f'Malta fl-2021-2022. Diversi miri u stadji importanti taħt l-ewwel talba ta' pagament saħħew l-indipendenza ġudizzjarja. Pereżempju, Malta introduċiet emendi legali biex tbiddel il-metodu għall-ħatra u t-tkeċċija ta' mħallfin u maġistrati. Din il-proċedura mibdula ġiet applikata fl-2021

meta erba' mħallfin u erba' maġistrati nħatru għall-ġudikatura. Stadji importanti oħra mmirati lejn it-tisħiħ tas-servizzi ta' prosekuzzjoni u l-fergħa investigattiva. Saru wkoll emendi legali biex tiġi pprovduta ċarezza leġiżlattiva dwar il-possibbiltà għall-Avukat Ġenerali li jressaq prosekuzzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Barra minn hekk, Malta introduċiet emendi legali biex tiżgura li d-deċiżjoni tal-Prosekutur Pubbliku li ma ssirx prosekuzzjoni ta' kawża tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. Permezz ta' dawn l-emendi, ħames korpi kontra l-korruzzjoni ngħataw l-istatus tal-parti leża skont il-liġi f'każijiet riferuti minnhom lill-Avukat Ġenerali. Barra minn hekk, il-fergħa investigattiva kif imsaħħa permezz ta' riforma li introduċiet proċess trasparenti u kompetittiv għall-ħatra ta' kummissarji tal-pulizija. Ġew issodisfati wkoll żewġ stadji importanti li jsaħħu l-qlieda ta' Malta kontra l-frodi u l-korruzzjoni. Dawn huma l-adozzjoni ta' Strateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni riveduta (li taġġorna l-verżjoni tal-2008) u emendi legali li jipprovdu tisħiħ statutorju lill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni. Ir-riformi li jmiss tal-RRP f'dan il-qasam jiffukaw prinċipalment fuq it-tisħiħ ulterjuri tas-servizzi ta' prosekuzzjoni u l-qafas kontra l-korruzzjoni.

Aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni diġitali

L-RRP Malti jagħti 26 % tal-allokazzjoni totali tiegħu għal objettivi diġitali. Skont l-ewwel talba ta' pagament, Malta implimentat emendi leġiżlattivi li jippermettu: (i) sabiex persuni jkunu "preżenti" fil-qorti permezz ta' links diretti ta' vidjokonferenzi; u (ii) il-preżentazzjoni elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji. Dan se jwitti t-triq għal investiment ta' EUR 10 miljun fid-diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja. Minbarra dawn il-kisbiet, l-impenji li jmiss fl-RRP fil-qasam diġitali jinkludu, pereżempju, it-tnedija ta' sejħiet għal applikazzjonijiet għad-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji u investimenti ulterjuri fl-hardwer u s-software diġitali tal-amministrazzjoni pubblika.

It-tisħiħ tar-riċerka u tal-innovazzjoni

Biex taċċellera r-riċerka u l-innovazzjoni, Malta adottat l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tal-UE bħala parti mill-ewwel talba ta' pagament. L-istrateġija tiffoka fuq għadd ta' inizjattivi ewlenin relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni, bħal: (i) investiment fl-infrastruttura tar-riċerka; (ii) appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni inkluż permezz tal-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa; (iii) il-promozzjoni ta' kollaborazzjoni bejn l-aġenziji biex jiġu appoġġati n-negozji; u (iv) inċentivi biex il-partijiet ikkonċernati tal-industrija jinnovaw. Bħala segwitu għall-istrateġija, Malta impenjat ruħha wkoll li tipprovdi, sal-2024, appoġġ lill-kumpaniji dwar ir-RuŻ u l-internazzjonalizzazzjoni billi tipparteċipa fil-programmi Ewropej.

It-trawwim tas-sostenibbiltà soċjoekonomika

L-RRP isaħħaħ ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-suq tax-xogħol, tas-sistema tal-pensjonijiet u tas-sistemi tal-kura tas-saħħa ta' Malta. Għalkemm l-ebda miżura f'dawn l-oqsma ma kienet parti mill-ewwel talba ta' pagament, l-impenji li ġejjin fl-RRP f'dan il-qasam jinkludu: (i) miżuri biex jittejbu s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi attwali tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji tal-qgħad; (ii) l-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin tal-Istrateġija dwar l-Impjiegi tal-pajjiż u (iii) l-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin tal-pjan ta' azzjoni u l-istrateġija ta' Malta dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u dwar il-kunsiderazzjoni tas-sessi fil-politiki settorjali kollha. Fir-rigward tas-saħħa, ir-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa se tissaħħaħ kemm: (i) bir-riforma li tippromwovi l-integrazzjoni u l-benesseri tal-ħaddiema tas-saħħa barranin; u kif ukoll (ii) l-investiment fit-twaqqif ta' ċentru tad-demm, it-tessuti u ċ-ċelloli.

Appoġġ għal edukazzjoni inklużiva ta' kwalità

Malta qed tintroduċi miżuri importanti biex tappoġġa edukazzjoni inklużiva ta' kwalità. Bħala parti mill-ewwel talba ta' pagament, twaqqfu żewġ unitajiet ġodda tal-awtiżmu fl-iskejjel intermedji. Dawn l-unitajiet ġodda ngħataw tagħmir operazzjonali ġdid u persunal imħarreġ biex jippromwovu l-integrazzjoni ulterjuri ta' studenti bi bżonnijiet speċjali fl-ambjent tal-iskola ġenerali. Barra minn hekk, l-għalliema u l-edukaturi ta' appoġġ għat-tagħlim qed jirċievu taħriġ kontinwu dwar kif jgħallmu b'mod inklużiv. Lil hinn minn dan, aktar impenji fl-RRP f'dan il-qasam jinkludu t-twaqqif ta' żewġ kmamar ta' tagħlim multi-sensorjali ġodda fil-kulleġġi u t-tnedija ta' kulleġġ elettroniku.

L-indirizzar tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus

Għadd ta' stadji importanti u miri ssodisfati skont l-ewwel talba ta' pagament se jgħin biex jitrażżan l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja. Dwar it-tassazzjoni, Malta introduċiet id-dispożizzjoni legali li tippermetti l-introduzzjoni ta' regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment fil-qafas leġiżlattiv ta' Malta, bil-għan li jitnaqqsu l-opportunitajiet għat-trasferiment tal-profitt korporattiv. Biex tiġġieled il-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja, Malta introduċiet emendi leġiżlattivi fl-2021 biex iżżid is-setgħat u l-kapaċità tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi tagħha, filwaqt li ssaħħaħ l-indipendenza tal-Bureau mill-gvern. Aktar impenji ulterjuri fl-RRP f'dan il-qasam jinkludu: (i) id-dħul fis-seħħ tar-regoli tal-ipprezzar tat-trasferiment; (ii) il-ħolqien ta' dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva aktar komprensiva; u (iii) skambju spontanju ta' informazzjoni dwar applikanti ġodda għall-iskema taċ-ċittadinanza tal-pajjiż. Barra minn hekk, Malta diġà implimentat l-azzjonijiet kollha meħtieġa mill-evalwazzjoni tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, u tneħħiet mil-lista ta' ġuriżdizzjonijiet tat-Task Force taħt monitoraġġ akbar (lista griża) f'Ġunju 2022.

Kaxxa 2: Riżultati ewlenin skont l-RRP fl-2023-2024

- Kuntratti iffirmati u għaddejjin xogħlijiet ta' rinnovazzjoni biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika ta' ċerti binjiet pubbliċi magħżula (inkluż skejjel, uffiċċji u sptar) [Komponent 1]
- Dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-ġestjoni tal-iskart mill-kontruzzjoni u t-twaqqigħ ta' bini [Kompnent 2]
- Id-distribuzzjoni ta' 1 000 għotja għax-xiri ta' vetturi elettriċi kif ukoll ta' pedelecs mis-settur privat [Komponent 2]
- Appoġġ lil mill-anqas 1 000 individwu minn familji bi dħul baxx biex tittaffa l-qasma diġitali [Komponent 3]
- Tnedija ta' għodda aposta għall-ippjanar ta' bżonnijiet fejn jidħlu ħaddiema fis-settur tas-saħħa [Komponent 4]
- L-istabbiliment ta' żewġt ikmamar ta' tagħlim multisensorjali ġodda (spazji fiżiċi mgħammra b'tagħmir u persunal edukattiv imħarreġ) fl-iskejjel [Komponent 5]
- Liġijiet li jindirizzaw problemi assoċjati mal-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn pagamenti 'l ġewwa u 'l barra minn dividenti, ta' imgħax jew royalties [Komponent 6]
- Bini ta' kapaċitajiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali [Komponent 6]

PRIJORITAJIET OĦRAJN GĦALL-ĠEJJIENI

Minbarra l-isfidi indirizzati mill-RRP, Malta qed tiffaċċja sfidi oħra li mhumiex koperti biżżejjed fil-pjan. Dawn jinkludu: (i) is-sehem baxx ta' enerġija rinnovabbli tal-pajjiż; (ii) effiċjenza enerġetika insuffiċjenti; (iii) il-konġestjoni tat-traffiku; (iv) ir-riskji ta' estrazzjoni żejda tal-ilma ta' taħt l-art; (v) rati għoljin ta' ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali u ta' miżbliet; (vi) livelli baxxi ta' riċerka u innovazzjoni; (vii) nuqqas ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd; (viii) riskji għas-sostenibbiltà fiskali; (ix) riskji minn ippjanar aggressiv tat-taxxa; u (x) ineffiċjenzi fis-sistema ġudizzjarja. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi se jgħin ukoll lil Malta tagħmel aktar progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), bħall-SDGs dwar enerġija affordabbli u nadifa (SDG 7), it-tmiem tal-faqar (SDG 1), l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (SDG 5), it-tnaqqis tal-inugwaljanzi (SDG 10), u edukazzjoni ta' kwalità (SDG 4) (ara l-Anness 1).

Il-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika

Għalkemm Malta ma timportax żejt jew gass mir-Russja, il-fjuwils fossili għad għandhom rwol kbir fl-ekonomija ta' Malta, u b'hekk it-taħlita tal-enerġija tagħha tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. Fl-2021, il-fjuwils fossili ammontaw għal 98 % tat-taħlita tal-enerġija tal-pajjiż (il-gass naturali pprovda 12 %; iż-żejt u l-prodotti petroliferi pprovdew 86 %) (il-Graff 3.1). Il-fjuwils fossili jintużaw għall-biċċa l-kbira tal-ġenerazzjoni tal-elettriku ta' Malta. Għalkemm qed jiżdiedu fis-sehem tagħhom, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jiġġeneraw biss 11,9 %. Is-sussidji għall-fjuwils fossili għenu biex itaffu l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet minħabba l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, iżda dawn is-sussidji jnaqqsu l-inċentivi għal tranżizzjoni tal-enerġija aktar rapida, inkluż permezz ta' tnaqqis fid-domanda. Filwaqt li l-prezzijiet tal-enerġija naqsu, għad hemm inċertezza rigward ix-xitwa li ġejja, li teħtieġ sforzi kontinwi biex titnaqqas b'mod strutturali d-domanda għall-gass.

Malta għandha wieħed mill-aktar proporzjonijiet baxxi ta' sorsi rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija fl-UE (ara l-Annessi 1, 6 u 7). Il-mira ta' Malta li tilħaq sehem ta' 11,5 % ta' sorsi rinnovabbli fil-konsum kollu tal-enerġija hija taħt il-mira tal-UE ta' 32 % għall-2030. Il-gvern għandu pjanijiet biex jesplora t-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, iżda għad iridu jiġu identifikati proġetti speċifiċi ([3]). Il-kapaċità u l-flessibbiltà tal-grilja diġà qed juru li huma ostaklu għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għaż-żieda fl-effiċjenza, l-affidabbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-pajjiż. L-iskjerament ulterjuri ta' pannelli solari fuq bini mhux residenzjali, pereżempju billi l-installazzjoni tal-pannelli ssir obbligatorja fuq il-bini l-ġdid kollu, ikun ukoll pass sinifikanti 'l quddiem. Ikun ta' benefiċċju wkoll jekk Malta tindirizza sfidi li jipprevjenu l-installazzjoni ta' pannelli solari fuq il-bjut ta' bini privat, u tipprovdi inċentivi ekonomiċi addizzjonali lis-sidien tad-djar biex jinstallaw il-pannelli.

([3]) Skont il-Kunsill Globali tal-Enerġija mir-Riħ, Malta għandha potenzjal tekniku stmat ta' 25 GW fil-kapaċità tal-enerġija mir-riħ/ solari galleġġanti lil hinn mill-kosta.

Graff 3.1: **It-taħlita tal-enerġija f'Malta, 2021**



Sors: Eurostat

Malta għandha lok fejn iżżid il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika tagħha (ara l-Annessi 6 u 7). Il-kontribut ta' Malta (1,5 toe per capita, meta mqabbel ma' 2,2 toe per capita fil-Ġermanja) għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-UE għall-2030 huwa baxx. Il-konsum tal-enerġija f'bini residenzjali qed ikompli jiżdied ([4]). Malta tibbenefika minn sistema nazzjonali għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO_2 minn bini pubbliku. L-użu tat-teknoloġija diġitali, bħal applikazzjonijiet għall-monitoraġġ u r-regolamentazzjoni tal-użu tal-enerġija, jista' jgħin biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika. L-implimentazzjoni effettiva tal-qafas regolatorju tal-industrija tal-kostruzzjoni li għadu kif ġie adottat, inkluż il-liċenzjar ta' kuntratturi ġenerali, iżżid il-kwalità, is-sikurezza u l-effiċjenza enerġetika tal-kostruzzjoni.

In-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa f'xi setturi ewlenin żdied f'dawn l-aħħar snin minħabba nuqqas ta' ħiliet rilevanti. Dan ħoloq ostakli fit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, ġew irrapportati nuqqasijiet ta' ħaddiema f'Malta għal sitt okkupazzjonijiet li kienu jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-ħaddiema tal-manifattura u l-ħaddiema tal-kostruzzjoni tal-bini([5]). Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol battala żdiedet dan l-aħħar fil-manifattura (minn 1,7 % fl-2015 għal 2,2 % fl-2021), għalkemm naqset fil-kostruzzjoni (minn 4,8 % fl-2015 għal 1,7 % fl-2021)([6]). Fl-2022, in-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa ġie rrappurtat bħala fattur li jillimita l-produzzjoni fl-industrija (għal 33 % tal-kumpaniji) u l-kostruzzjoni (għal 36,4 % tal-kumpaniji)([7]). It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż għall-persuni l-aktar affettwati, u l-promozzjoni tas-swieq tax-xogħol inklużivi huma lievi ta' politika essenzjali biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u tiġi żgurata l-ġustizzja tagħha (ara l-Anness 8).

Għad hemm konġestjoni tat-traffiku, emissjonijiet għoljin mit-trasport bit-triq, u dipendenza għolja fuq il-karozzi privati. Il-karozzi privati jintużaw għal 84 % tal-vjaġġi kollha u l-istokk liċenzjat ta' vetturi bil-mutur ta' Malta laħaq it-817-il vettura għal kull 1 000 persuna fl-2022, bi proporzjon żgħir biss ta' dawn il-vetturi b'emissjonijiet żero (ara l-Anness 6). Filwaqt li t-tariffa tal-liċenzja tat-triq ta' Malta hija bbażata fuq id-daqs tal-magna u fuq l-emissjonijiet tal-vetturi, sistemi intelliġenti tal-ipprezzar tat-toroq li jqisu wkoll il-ħin tal-ġurnata u d-distanza vvjaġġata jkunu marbuta aktar mill-qrib mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. F'Malta ma jintużawx għodod oħra biex jiġi diżinċentivat l-użu tal-karozzi privati, bħat-tariffi tal-konġestjoni u l-parkeġġ. Id-data inizjali dwar l-użu tat-trasport bla ħlas bil-karozzi tal-linja hija inkoraġġanti, iżda l-użu tal-karozzi tal-linja għadu baxx b'mod ġenerali, u jkopri biss 5,2 % tal-vjaġġi kollha. Bidla qawwija fil-modi tat-trasport lil hinn mill-karozzi privati u lejn it-trasport pubbliku hija improbabbli sakemm titjieb il-kwalità tas-servizz (il-puntwalità, it-tul ta' żmien tal-vjaġġ). Malta ħabbret żieda fl-għadd ta' xarabanks u fil-frekwenza tas-servizzi tax-xarabanks tagħha. Il-korsiji riżervati għall-karozzi tal-linja u r-regoli infurzabbli biex jiġu mbuttati s-servizzi ta' konsenja barra mill-perjodi ta' ħin ewlenin tal-ivjaġġar lejn ix-xogħol u lura jkunu ta' benefiċċju wkoll.

Għalkemm l-istokk ta' scooters elettriċi żdied b'mod konsiderevoli, mogħdijiet

([4]) Minn 77 600 tunnellata ta' żejt ekwivalenti fl-2016 għal 95 800 fl-2018 u 118 800 fl-2021.

([5]) Id-data dwar in-nuqqasijiet hija bbażata fuq l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (2023), *EURES Report on labour shortages and surpluses 2022*. Id-definizzjoni ta' skarsezzi tvarja bejn pajjiż u ieħor. Ir-rekwiżiti ta' ħiliet u għarfien huma bbażati fuq it-tassonomija tal-ESCO (Kompetenzi u Impjiegi Ewropej ta' Ħiliet) tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika.

([6]) Eurostat (JVS_A_RATE_R2).

([7]) L-Istħarriġ Ewropew dwar in-Negozji u l-Konsumaturi.

għall-mixi u infrastruttura taċ-ċikliżmu ta' kwalità baxxa jiskoraġġixxu l-mixi u ċ-ċikliżmu. Il-mixi u ċ-ċikliżmu jirrappreżentaw 7 % u 0,5 % tal-vjaġġi kollha rispettivament. Għadd dejjem akbar ta' inċidenti tat-traffiku li jinvolvu persuni mexjin fit-triq u ċiklisti jenfasizzaw il-perikli tal-użu ta' dawn iż-żewġ modi ta' trasport f'Malta. L-iskjerament u l-manutenzjoni ta' bankini sikuri, segregati u interkonnessi u rotot għaċ-ċikliżmu / għall-iscooters elettriċi jistgħu jippromwovu l-mixi, iċ-ċikliżmu u l-użu aktar sikur ta' scooters elettriċi. L-ispazju għal din l-infrastruttura jista' jsir billi jitneħħew l-ispazji għall-parkeġġ fit-toroq. Żieda fl-infurzar tar-regoli tat-traffiku fit-toroq, biex jakkumpanjaw iż-żieda fil-multi, tkun ta' benefiċċju wkoll. L-iskjerament f'waqtu ta' għodod tal-IT relatati mal-mobbiltà jista' jtejjeb ukoll il-flussi tat-traffiku, is-sikurezza, u l-infurzar tar-regoli tat-traffiku.

Hemm riskju li l-ilma ta' taħt l-art jiġi estratt iżżejjed, u l-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art f'Malta qed tiddeterjora. L-ilma ta' taħt l-art f'Malta jinsab taħt pressjoni mill-provvista tal-ilma muniċipali, mis-settur agrikolu, u mis-settur kummerċjali usa' ([8]). It-tkabbir tal-popolazzjoni u t-turiżmu jżidu din il-pressjoni. Miżuri li jiddiżinċentivaw l-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mis-settur kummerċjali u jinċentivaw bidla lejn l-ilma reklamat (bħat-tariffi tal-konsum tal-ilma ta' taħt l-art), ikunu ta' benefiċċju. Politiki ta' kostruzzjoni aktar sostenibbli biex jillimitaw l-issiġillar tal-ħamrija (ara l-Anness 6) jistgħu jgħinu biex l-ilma ta' taħt l-art jimtela mill-ġdid. Ikun utli wkoll għal Malta li: (i) tinforza aħjar l-obbligi għal bini ġdid li jkollu ġibjuni tal-ilma u li jerġa' jintuża l-iskol tal-ilma; u (ii) tintegra l-objettivi tal-ħsad tal-ilma tax-xita fit-tfassil ta' proġetti ta' infrastruttura (toroq, pontijiet, eċċ.). Il-ħtieġa għal miżuri ta' dan it-tip hija partikolarment urġenti minħabba li Malta se tiffaċċja dejjem aktar maltempati severi fil-futur.

Malta tiġġenera ammont kbir ħafna ta' skart muniċipali u ħafna minnu jintrema f'miżbla. Il-ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali kienet ta' 611 kg per capita fl-2021, fost l-ogħla fl-UE (medja tal-UE ta' 530 kg per capita). Fl-2021 ir-rata ta' riċiklaġġ għall-iskart muniċipali kienet biss ta' 13,5 %, ħafna anqas kemm mill-medja tal-UE ta' 50 % u kif ukoll mill-mira tal-2020 ta' 50 %. Jekk jinżammu x-xejriet attwali, Malta tinsab fi triqitha biex titlef: (i) il-mira għall-2025 li tħejji 55 % tal-iskart solidu muniċipali tagħha għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ; u (ii) il-mira għall-2025 ta' riċiklaġġ ta' 65 % tal-iskart mill-imballaġġ tagħha. Ir-rati tal-miżbliet huma għoljin u qed jiżdiedu, u żdiedu minn 79,5 % tal-iskart muniċipali fl-2017 għal 85 % fl-2021 (ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 23 %). Il-pjan għall-immaniġġar tal-iskart li ġie adottat dan l-aħħar (2021–2030) jipprovdi l-qafas statutorju biex jiżdiedu kemm ir-riċiklaġġ tal-iskart kif ukoll it-tħejjija tal-iskart għall-użu mill-ġdid.

Il-bijodiversità ta' Malta qed tkompli tonqos. Is-sehem tal-ħabitats fi status ta' konservazzjoni ħażin żdied b'mod drammatiku minn 6,7 % għal 58,6 % fl-2013-2018, filwaqt li s-sehem tal-ispeċijiet fi status ta' konservazzjoni ħażin żdied bi ftit minn 7,7 % għal 8,9 %. Il-kawżi ewlenin ta' dan huma l-iżvilupp rapidu u l-kostruzzjoni żejda. Il-kaċċa illegali tal-għasafar u l-prattiki ta' insib illegali joħolqu aktar problemi għall-fawna selvaġġa. Fl-2020, 0,6 % biss tal-erja tal-art agrikola ta' Malta kienet taħt il-biedja organika, ferm inqas mill-medja tal-UE ta' 9,1 % u dak li huwa meqjus meħtieġ biex tintlaħaq il-mira li jkun hemm 25 % tal-art agrikola tal-UE taħt biedja organika sal-2030.

Sostenibbiltà fiskali u tassazzjoni

It-tkabbir futur ipproġettat fin-nefqa fuq il-pensjonijiet joħloq riskji għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul tal-ekonomija ta' Malta([9]). Fl-2019, in-nefqa fuq il-pensjonijiet pubbliċi f'Malta kienet ta' 7,1 % tal-PDG, fost l-aktar baxxa fl-UE. Madankollu,

([8]) L-estrazzjoni mis-settur tal-konkrit żdiedet minn 3 3996 m³ fl-2014 għal 62 231 m³ fl-2021, u l-estrazzjoni mis-settur tax-xorb żdiedet minn 7 643 m³ fl-2016 għal 36 310 m³ fl-2021.

([9]) Ara l-Anness 21. L-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn turi li r-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi tal-gvern ta' Malta huma għoljin fit-terminu twil.

filwaqt li l-piż tal-infiq fuq il-pensjonijiet huwa mistenni li jibqa' stabbli sal-2045, dan huwa mbassar li jiżdied fit-tul għal 10,9 % tal-PDG sal-2070, waħda mill-ogħla żidiet previsti fl-UE. Dan huwa dovut prinċipalment minħabba: (i) kisbiet sinifikanti fl-istennija tal-għomor; (ii) żieda fis-sehem tal-popolazzjoni anzjana li għandha aktar minn 80 sena; u (iii) aġġustament insuffiċjenti għall-età tal-irtirar kmieni.

In-nefqa pubblika fuq is-saħħa u l-kura fit-tul mistennija li tiżdied ukoll. In-nefqa tal-gvern fuq il-kura tas-saħħa, relattivament baxxa b'5,4 % tal-PDG fl-2019, hija pproġettata li tiżdied għal 8 % tal-PDG sal-2070, ferm ogħla mill-proġettazzjonijiet għall-medja tal-UE (7,5 %) sa din id-data. In-nefqa pubbliku fuq il-kura fit-tul mistennija li tiżdied minn 1,1 % tal-PDG fl-2019 għal 3 % fl-2070.

Id-dħul mit-taxxa ta' Malta għadu baxx u jiddependi ħafna fuq it-taxxi fuq l-introjtu korporattiv, u b'hekk jagħmel il-pożizzjoni fiskali sensittiva għax-xokkijiet ekonomiċi (ara l-Anness 19). Il-proporzjon mit-taxxa korporattiva mid-dħul totali mit-taxxa (16,9 % fl-2021) għadu fost l-ogħla fl-UE. Dan jista' jiġi spjegat parzjalment minn kumpaniji internazzjonali li qed jiġu attirati mis-sistema ta' rifużjoni tat-taxxa ta' Malta, li tippermetti lill-kumpaniji jnaqqsu r-rata tat-taxxa effettiva tagħhom minn 35 % (ir-rata tat-taxxa nominali) għal bejn 0 % u 10 % permezz ta' krediti ta' taxxa u rifużjonijiet. L-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar it-Taxxa Minima, li tiżgura rata effettiva minima ta' 15 % ta' tassazzjoni korporattiva għal korporazzjonijiet kbar, tirrikjedi li Malta timplimenta bidliet fis-sistema tat-taxxa tagħha biex tiddiversifika d-dħul mit-taxxa u tissalvagwardja l-istabbiltà ġenerali tal-finanzi tal-gvern.

Ċerti indikaturi jissuġġerixxu li l-kumpaniji qed jużaw is-sistema tat-taxxa ta' Malta għall-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Dawn jinkludu l-livell persistentement għoli ta' investiment dirett barrani meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija Maltija (li hija kważi esklużivament miżmuma minn entitajiet ġuridiċi li ftit li xejn għandhom impjieg, operazzjonijiet jew preżenza fiżika f'Malta) (il-Graff 3.2); u (ii) mal-pagamenti kbar ta' royalties, imgħax u dividendi.

Graff 3.2: **Il-proporzjon tal-istokk nett ta' investiment dirett barrani (foreign direct investment, FDI) dieħel u ħiereġ miżmum minn entitajiet mingħajr preżenza jew bi ftit preżenza f'Malta (SPE)**



(1) Id-data dwar l-istokk nett intużat minħabba li d-data dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet mhijiex disponibbli għal Malta.
(2) Id-data tal-2020 dwar l-FDI nett barrani mhijiex disponibbli għal Malta.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Malta ħadet passi u impenji sinifikanti biex tiġġieled l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, iżda hemm bżonn ta' aktar biex jingħalqu l-lakuni eżistenti. Malta implimentat inizjattivi internazzjonali u Ewropej miftehma, u timpenja ruħha wkoll li tindirizza l-kwistjoni fl-RRP tagħha. L-impenji biex jiġu introdotti regoli dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti u biex jiġi kkummissjonat studju indipendenti dwar il-pagamenti deħlin u ħerġin li għandhom jiġu segwiti mil-leġiżlazzjoni huma passi fid-direzzjoni t-tajba, iżda għad fadal ħafna sfidi. Sakemm Malta tapplika taxxi minn ras il-għajn fuq imgħax, dividendi u pagamenti ta' royalties għal ġuriżdizzjonijiet b'taxxa baxxa jew mingħajr taxxa (jew sakemm Malta tieħu miżuri difensivi ekwivalenti) biex tiżgura li l-profitti tad-ditti ma jiġux ittrasferiti mhux intaxxati lejn pajjiżi barra mill-UE, ir-riskji ta' nontassazzjoni doppja fuq dawn il-profitti jibqgħu għoljin. Barra minn hekk, it-trattament Malti ta' kumpaniji residenti mhux domiċiljati jkompli jipprovdi lill-kumpaniji multinazzjonali b'opportunitajiet ta' nontassazzjoni doppja kemm: (i) bejn Malta u r-rifuġji fiskali; u (ii)

bejn Malta u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li magħhom Malta kkonkludiet trattat bilaterali dwar it-taxxa([10]). Il-kwistjoni hija indirizzata biss parzjalment mid-Direttiva tal-UE dwar it-Taxxa Minima, li tapplika biss għal korporazzjonijiet kbar.

L-iskema ta' ċittadinanza b'investiment ta' Malta għadha tqajjem tħassib serju. Dan it-tħassib jirrigwarda b'mod partikolari s-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni. Minn Jannar 2022, Malta ppermettiet l-iskambju spontanju ta' informazzjoni dwar applikanti magħżula tal-iskema taċ-ċittadinanza mal-awtoritajiet tal-ġuriżdizzjoni oriġinali rigward ir-residenza tat-taxxa tal-applikanti, f'konformità mal-impenn tal-RRP tagħha, iżda dan huwa limitat għal applikanti ġodda. F'Settembru 2022, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tressaq lil Malta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE għall-iskema tagħha ta' ċittadinanza b'investiment.

Żieda fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu appoġġati l-produttività u l-kompetittività

Malta qed taqa' aktar lura mill-medja tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni. Għalkemm Malta hija kklassifikata bħala "innovatur moderat" fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea tal-2022, il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħha hija taħt il-medja tal-UE u d-distakk qed jikber (ara l-Anness 11). Minkejja l-prestazzjoni tajba ta' Malta f'oqsma bħat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji, inkluż l-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati (ara l-Anness 10), il-prestazzjoni ta' Malta fir-riċerka u l-innovazzjoni għadha tbati b'mod partikolari minn livelli baxxi ta' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa. Kif stabbilit fil-pjan industrijali tal-Patt Ekoloġiku, biex tissaħħaħ il-kompetittività industrijali se jkun kruċjali li Malta: (i) tagħmel avvanzi fir-riċerka u l-innovazzjoni; (ii) taċċellera t-tranżizzjoni tal-industrija tagħha lejn in-newtralità klimatika; u (iii) tinvesti fil-kapaċitajiet tal-manifattura għal teknoloġiji nodfa.

Il-livelli baxxi ta' investiment fir-RuŻ, kemm mill-istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll min-negozji, għadhom kwistjoni endemika f'Malta. Malta għandha waħda mill-aktar intensitajiet baxxi ta' RuŻ fl-UE. In-nefqa domestika grossa tagħha fuq ir-RuŻ kienet biss ta' 0,64 % tal-PDG tagħha fl-2021 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 2,26 %. In-nefqa pubblika fuq ir-RuŻ ilha staġnata mill-2010, filwaqt li n-nefqa tal-intrapriżi tan-negozju fuq ir-riċerka u l-iżvilupp kibret biss bi ftit matul l-aħħar għaxar snin u naqset fl-2021. Is-sehem tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jintroduċu innovazzjonijiet tal-prodotti naqas ukoll bejn l-2015 u l-2022. Barra minn hekk, il-livell ta' appoġġ finanzjarju tal-gvern għar-RuŻ privati huwa baxx f'Malta, u naqas matul l-aħħar 10 snin. Il-RRP Malti ma jinkludi l-ebda investiment fir-RuŻ, u minflok l-awtoritajiet Maltin beħsiebhom jużaw il-fondi ta' koeżjoni. Madankollu, l-investimenti fir-RuŻ li Malta qed tippjana li tappoġġa bi flus mill-fondi ta' koeżjoni jidhru li mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqas ta' investiment fir-RuŻ f'Malta.

In-nuqqas ta' talent tas-sengħa jkompli jfixkel il-prestazzjoni tas-sistema Maltija tar-riċerka u l-innovazzjoni. Għalkemm il-pajjiż għandu sehem kbir ta' gradwati tal-ICT u speċjalisti tal-ICT, l-għadd ta' gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija għal kull elf popolazzjoni ta' bejn 25 u 34 sena naqas mill-2010 u issa huwa ferm taħt il-medja tal-UE (Malta tinsab fis-sitta u għoxrin post fost l-Istati Membri tal-UE f'din il-miżura). Bl-istess mod, il-proporzjon ta' Malta tal-persunal tar-RuŻ bħala perċentwal tal-popolazzjoni attiva tagħha kien inqas minn nofs il-medja tal-UE (ara l-Anness 1). Id-diffikultà biex jinstabu ħaddiema tas-sengħa, inklużi speċjalisti tal-ICT, hija rrappurtata bħala tħassib sinifikanti għan-negozji Maltin (ara l-Annessi 10 u 12). In-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa jista'

([10]) "Kumpanija residenti mhux domiċiljata" tirreferi għal kumpanija inkorporata f'pajjiż partikolari iżda amministrata b'mod effettiv f'Malta. Minħabba li d-ditta tkun inkorporata barra mill-pajjiż, Malta tintaxxa biss profitti li jkunu ġew realizzati jew imħallsa f'Malta, filwaqt li l-profitti barranin li ma jkunux ġew imħallsa f'Malta mhumiex soġġetti għat-taxxa f'Malta, li jwassal għal sitwazzjoni ta' nontassazzjoni doppja.

jittaffa billi tittejjeb il-kwalità tas-sistema edukattiva (ara l-Anness 14), jitnaqqsu r-rekwiżiti għall-professjonijiet regolati, u tiġi żviluppata sistema edukattiva effettiva u komprensiva (li tibda mill-iskola primarja u tasal sal-ogħla livelli ta' edukazzjoni) biex tattira persuni b'talent lejn karrieri xjentifiċi u teknoloġiċi, iżżommhom f'dawn l-oqsma, u tiżviluppa l-ħiliet tagħhom.

Hemm lok għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-akkademja u n-negozju. Malta hija wieħed mill-Istati Membri tal-UE bl-inqas sehem ta' riċerka u innovazzjoni pubblika ffinanzjata min-negozji. Barra minn hekk, il-kopubblikazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi-privati f'Malta bħala proporzjon mill-pubblikazzjonijiet kollha, għalkemm żdiedu fl-2021, għadhom taħt il-livell tagħhom tal-2019 u kemxejn taħt il-medja tal-UE.

L-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs

Minkejja kundizzjonijiet ta' impjieg favorevoli, in-nisa u l-persuni b'diżabilità għadhom jesperjenzaw diffikultajiet fis-suq tax-xogħol. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, għalkemm qed tonqos b'rata mgħaġġla f'dawn l-aħħar għaxar snin, għadha waħda mill-akbar fl-UE (13,1 pps vs 10,6 pps tal-UE fl-2022) u din id-differenza tiżdied mal-età. Ir-rata ta' impjieg tan-nisa ta' bejn il-55 u l-64 sena hija partikolarment baxxa (ara l-Graff 3.3). Dan jissarraf f'waħda mill-akbar diskrepanzi fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri fl-UE (bin-nisa Maltin jirċievu pensjonijiet li huma 46 % inqas mill-irġiel Maltin kontra diskrepanza medja tal-UE ta' 25,9 % fl-2021). Il-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu impjieg, u d-diskrepanza fl-impjiegi minħabba d-diżabilità hija ta' 27 pps (meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 23,1 pp fl-2021). Hemm lok għat-tisħiħ ta' politiki mmirati biex jgħinu lin-nisa u lill-persuni b'diżabilità jsibu xogħol. L-implimentazzjoni ta' miżuri fl-Istrateġija aġġornata dwar l-Impjiegi; u azzjonijiet kemm biex tittejjeb l-edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali kif ukoll biex tingħata spinta lill-impjegabbiltà fl-RRP ta' Malta jmorru fid-direzzjoni t-tajba u jikkontribwixxu għall-progress ta' Malta lejn il-mira tal-impjiegi tagħha għall-2030.

Graff 3.3: **Rata ta' impjieg skont il-grupp ta' età u l-ġeneru dettaljati**



Sors: il-Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol

B'mod ġenerali, l-indikaturi f'Malta huma taħt il-medja tal-UE, iżda għadhom għoljin għal gruppi żvantaġġjati speċifiċi. Il-proporzjon ta' nies Maltin f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kien ta' 20,3 % fl-2021, li huwa ftit anqas mill-medja tal-UE (21,7 %). Madankollu, din ir-rata baqgħet għolja fost iċ-ċittadini mhux tal-UE (30,4 %), l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet (30,3 %), il-persuni li għandhom aktar minn 65 sena (29,9 %), in-nisa (32,3 %) u l-persuni b'diżabilità (33,4 %). Għalkemm is-sehem ta' tfal f'Malta f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali għadu taħt il-medja tal-UE, it-tfal ta' ġenituri waħedhom jew tfal b'ġenituri b'livell baxx ta' ħiliet jiffaċċjaw riskju akbar. Il-miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju tal-faqar fost il-gruppi żvantaġġati jkomplu jgħinu lil Malta tilħaq il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-faqar sal-2030.

L-inugwaljanza fl-introjtu żdiedet matul l-aħħar 10 snin u issa hija ogħla mill-medja tal-UE. Fl-2021, is-sehem tal-introjtu totali riċevut mill-20 % tal-popolazzjoni bl-ogħla introjtu kien 5,03 darbiet ogħla (UE: 4,97 fl-2021) mis-sehem riċevut mill-20 % tal-popolazzjoni bl-inqas introjtu, meta mqabbel mal-4,69 darbiet fl-2020 u l-4,01 darbiet fl-2011. L-impatt ta' tnaqqis tal-faqar tat-

trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) tjieb fl-2021 iżda għadu 26,2 % (vs 37,1 % tal-UE), wieħed mill-aktar baxxi fl-UE (ara l-Anness 14).

Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (early childhood education and care , ECEC) qed tonqos, u r-riżultati insuffiċjenti mill-istudenti għadhom konsiderevoli. L-iskema ta' kura tat-tfal mingħajr ħlas imnedija fl-2014 għal ġenituri li jaħdmu jew jistudjaw wasslet għal titjib sinifikanti[11] fil-parteċipazzjoni f'ECEC formali ta' tfal taħt l-età ta' tliet snin. Madankollu, il-pandemija reġġgħet lura din ix-xejra u r-rata kienet ta' 24 % fl-2021, b'mod sinifikanti taħt il-medja tal-UE (36,6 %) u r-rata ta' parteċipazzjoni proprja fl-ECEC ta' Malta fl-2019 (38,3 %). Bl-istess mod, il-parteċipazzjoni ta' tfal ta' tliet snin jew aktar fl-ECEC rat wieħed mill-akbar tnaqqis fl-UE għal 89,1 % fl-2020 (UE: 93 %) minn 96,9 % fl-2015. Il-proporzjon ta' żgħażagħ ta' 15-il sena f'Malta li ma kisbux biżżejjed fit-tliet oqsma tal-PISA (Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti) huwa fost l-ogħla fl-UE (22,6 % vs 13,2 %). L-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti għandu impatt konsiderevoli fuq l-eżiti tal-edukazzjoni f'Malta (ara l-Anness 15). L-estensjoni tal-iskema tal-kura tat-tfal mingħajr ħlas għal kulħadd, irrispettivament mill-istatus tax-xogħol tagħhom, kif ukoll l-investiment f'tagħlim ta' kwalità għolja jistgħu jikkontribwixxu għal eżiti mtejba fl-edukazzjoni u għal sistema edukattiva aktar ekwa.

It-titjib tal-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja

L-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja Maltija, evidenzjata mit-tul tal-proċedimenti, kompliet tiddeterjora. Iż-żmien stmat meħtieġ biex jiġu riżolti kawżi amministrattivi fil-qrati tal-prim'istanza f'Malta (1 356 jum) huwa l-itwal fl-UE, u ż-żmien stmat meħtieġ biex jiġu solvuti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi għadu ferm ogħla mill-medja tal-UE (ara l-Anness 13).

Nuqqas ta' riżorsi qed ixekkel l-effiċjenza u l-kwalità tal-ġustizzja. Sa mill-bidu tal-2021, l-għadd ta' mħallfin u maġistrati żdied b'disgħa (minn total ta' 42); ħamsa minnhom ġew miżjuda skont l-RRP ta' Malta. Minkejja dan, il-ġudikatura qed tappella għal aktar ħatriet minħabba ammont dejjem akbar ta' kawżi, b'mod partikolari dwar kawżi ċivili u kriminali. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' spazju għall-uffiċċji u għall-awli tal-qrati [12] u n-nuqqas ta' persunal b'ħiliet speċjalizzati li jappoġġaw lill-ġudikatura jkomplu jikkawżaw problemi. Dawn il-preokupazzjonijiet wasslu lill-Kummissjoni biex toħroġ rakkomandazzjoni lil Malta fir-Rapport tagħha tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt.

Prattiċi tax-xogħol skaduti u sigħat ristretti għas-seduti tal-qorti huma kkwotati bħala kawża ta' dewmien fil-qorti. L-użu ta' mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim [13] li jistgħu jgħinu biex jittaffa l-għadd ta' kawżi li jidħlu fil-qrati għadu limitat ħafna f'Malta.

Malta ma għandhiex proċedura formalizzata għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess leġiżlattiv [14]. Il-possibbiltà ta' konsultazzjoni sinifikanti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti ttejjeb ukoll il-kwalità tal-leġiżlazzjoni.

([11]) Ir-rata żdiedet minn 18,2 % fl-2014 għal 38,3 % fl-2019. ()

([12]) L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u tal-Maġistrati ta' Malta kkummentat dwar "in-nuqqas akut ta' spazju adegwat, [...] u ddefinixxiet is-sitwazzjoni bħala kritika"; Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni Ewropea. ()

([13]) Is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (alternative dispute resolution, ADR) tagħmilha possibbli li jiġi solvut ilment ta' tilwim barra mill-qorti bl-għajnuna ta' korp imparzjali għas-soluzzjoni tat-tilwim. Eżempji tal-ADR jinkludu: il-bordijiet tal-medjazzjoni, il-konċiljazzjoni, l-arbitraġġ u l-ilmenti. ()

([14]) Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni Ewropea. ()

SEJBIET EWLENIN

L-RRP ta' Malta jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati sensiela ta' sfidi strutturali permezz ta':

- it-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja, it-tisħiħ tal-pulizija u s-servizzi tal-prosekutur pubbliku, u t-titjib tal-oqfsa kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus;
- it-tnaqqis tal-proporzjon għoli ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola u ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet u ż-żieda fil-kwalità, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u l-inklużività tas-sistema edukattiva;
- it-tisħiħ tad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku;
- it-trawwim tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa;
- it-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku, it-titjib tal-kwalità tat-trasport pubbliku, it-titjib tal-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u l-mixi, u l-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq;
- it-titjib tal-ġestjoni tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni u r-riorganizzazzjoni tal-ġbir tal-iskart;
- ir-rinnovazzjoni ta' bini kummerċjali u pubbliku, inkluż sptar wieħed u żewġ skejjel.

Jenħtieġ li Malta tkompli l-implimentazzjoni kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, u bla dewmien tiffinalizza l-addendum inkluż il-kapitolu REPowerEU, bil-ħsieb li tinizjala malajr l-implimentazzjoni tiegħu.

Lil hinn mir-riformi u l-investimenti fl-RRP, Malta tibbenefika minn:

- titjib tal-indipendenza enerġetika, tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (b'mod partikolari mit-trasport u permezz tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika fil-bini), żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli, u mmodernizzar tal-grilja tal-enerġija;
- trażżin tal-estrazzjoni żejda tal-ilma ta' taħt l-art, żieda fil-kisba tal-ilma tax-xita, żieda fil-prevenzjoni tal-iskart, żieda fir-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali, u titjib tal-bijodiversità;
- indirizzar tal-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;
- tisħiħ tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet, tas-saħħa u tal-kura fit-tul, filwaqt li tinżamm l-adegwatezza tagħhom;
- trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni billi jiżdiedu l-investimenti u titjieb il-kapaċità tar-riżorsi umani;
- promozzjoni tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika;
- tisħiħ ta' politiki mmirati biex jgħinu lin-nisa u lill-persuni b'diżabilità jsibu xogħol;
- żgurar ta' protezzjoni soċjali adegwata u effettiva għall-gruppi żvantaġġati u t-trawwim tal-inklużjoni soċjali tat-tfal;
- is-sistema tal-ġustizzja ssir aktar effiċjenti biex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti tal-qorti.

ANNESSI

Indikaturi trasversali 21

A1. Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 21

A2. Progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 23

A3. Il-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza – Ħarsa Ġenerali 26

A4. Strumenti oħra tal-UE għall-irkupru u t-tkabbir 28

A5. Reżiljenza 31

Is-Sostenibbiltà ambjentali 32

A6. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew 32

A7. Is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija 38

A8. It-Tranżizzjoni ġusta għan-newtralità klimatika 43

Il-Produttività 46

A9. Il-produttività tar-riżorsi, l-effiċjenza u ċ-ċirkolarità 46

A10. It-Trasformazzjoni Diġitali 49

A11. L-Innovazzjoni 52

A12. L-industrija u s-suq uniku 55

A13. L-Amministrazzjoni pubblika 60

Ekwità 62

A14. L-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi tal-politika soċjali fid-dawl tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali 62

A15. L-edukazzjoni u t-taħriġ 65

A16. Is-saħħa u s-sistemi tas-saħħa 67

A17. Prestazzjoni ekonomika u soċjali fil-livell reġjonali 69

Stabbiltà Makroekonomika 71

A18. Żviluppi ewlenin fis-settur finanzjarju 71

A19. It-Tassazzjoni 73

A20. Tabella b'indikaturi ekonomiċi u finanzjarji 75

A21. Analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn 77

LISTA TA' TABELLI

A2.1. Tabella ta' sommarju dwar is-CSRs tal-2019-2022 24

A3.1. Elementi ewlenin tal-RRP(s) ta' Malta 26

A5.1. Indiċijiet ta' reżiljenza li jiġbru fil-qosor is-sitwazzjoni fid-dimensjonijiet u l-oqsma tal-RDB 31
A6.1. Indikaturi li jsegwu l-progress fil-Patt Ekoloġiku Ewropew minn perspettiva makroekonomika 36
A7.1. Indikaturi ewlenin tal-enerġija 41
A8.1. Indikaturi ewlenin għal tranżizzjoni ġusta f'Malta 45
A9.1. Indikaturi ġenerali u sistemiċi dwar iċ-ċirkolarità 47
A10.1. Miri ewlenin tad-Deċennju Diġitali mmonitorjati mill-indikaturi tad-DESI 51
A11.1. Indikaturi tal-innovazzjoni ewlenin 54
A12.1. L-industrija u s-suq uniku 58
A13.1. L-indikaturi tal-amministrazzjoni pubblika 61
A14.1. It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ta' Malta 62
A14.2. Is-sitwazzjoni ta' Malta fir-rigward tal-miri tal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar 63
A15.1. Il-miri fil-livell tal-UE u l-indikaturi kuntestwali oħra skont il-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni 66
A16.1. Indikaturi tas-saħħa ewlenin 68
A17.1. Indikaturi magħżula fil-livell tar-reġjun f'Malta 69
A18.1. Indikaturi tas-sodezza finanzjarja 72
A19.1. Indikaturi tat-tassazzjoni 73
A20.1. Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin 75
A21.1. Analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn - Malta 79
A21.2. Mappa ewlenija tar-riskji għas-sostenibbiltà fiskali - Malta 79

LISTA TA' GRAFFS

A1.1. Progress lejn l-SDGs f'Malta f'dawn l-aħħar 5 snin 21
A2.1. Il-progress ta' Malta fuq is-CSRs tal-2019-2022 (iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2023) 23
A3.1. Għotjiet totali żborżati bl-RRF 27
A3.2. Status tal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri 27
A3.3. Żborżi għal kull pilastru 27
A4.1. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 f'Malta: baġit skont il-fond 28
A4.2. Sinerġiji bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-RRF mas-sitt pilastri tagħha f'Malta 28
A4.3. Il-kontribuzzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-SDGs fl-2014-2020 u fl-2021-2027 f'Malta 29
A6.1. Tematika - emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi f'Mt CO2eq, 2005-2021 32
A6.2. It-taħlita tal-elettriku (ta' fuq) u t-taħlita tal-enerġija (fil-qiegħ), 2021 33
A6.3. Tematika - ħtiġijiet ta' investiment ambjentali u investiment attwali, p.a. 2014-2020 34
A7.1. Il-prezzijiet tal-enerġija bl-imnut ta' Malta għall-industrija (l-ogħla livell) u għall-unitajiet domestiċi (isfel) 39
A8.1. Sfidi għat-tranżizzjoni ġusta f'Malta 43
A9.1. Tendenza fl-użu tal-materjali 47
A9.2. Trattament ta' skart muniċipali 47
A11.1. L-intensità tar-RuŻ fl-2021 52
A11.2. Gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija għal kull popolazzjoni ta' elf ta' bejn il-25 u l-34 sena fl-2020 52
A12.1. Il-produttività għal kull persuna skont is-settur 55
A12.2. Ishma ta' esportazzjonijiet ta' servizzi 55
A12.3. L-ixprunaturi tal-ambjent tan-negozju u tal-produttività 57
A13.1. Livell ta' kisba ta' edukazzjoni għolja (f'perċentwali) ta' dawk bejn il-25 u l-64 sena skont is-settur u l-okkupazzjoni 60
A13.2. Indikatur tal-maturità tad-data tal-gvern miftuħa: Punteġġi tal-2022 (% tal-punteġġ massimu totali) (rhs); klassifikazzjoni tal-pajjiżi, punteġġ globali (lhs) 61
A16.1. L-istennija tal-għomor mat-twelid (snin) 67
A16.2. Iż-żieda pproġettata fin-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa matul l-2019–2070 67
A17.1. Il-PDG per capita (2021), il-produttività (2021) u t-tkabbir tal-PDG per capita (2011–2020) - Malta 69
A18.1. Evoluzzjoni tal-attività ta' kreditu skont is-settur 71
A19.1. Porzjon ta' taxxa għal dawk li jaqilgħu paga waħda u t-tieni sors ta' dħul bħala % tal-ispejjeż totali tax-xogħol, 2022 73
A19.2. Dividendi totali li joħorġu mill-Istati Membri f'% tal-PDG, 2021 74

Dan l-Anness jivvaluta l-progress ta' Malta fl-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) tul l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Is-17-il SDG u l-indikaturi relatati tagħhom jipprovdu qafas ta' politika skont l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-għan huwa li jintemmu l-forom kollha ta' faqar, jiġu miġġielda l-inugwaljanzi u jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma kommessi favur dan il-ftehim qafas globali storiku u lesti li jaqdu rwol attiv fil-massimizzazzjoni tal-progress fuq l-SDGs. Il-Graff hawn taħt hija bbażata fuq is-sett ta' indikaturi tal-SDGs tal-UE li ġie żviluppat biex jimmonitorja l-progress fuq l-SDGs f'kuntest tal-UE.

Filwaqt li Malta qed titjieb fuq uħud mill-indikaturi tal-SDG relatati mas-*sostenibbiltà ambjentali* (SDGs 2,9,11,12), qed titbiegħed mill-SDG 7 (Enerġija affordabbli u nadifa). Malta għandha prestazzjoni tajba fuq l-SDG 14 (Ħajja taħt l-ilma). Madankollu, jeħtieġ li tlaħħaq mal-medja tal-UE dwar l-SDG 13 (Azzjoni klimatika). Għalkemm il-konsum tal-enerġija per capita ta' Malta huwa taħt il-medja tal-UE, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija (12,2 %) huwa ferm inqas mill-medja tal-UE (21,8 % fl-2021). Fir-rigward tal-enerġija affordabbli (SDG 7), il-perċentwal tal-popolazzjoni Maltija li ma tistax iżżomm djarha sħuna b'mod adegwat huwa ogħla (7,8 % fl-2021) mill-medja tal-UE (6,9 %) u ddeterjora mill-2016 (6,6 %). Il-ġenerazzjoni tal-iskart per capita kienet ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE fl-2021 (5 823 kg vs. 4 813 kg) u r-rata ta' riċiklaġġ għall-iskart muniċipali hija inqas minn terz tal-medja tal-UE (13,6 % imqabbel mad-49,6 % għall-UE fl-2021). Diversi miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, RRP) għandhom l-għan li

Graff A1.1: **Progress lejn l-SDGs f'Malta f'dawn l-aħħar 5 snin**



Għal seta tad-*data* dwar l-SDGs varji, ara r-rapport annwali tal-Eurostat '<u>Sustainable development in the European Union</u>': għal dettalji dwar *data* estensiva speċifika għall-pajjiżi fejn jidħol il-progress fuq perjodu qasir fl-Istati Membri: <u>Key findings - Sustainable development indicators - Eurostat (europa.eu)</u>. L-istatus ta' kull SDG f'pajjiż huwa l-aggregazzjoni tal-indikaturi kollha għall-għan speċifiku mqabbla mal-medja tal-UE. Status għoli ma jfissirx li l-pajjiż ikun qrib li jilħaq SDG speċifiku, iżda jindika li jkun sejjer aħjar mill-medja tal-UE. Il-punteġġ tal-progress huwa miżura assoluta bbażata fuq ix-xejriet fl-indikaturi matul l-aħħar 5 snin. Il-kalkolu ma jiħux kunsiderazzjoni ta' xi valuri ta' mira peress li l-biċċa l-kbira tal-miri ta' politika tal-UE huma validi biss għal-livell aggregat tal-UE. Skont id-*data* disponibbli għal kull mira, mhux is-17-il SDG kollha għal kull pajjiż qed jidhru.
Sors: Eurostat, l-aktar *data* reċenti, ħlief għall-indikaturi tal-Labour Force Survey tal-UE maħruġa fis-27 ta' April 2023. Id-*data* tirreferi għall-2015-2021 jew għall-2017-2022.

jikkontribwixxu għal effiċjenza enerġetika aħjar, enerġija nadifa, trasport sostenibbli, u ekonomija ċirkolari. Eżempji jinkludu r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika ta' bini privat u pubbliku, investimenti fl-enerġija rinnovabbli fit-toroq u fl-ispazji pubbliċi, miżuri li jippromwovu l-mobilità sostenibbli, u miżuri li jtejbu l-ġestjoni tal-iskart u jżidu r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid, inkluż tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni.

Filwaqt li fuq il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tal-SDG relatati mal-*ekwità*, Malta għandha prestazzjoni tajba (SDGs 3 u 8) jew qed titjieb (SDGs 4 u 5), qed titbiegħed mill-SDGs dwar l-indirizzar tal-faqar u l-inugwaljanzi (SDGs 1 u 10). Malta għandha prestazzjoni tajba fl-indikaturi relatati mas-saħħa (SDG 3) bi ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati awtodikjarati baxxi ħafna (0,1 % fl-2021 meta mqabbla mat-2 % għall-UE). Dwar l-SDG 4 (Edukazzjoni ta' kwalità), Malta naqqset b'mod sinifikanti s-sehem tagħha ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, li naqas minn 14 % (2017) għal 10,1 % fl-2022, għalkemm għadu ogħla mill-medja tal-UE (9,6 %). Għad hemm lok għal titjib tal-livelli tal-ħiliet bażiċi (35,9 % ta' dawk li għandhom 15-il sena bi prestazzjoni baxxa fil-qari meta mqabbla mat-22,5 % fl-UE fil-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (Programme for International Student Assessment, PISA) 2018). Is-sehem tat-tfal ta' aktar minn 3 snin fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal naqas b'mod konsiderevoli minn 96,9 % fl-2015 għal 89,1 % fl-2021 u issa huwa taħt il-medja tal-UE (93%). Barra minn hekk, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (SDG 5) hija partikolarment wiesgħa f'Malta (13,1-il punt perċentwali (pp) meta mqabbla mal-10,7 pp għall-UE fl-2022). Ir-riformi u l-investimenti bl-RRP Malti jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-miżuri ta' prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u l-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità, l-espansjoni tal-opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-adulti kollha, u b'mod partikolari għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet, kif ukoll il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

Dwar l-indikaturi tal-SDG relatati mal-*produttività*, Malta għandha prestazzjoni tajba (SDG 8) jew qed titjieb (SDGs 4 u 9). Malta żiedet b'mod kostanti r-rata tal-edukazzjoni terzjarja tagħha minn 34,9 % fl-2017 għal 42,4 % fl-2022 (meta mqabbla mat-42 % għall-UE). Barra minn hekk, kemm il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment (12,8 %) kif ukoll il-perċentwal ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (SDG 4; 61,2 %) huma ogħla mill-medja tal-UE (11,9 % u 53,9 %, rispettivament). Madankollu, fir-rigward tal-innovazzjoni (SDG 9), is-sistema Maltija tar-riċerka u l-innovazzjoni tbati minn nuqqas ta' investiment kif muri mill-indikatur dwar in-nefqa domestika grossa fuq ir-RuŻ (0,64 % tal-PDG fl-2021 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 2,26 %) u s-sehem tal-persunal tar-RuŻ (0,69 % tal-popolazzjoni attiva fl-2021 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 1,5 %). L-RRP jimmira lejn konġestjonijiet rigward id-diġitalizzazzjoni biex jittejjeb il-progress biex jintlaħaq l-SDG 9 (Industrija, innovazzjoni u infrastruttura).

Malta għandha prestazzjoni tajba ħafna fuq l-indikaturi tal-SDGs relatati mal-*istabbiltà makroekonomika* (SDG 8 u 16). Malta kompliet iżżid ir-rata tal-impjiegi minn 73 % fl-2017 għal 81,1 % fl-2022, li hija għolja ħafna meta mqabbla mal-medja tal-UE (74,6 % fl-2022). Is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ huwa, b'7.2 % fl-2022, taħt il-medja tal-UE (11,7 %) u l-qgħad fit-tul huwa baxx ħafna (1 % kontra t-2,4 % għall-UE fl-2022). Barra minn hekk, Malta hija ogħla mill-medja tal-UE u qed tkompli titjieb fir-rigward tal-SDG 16 (Paċi, ġustizzja, u istituzzjonijiet b'saħħithom). Madankollu, Malta għandha punteġġ agħar mill-UE fir-rigward tal-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni (51 meta mqabbla ma' 64 fl-UE, b'0 li huma korrotti ħafna u 100 li huma nodfa ħafna). L-RRP jinkludi riformi biex jiġu indirizzati diversi sfidi istituzzjonali li ilhom jeżistu fl-oqsma tal-ġustizzja kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus.

Billi l-SDGs jiffurmaw qafas ġenerali, kull rabta mal-SDGs rilevanti hija spjegata jew murija b'ikoni fl-Annessi l-oħra.

Il-Kummissjoni vvalutat ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi 2019-2022 (country-specific recommendations, CSRs) ([29]) indirizzati lil Malta fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika li huma relatati ma' 13 mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (ara l-Annessi 1 u 3). Il-valutazzjoni tqis l-azzjoni ta' politika meħuda minn Malta sal-lum ([30]), kif ukoll l-impenji fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) ([31]). F'dan l-istadju tal-implimentazzjoni tal-RRP, 56 % tas-CSRs li jiffukaw fuq kwistjonijiet strutturali fl-2019-2022 irreġistraw mill-anqas "xi progress", filwaqt li 44 % irreġistraw "progress limitat" (ara l-Graff A2.1). Hekk kif l-RRP jiġi implimentat aktar, fis-snin li ġejjin huwa mistenni progress konsiderevoli fl-indirizzar tas-CSRs strutturali.

Graff A2.1: **Il-progress ta' Malta fuq is-CSRs tal-2019-2022 (iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2023)**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

([29]) CSRs tal-2022: EUR-Lex - 32022H0901(18) - MT - EUR-Lex (europa.eu)

CSRs tal-2021: EUR-Lex - 32021H0729(18) - MT - EUR-Lex (europa.eu)

CSRs tal-2020: EUR-Lex - 32020H0826(18) - MT - EUR-Lex (europa.eu)
CSRs tal-2019: EUR-Lex - 32019H0905(18) - MT - EUR-Lex (europa.eu)

([30]) Inkluża l-azzjoni ta' politika rrapportata fil-programm nazzjonali ta' riforma u fir-rapportar tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) (rapportar darbtejn fis-sena dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri u li jirriżulta mill-valutazzjoni tat-talbiet għal pagament). ()

([31]) L-Istati Membri ntalbu jindirizzaw b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom li nħarġu mill-Kunsill fl-2019 u fl-2020 fl-RRPs tagħhom. Il-valutazzjoni tas-CSR ippreżentata hawnhekk tqis il-grad ta' implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fl-RRP u ta' dawk li saru barra mill-RRP matul il-valutazzjoni. Il-miżuri previsti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill adottata dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP li għadhom ma ġewx adottati jew implimentati iżda li huma meqjusa bħala mħabbra b'mod kredibbli, f'konformità mal-metodoloġija ta' valutazzjoni tas-CSR, jiġġustifikaw "progress limitat". Ladarba jiġu implimentati, dawn il-miżuri jistgħu jwasslu għal "xi progress/progress sostanzjali" jew "implimentazzjoni sħiħa", skont ir-rilevanza tagħhom.

Tabella A2.1: **Tabella ta' sommarju dwar is-CSRs tal-2019-2022**

Malta	Valutazzjoni f'Mejju 2023*	Kopertura tal-RRP tas-CSRs sal-2026**	SDGs rilevanti
2019 CSR 1	**Progress limitat**		
Tiżgura s-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjonijiet, inkluż billi tillimita l-irtirar bikri u taġġusta l-età statutorja tal-irtirar minħabba li huwa mistenni li l-istennija tal-għomor tiżdied.	Progress limitat	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2022 sal-2025.	SDG 3, 8
2019 CSR 2	**Xi progress**		
Tindirizza l-karatteristiċi fis-sistema tat-taxxa li jistgħu jiffaċilitaw ippjanar aggressiv tat-taxxa minn individwi u kumpaniji multinazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' pagamenti diretti 'l barra mill-pajjiż.	Progress limitat	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2022 sal-2024.	SDG 8, 16
Issaħħaħ il-qafas globali ta' governanza, inkluż billi tkompli l-isforzi biex tinkixef il-korruzzjoni u jinfetħu kawżi għall-każijiet ta' korruzzjoni.	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2020 sal-2026.	SDG 16
Tkompli bil-progress li qed isir dwar it-tisħiħ tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus, b'mod partikolari rigward l-infurzar.	Progress sostanzjali	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2022 sal-2023.	SDG 8, 16
Issaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura, b'mod partikolari s-salvagwardji għall-ħatriet ġudizzjarji u għas-sensji, u tistabbilixxi servizz ta' prosekuzzjoni separat.	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2026.	SDG 16
2019 CSR 3	**Xi progress**		
Tiffoka l-politika ekonomika marbuta mal-investiment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni,	Progress limitat	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2022 sal-2026.	SDG 9
ġestjoni tar-riżorsi naturali,	Progress limitat	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2025.	SDG 6, 12, 15
riżorsi u effiċjenza enerġetika,	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2026.	SDG 7, 9, 13
trasport sostenibbli, it-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku u	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2025.	SDG 11
l-edukazzjoni u t-taħriġ inklussiv.	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2025.	SDG 4, 8, 10
2020 CSR 1	**Xi progress**		
Tieħu l-miżuri kollha meħtieġa f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru sussegwenti. Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali li għandhom l-għan li jiksbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u tiżgura s-sostenibbiltà fejn jidħol id-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investiment;	Mhux aktar rilevanti	Mhux applikabbli	SDG 8, 16
Issaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, tal-prodotti mediċi kritiċi u tal-kura primarja.	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2026.	SDG 3
2020 CSR 2	**Progress limitat**		
Tikkonsolida l-arranġamenti għal xogħol b'ħinijiet iqsar u tiżgura l-adegwatezza tal-protezzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema kollha.	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2022.	SDG 1, 2, 8, 10
Issaħħaħ il-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.	Progress limitat	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2025.	SDG 4, 8, 10
2020 CSR 3	**Xi progress**		
Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' appoġġ ta' likwidità għal negozji affettwati, fosthom ta' dawk li jaħdmu għal rashom.	Substantial progress	Not applicable	SDG 8, 9
Tiffinanzja proġetti maturi ta' investiment pubbliku maturi, u tippromwovi l-investiment privat	Progress sostanzjali	Not applicable	SDG 8, 16
u tippromwovi l-investiment privat biex trawwem l-irkupru ekonomiku.	Xi progress	Not applicable	SDG 8, 9
Tiffoka l-investimenti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nadif u effiċjenti tal-enerġija	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2026.	SDG 7, 9, 13
il-ġestjoni tal-iskart,	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2025.	SDG 11
ir-riċerka u l-innovazzjoni.	Progress limitat	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2022 sal-2026.	SDG 6, 12, 15
kif ukoll infrastruttura diġitali msaħħa biex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi essenzjali.	Progress limitat	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2021 sal-2026.	SDG 9
2020 CSR 4	**Xi progress**		
Tlesti r-riformi li jindirizzaw defiċjenzi kurrenti f'kapaċità istituzzjonali u fil-governanza biex tissaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja.	Xi progress	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2020 sal-2026.	SDG 16
Tkompli l-isforzi biex jiġu vvalutati u mtaffija b'mod xieraq ir-riskji tal-ħasil tal-flus u biex jiġi żgurat infurzar effettiv tal-qafas ta' kontra l-ħasil ta' flus.	Progress sostanzjali	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2022 sal-2023.	SDG 8, 16
Iżżid l-azzjoni biex jindirizza l-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn individwi u kumpaniji multinazzjonali.	Progress limitat	Miżuri rilevanti tal-RRP kif ippjanat mill-2022 sal-2024.	SDG 8, 16
✂ ✂ ✂ ✂	✂ ✂ ✂ ✂	✂ ✂ ✂ ✂	

(Tkompli fil-paġna li jmiss)

Tabella (tkompli)

2021 CSR 1	**Xi progress**		
Fl-2022, iżżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.	Progress sostanzjali	Mhux applikabbli	SDG 8, 16
Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fit-terminu medju u tiżgura s-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju.	Xi progress	Mhux applikabbli	SDG 8, 16
Fl-istess ħin, itejjeb l-investiment biex tagħti spinta lill-potenzjal tat-tkabbir.Tagħti attenzjoni partikolari lill-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi, kemm fuq in-naħa tad-dħul kif ukoll tan-nefqa tal-baġit, kif ukoll lill-kwalità tal-miżuri baġitarji, biex tiżgura rkupru sostenibbli u inklużiv.Tipprijoritizza investiment sostenibbli u li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari billi tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.	Xi progress	Mhux applikabbli	SDG 8, 16
Tagħti prijorità lil riformi strutturali fiskali li jgħinu biex jipprovdu finanzjament għall-prijoritajiet tal-politika pubblika u jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, inkluż billi ssaħħaħ il-kopertura, l-adegwatezza, u s-sostenibbiltà tas-saħħa u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali għal kulħadd.	Progress limitat	Mhux applikabbli	SDG 8, 16
2022 CSR 1	**Xi progress**		
Fl-2023, jiġi żgurat li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment ikun konformi ma' pożizzjoni politika ġeneralment newtrali, filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat li jibqa' jingħata lill-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna.Tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi.	Progress sostanzjali	Mhux applikabbli	SDG 8, 16
Tespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija billi tqis l-inizjattiva RePowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni.	Progress limitat	Mhux applikabbli	SDG 8, 16
Għall-perjodu ta' wara l-2023, issegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu ta' żmien medju.	Xi progress	Mhux applikabbli	SDG 8, 16
2022 CSR 2			
Tkompli bl-implimentazzjoni tal-pjan ta' irkupru u reżiljenza tagħha, f'konformità mal-kisbiet u l-miri inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021.	L-implimentazzjoni tal-RRP hija ssorveljata bil-valutazzjoni tat-talbiet ta' pagament tal-RRP u bl-analiżi tar-rapporti ppubblikati darbtejn fis-sena dwar il-kisbiet tal-istadji importanti u tal-miri. Dawn għandhom jiġu riflessi fir-rapporti għall-pajjiżi.		
Tippreżenta d-dokumenti ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 bil-ħsieb li tiffinalizza n-negozjati tagħhom mal-Kummissjoni u sussegwentement tibda l-implimentazzjoni.	Il-progress dwar id-dokumenti tal-ipprogrammar tal-politika ta' koeżjoni huwa ssorveljat skont il-politika ta' koeżjoni tal-UE		
2022 CSR 3	**Progress limitat**		
Tieħu azzjoni biex tindirizza b'mod effettiv il-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn individwi u kumpaniji multinazzjonali, inkluż billi tiżgura tassazzjoni suffiċjenti ta' pagamenti 'l barra ta' mgħax, royalties u dividendi, u temenda r-regoli għal kumpaniji mhux domiċiljati.	Progress limitat		SDG 8, 16
2022 CSR 4	**Progress limitat**		
Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili.	Xi progress		SDG 7, 9, 13
Taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, tippromwovi u tippermetti investimenti fl-enerġija mir-riħ u mix-xemx, inkluż f'impjanti tal-enerġija galleġġanti lil hinn mill-kosta.	Progress limitat		SDG 7, 9, 13
Ikompli ttejjeb in-network tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku ta' Malta, u li toħloq inċentivi għall-ħżin tal-elettriku biex tiġi pprovduta enerġija affidabbli, flessibbli u li tirrispondi malajr.	Progress limitat		SDG 7, 9, 13
Tnaqqas id-domanda għall-enerġija permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejba, b'mod partikolari fil-bini residenzjali.	Progress limitat		SDG 7
Tnaqqas l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq billi tiġi indirizzata l-konġestjoni tat-traffiku permezz ta' titjib fil-kwalità tas-servizz fit-trasport pubbliku, sistemi ta' trasport intelliġenti u investiment f'infrastruttura ta' mobbiltà ratba.	Progress limitat		SDG 11

Nota:
* Ara n-nota f'qiegħ il-paġna ([31]).
** Il-miżuri tal-RRP inklużi f'din it-tabella jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tas-CSRs. Madankollu, huma meħtieġa miżuri addizzjonali barra mill-RRP biex jiġu implimentati bis-sħiħ is-CSRs u jiġu indirizzati l-isfidi sottostanti tagħhom. Il-miżuri indikati bħala "li qed jiġu implimentati" huma biss dawk inklużi fit-talbiet għal pagament tal-RRF ivvalutati mill-Kummissjoni Ewropea.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF) hija ċ-ċentru tal-isforzi tal-UE biex tappoġġa l-irkupru tagħha mill-pandemija tal-COVID-19, tgħaġġel it-tranżizzjoni doppja u ssaħħaħ ir-reżiljenza kontra xokkijiet futuri. L-RRF tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-SDGs u tgħin biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (ara l-Anness 4). Malta ppreżentat il-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fit-13 ta' Lulju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-16 ta' Settembru 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2021, wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 316-il miljun f'għotjiet mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026.

Tabella A3.1: **Elementi ewlenin tal-RRP(s) ta' Malta**

Ambitu	pjan inizjali
Data ta' adozzjoni tas-CID	5 ta' Ottubru 2021
Allokazzjoni totali	EUR 316 miljun f'għotjiet (2.15% tal-PDG)
Investimenti u riformi	17-il investiment u 30 riforma
Ammont totali ta' stadji importanti u miri	138

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament RRF u l-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, l-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi kkawżaw tfixkil kbir madwar l-UE. Sabiex dan it-tfixkil jiġi indirizzat b'mod effettiv, ir-Regolament dwar l-RRF (aġġustat) jippermetti lill-Istati Membri jemendaw il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom għal diversi raġunijiet. F'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Malta ġiet aġġornata barra minn hekk fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 258 miljun f'għotjiet.

F'dan il-kuntest, Malta ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fis-26 ta' April 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF u minħabba ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. Biex tipprovdi għall-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta, Malta pproponiet li tnaqqas l-ammont ta' investiment wieħed u li tneħħi tliet investimenti inklużi fil-pjan inizjali relatat mas-sit tal-inżul tal-laneċ, id-diġitalizzazzjoni tal-faċilità outpatient fl-isptar ewlieni, u l-kampus tal-Istitut għall-Istudji dwar it-Turiżmu. F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, żewġ investimenti relatati mar-rinnovazzjoni tal-bini tas-settur privat u l-adozzjoni ta' vetturi elettriċi huma mmodifikati minħabba dewmien minħabba ċirkostanzi oġġettivi (pereż., fid-dawl ta' nuqqasijiet fil-provvista).

Il-RRP riveduta tinkludi kapitolu ġdid tar-REPowerEU b'riformi u investimenti addizzjonali. Dawn jinkludu riforma biex jitħaffef l-għoti ta' permessi għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli u biex jiġi introdott obbligu li jiġu installati pannelli solari fuq il-bjut fuq ċertu bini ġdid. L-RRP riveduta tinkludi wkoll investiment immirat lejn l-aġġornament u l-espansjoni tal-kapaċità tal-grilja tal-elettriku ta' Malta, inklużi soluzzjonijiet għall-ħżin tal-batteriji. Dan huwa parti mill-isforzi tal-UE biex twieġeb għat-tbatija ekonomika u għat-tfixkil fis-suq globali tal-enerġija kkawżati mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.

Il-progress ta' Malta fl-implimentazzjoni tal-pjan tagħha huwa ppubblikat fit-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza ([18]). It-Tabella ta' Valutazzjoni tagħti wkoll ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-RRF kollha kemm hi, b'mod trasparenti. Il-graffs f'dan l-Anness juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu minn Malta u sussegwentement ivvalutati bħala ssodisfati b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni.

Sa issa ġew żborżati EUR 93,43 miljun lil Malta bl-RRF. Il-Kummissjoni żborżat EUR 41,1 miljun lil Malta fi prefinanzjament fis-17 ta' Diċembru 2021, ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja.

([18]) https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Graff A3.1: **Għotjiet totali żborżati bl-RRF**



Nota: Din il-graff turi l-ammont ta' għotjiet żborżati sa issa bl-RRF. L-għotjiet huma kontribuzzjonijiet finanzjarji li ma jitħallsux lura. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru jiġi ddeterminat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-ispiża totali stmat tal-RRP rispettiv.
Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html

L-ewwel talba għal pagament ta' Malta ġiet ivvalutata b'mod pożittiv mill-Kummissjoni, filwaqt li tqieset l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, li wasslet għal żborż ta' EUR 52,3 miljun f'appoġġ finanzjarju (nett mill-prefinanzjament) fit-8 ta' Marzu 2023. Id-19-il stadju importanti u mira jkopru miżuri importanti bħall-adozzjoni ta' strateġija biex jitnaqqas l-iskart permezz tar-riċiklaġġ fis-settur tal-kostruzzjoni, l-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-uffiċċju li jippermettu li l-impjegati taċ-ċivil jaħdmu mill-bogħod fil-pajjiż kollu, riformi biex tingħata spinta lir-riċerka u l-investimenti industrijali, strateġija nazzjonali kontra l-frodi u l-korruzzjoni u riformi għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja.

Graff A3.2: **Status tal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri**



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri milħuqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira jintlaħqu b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprovda evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.
Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html

Graff A3.3: **Żborżi għal kull pilastru**



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastri ta' politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi bl-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastri. L-ammonti ġew ikkalkulati billi ġew konnessi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari mal-ittikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.
Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza: https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html?lang=mt

Il-baġit tal-UE ta' aktar minn EUR 1,2 triljun għall-2021-2027 huwa mmirat lejn l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin tal-UE. L-investiment tal-politika ta' koeżjoni jammonta għal EUR 392 biljun madwar l-UE u jirrappreżenta kważi terz tal-baġit globali tal-UE, inklużi madwar EUR 48 biljun investiti f'konformità mal-objettivi tar-REPowerEU.

Graff A4.1: **Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 f'Malta: baġit skont il-fond**



(1) miljun EUR fi prezzijiet attwali, % tat-total; (ammont totali inklużi l-finanzjament tal-UE u nazzjonali)
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Data Miftuħa dwar il-Koeżjoni

Fl-2021-2027, f'Malta, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni ([19]) **se jinvestu EUR 533 miljun fit-tranżizzjoni ekoloġika u EUR 75 miljun fit-trasformazzjoni diġitali bħala parti mill-allokazzjoni totali tal-pajjiż ta' EUR 1,2 biljun.** B'mod partikolari, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) se jsaħħaħ ir-RuI, id-diġitalizzazzjoni u l-kompetittività tal-SMEs. Se jtejjeb ukoll l-infrastruttura tan-negozju għal aktar minn 600 kumpanija u se jipprovdi servizzi ta' inkubazzjoni għal 50 kumpanija. Erbgħin fil-mija tal-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika se jmorru għall-enerġija, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-enerġija tal-pajjiż. Proġett notevoli huwa l-iżvilupp tat-tieni interkonnettur tal-elettriku mal-Italja fil-forma ta' kejbil b'vultaġġ għoli li jinsab taħt il-baħar. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta se jiffoka fuq id-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu, u se jgħin biex jittaffew il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. L-azzjonijiet se jkollhom l-għan li jtejbu s-saħħa u l-benesseri tal-komunitajiet li jgħixu fiż-żoni affettwati. Billi jipprovdi alternattiva li tirrispetta l-ambjent għall-bastimenti waqt l-irmiġġ, dan l-investiment se jgħin lil Malta tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) se jtejjeb il-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja bi EUR 53,5 miljun, u jiżviluppa ħiliet diġitali bi EUR 13,5-il miljun. Dan il-finanzjament se jgħin biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet permezz ta' għodod innovattivi ta' tagħlim u apprendiment diġitali, edukazzjoni inklużiva għal tfal vulnerabbli, u edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja f'oqsma ewlenin, inkluża l-ekonomija ekoloġika u diġitali.

Minn dawn l-investimenti, EUR 220 miljun se jiġu investiti f'konformità mal-objettivi tar-REPowerEU. Dan minbarra l-EUR 26 miljun iddedikati għar-REPowerEU bil-baġit 2014-2020. EUR 10 miljun (2021-2027) u EUR 12-il miljun (2014-2020) huma għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika; EUR 10 miljun (2021-2027) u EUR 14-il miljun (2014-2020) huma għall-enerġija rinnovabbli u r-RuI b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u EUR 200 miljun (2021-2027) huma għal sistemi intelliġenti tal-enerġija.

Graff A4.2: **Sinerġiji bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-RRF mas-sitt pilastri tagħha f'Malta**



(1) miljun EUR fi prezzijiet attwali, (Fondi CP: ammont totali inklużi l-finanzjament tal-UE u l-kofinanzjament nazzjonali)
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Fl-2014-2020, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni poġġew EUR 0,9 biljun disponibbli għal Malta ([20]) b'assorbiment ta' 75 %([21]). Inkluż

([19]) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Fund, JTF). Il-programmi Interreg huma esklużi. L-ammont totali jinkludi l-kontribuzzjonijiet nazzjonali u tal-UE. Sors tad-data: Data Miftuħa ta' Koeżjoni.

([20]) Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jinkludu l-FEŻR, il-FK, il-FSE u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (Youth Employment Initiative, YEI). Hawnhekk, il-programmi tal-ETC huma esklużi. Skont ir-"regola N+3", il-fondi impenjati għall-2014-2020 iridu jintefqu sa mhux aktar tard mill-2023. REACT-EU hija inkluża fiċ-ċifri kollha. Sors tad-data: Data Miftuħa ta' Koeżjoni.

il-finanzjament nazzjonali, l-investiment totali jammonta għal EUR 1 biljun - li jirrappreżenta madwar 0,7 % tal-PDG għall-2014-2020.

Malta tkompli tibbenefika mill-flessibbiltà tal-politika ta' koeżjoni biex tappoġġa l-irkupru, iżżid il-konverġenza u tipprovdi appoġġ vitali lir-reġjuni wara l-pandemija tal-COVID-19. L-istrument tal-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU)([22]) bin-NextGenerationEU jipprovdi EUR 122 miljun minbarra l-allokazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 għal Malta. REACT-EU se tiffinanzja investimenti fl-infrastruttura tal-kura tas-saħħa, fit-tagħmir, fit-teknoloġiji u fis-servizzi għat-titjib tar-reżiljenza tal-kura tas-saħħa. B'SAFE (Supporting Affordable Energy, Appoġġ għall-Enerġija Affordabbli), il-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 jistgħu jiġu mmobilizzati wkoll minn Malta biex jappoġġaw unitajiet domestiċi, impjiegi u kumpaniji vulnerabbli partikolarment affettwati minn prezzijiet għoljin tal-enerġija.

Graff A4.3: **Il-kontribuzzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-SDGs fl-2014-2020 u fl-2021-2027 f'Malta**



(1) ħames l-akbar kontribuzzjonijiet għall-SDGs f'miljuni (EUR) bil-prezzijiet attwali
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Kemm fil-perjodu 2014-2020 kif ukoll fil-perjodu 2021-2027, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni kkontribwew b'mod sostanzjali għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Dawn il-fondi jappoġġaw 11 mis-17-il SDG, b'mod partikolari l-SDG 7 "enerġija affordabbli u nadifa" u l-SDG 8 "xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku"([23]).

Fondi oħra tal-UE jagħmlu disponibbli riżorsi sinifikanti għal Malta. Il-politika agrikola komuni (PAK) għamlet EUR 149 miljun disponibbli fl-2014-2022, u se tkompli tappoġġa lil Malta b'EUR 122 miljun fl-2023-2027. Iż-żewġ Fondi tal-PAK (il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali), jikkontribwixxu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew filwaqt li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel fit-tul. Huma jippromwovu s-sostenibbiltà soċjali, ambjentali u ekonomika u l-innovazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, f'koordinazzjoni ma' Fondi oħra tal-UE. Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għamel EUR 23 miljun disponibbli għal Malta fl-2014-2020 u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura se jagħmel disponibbli EUR 22 miljun fl-2021-2027.

Malta tibbenefika wkoll minn programmi oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li bis-CEF 2 (2021–2027) sa issa allokat finanzjament tal-UE ta' EUR 21,76 miljun għal proġett speċifiku wieħed dwar networks strateġiċi tat-trasport. Bl-istess mod, Orizzont Ewropa sa issa alloka kważi EUR 19-il miljun għall-atturi Maltin tar-Rul, filwaqt li Orizzont 2020 alloka EUR 37 miljun. Il-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku stabbilita bil-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta tagħmel disponibbli EUR 1,8 miljun f'għotjiet ta' appoġġ fl-2021-2027, li se jiġu kkombinati ma' self mill-BEI.

Malta rċeviet appoġġ mill-istrument Ewropew għall-appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) biex tiffinanzja miżuri simili dwar skemi ta' xogħol b'ħinijiet aqsar biex ittaffi l-impatt tal-COVID-19. Il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lil Malta ta' EUR 420 miljun f'self, li appoġġa madwar 35 % tal-ħaddiema u 42 % tad-ditti fl-2020, u madwar 35 % tal-ħaddiema u d-ditti fl-2021.

L-istrument ta' Appoġġ Tekniku (Technical Support Instrument, TSI) jappoġġa lil Malta fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi li jsaħħu t-tkabbir, inkluża l-implimentazzjoni

([21]) Il-pagamenti tal-UE bil-politika ta' koeżjoni 2014-2020 mill-Istati Membri huma aġġornati kuljum fuq Cohesion Open Data.

([22]) Allokazzjoni REACT-EU fuq id-Data Miftuħa dwar il-Koeżjoni.

([23]) Fondi oħra tal-UE jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-SDGs. Fl-2014-2022, dan jinkludi kemm il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif ukoll il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, RRP) tagħha. Malta rċeviet appoġġ sinifikanti mill-2017, inkluż għal: l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva permezz ta' miżuri mmirati lejn l-użu aktar effiċjenti tad-data dwar it-taxxa, it-tfassil ta' strateġija sostenibbli għall-akkwakultura, u l-iżvilupp ta' strateġija diġitali għas-settur tal-ġustizzja([24]).

([24]) L-iskedi informattivi tal-pajjiżi dwar l-appoġġ għar-riforma jinsabu hawnhekk.

Dan l-Anness juri l-kapaċitajiet u l-vulnerabbiltajiet relattivi tar-reżiljenza ta' Malta bl-użu tad-dashboards tar-reżiljenza tal-Kummissjoni (resilience dashboards, RDB)()[25]. Dan jinkludi sett ta' 124 indikatur kwantitattiv, l-RDB jipprovdi indikazzjonijiet wiesgħa tal-kapaċità tal-Istati Membri li jagħmlu progress f'erba' dimensjonijiet interrelatati: soċjali u ekonomiċi, ekoloġiċi, diġitali u ġeopolitiċi. L-indikaturi juru vulnerabbiltajiet ([26]) u kapaċitajiet ([27]) li jistgħu jsiru dejjem aktar rilevanti, kemm biex jinnavigaw tranżizzjonijiet kontinwi kif ukoll biex ilaħħqu ma' xokkijiet futuri potenzjali. Għal dan il-għan, l-RDB jgħin biex jiġu identifikati oqsma li jeħtieġu aktar sforzi biex jinbnew ekonomiji u soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar reżiljenti. Dawn huma miġbura fil-qosor fit-Tabella A5.1 bħala indiċijiet sintetiċi tar-reżiljenza, li juru s-sitwazzjoni relattiva ġenerali għal kull waħda mill-erba' dimensjonijiet u l-oqsma sottostanti tagħhom għal Malta u għall-UE-27([28]).

Skont is-sett ta' indikaturi tar-reżiljenza bl-RDB, Malta ġeneralment turi livell simili ta' vulnerabbiltajiet meta mqabbel mal-medja tal-UE. Malta turi vulnerabbiltajiet kbar fid-dimensjoni ġeopolitika, vulnerabbiltajiet medju-għoljin fid-dimensjoni ekoloġika, u vulnerabbiltajiet medju-baxxi u baxxi fid-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi u diġitali tal-RDB. Għandha vulnerabbiltajiet ogħla mill-medja tal-UE fl-oqsma tal-"materja prima u l-provvista tal-enerġija" u l-"użu sostenibbli tar-riżorsi", fost l-oħrajn. Malta għandha vulnerabbiltajiet relattivament baxxi fir-rigward tas-"saħħa, l-edukazzjoni u x-xogħol", il-"mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih", u d-"diġitalizzazzjoni għall-ispazju personali, l-industrija u l-ispazju pubbliku".

Meta mqabbla mal-medja tal-UE, Malta turi livell kemxejn aktar baxx ta' kapaċitajiet fl-indikaturi kollha tal-RDB. B'mod ġenerali għandu kapaċitajiet ta' reżiljenza medju-baxx fid-dimensjoni ekoloġika, kapaċitajiet medji fid-dimensjoni soċjali u ekonomika, u kapaċitajiet medju-għoljin u għoljin fid-dimensjonijiet diġitali u ġeopolitiċi. Malta turi kapaċitajiet aktar b'saħħithom mill-medja tal-UE fl-oqsma tal-"ktajjen tal-valur u l-kummerċ", il-"globalizzazzjoni finanzjarja" u d-"diġitalizzazzjoni għall-industrija u għall-ispazju personali", fost l-oħrajn. Meta mqabbla mal-UE, hemm lok għal titjib fil-kapaċitajiet fl-oqsma "użu sostenibbli tar-riżorsi", "inugwaljanzi u impatt soċjali tat-tranżizzjonijiet", "ekosistemi, bijodiversità, agrikoltura sostenibbli" u "diġitalizzazzjoni għall-ispazju pubbliku".

Tabella A5.1: **Indiċijiet ta' reżiljenza li jiġbru fil-qosor is-sitwazzjoni fid-dimensjonijiet u l-oqsma tal-RDB**



	Vulnerabilities		Capacities	
	SE	EU-27	SE	EU-27
Average overall indicators	0,38	0,49	0,72	0,61
Average over all areas	0,40	0,48	0,73	0,66
Average over 4 dimensions	0,34	0,50	0,75	0,65

Vulnerabilties interpretation: The higher the worse
Capacities Index interpretation: The higher the better

Id-data hija għall-2021, u l-EU-27 tirreferi għall-valur għall-UE kollha kemm hi. Id-data sottostanti għall-vulnerabbiltajiet tal-EU-27 fil-qasam tal-"ktajjen tal-valur u l-kummerċ" mhijiex disponibbli billi tinkludi miżuri ta' konċentrazzjoni tas-sħab li mhumiex komparabbli mal-valuri fil-livell tal-Istati Membri.
Sors: Tabelli tar-Reżiljenza tal-JRC - il-Kummissjoni Ewropea

([25]) Għad-dettalji ara https://ec.europa.eu/info/strategy/strategic-planning/strategic-foresight/2020-strategic-foresight-report/resilience-dashboards_en; ara wkoll ir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2020 (COM (2020) 493).

([26]) Il-vulnerabbiltajiet jiddeskrivu karatteristiċi li jistgħu jaggravaw l-impatt negattiv tal-kriżijiet u t-tranżizzjonijiet, jew l-ostakli li jistgħu jfixklu l-kisba ta' għanijiet strateġiċi fit-tul.

([27]) Il-kapaċitajiet jirreferu għal faċilitaturi jew kapaċitajiet biex jiġu indirizzati l-kriżijiet u l-bidliet strutturali u biex jiġu ġestiti t-tranżizzjonijiet.

([28]) Dan l-Anness huwa marbut mal-Anness 1 dwar l-SDGs, l-Anness 6 dwar il-Patt Ekoloġiku, l-Anness 8 dwar it-tranżizzjoni ġusta għan-newtralità klimatika, l-Anness 9 dwar il-produttività tar-riżorsi, l-effiċjenza u ċ-ċirkolarità, l-Anness 10 dwar it-tranżizzjoni diġitali u l-Anness 14 dwar il-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali.

It-tranżizzjoni ekoloġika ta' Malta teħtieġ azzjoni kontinwa fuq diversi aspetti inklużi l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, it-trasport sostenibbli, u l-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart. L-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tinsab għaddejja f'Malta; dan l-Anness jipprovdi stampa tal-aspetti ewlenin involuti ([29]).

Malta għadha ma identifikatx miżuri li teħtieġ biex trażżan l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi ([30]). Id-data għall-2021 dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'dawn is-setturi hija mistennija li turi li Malta ġġenerat konsiderevolment inqas mill-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tagħha ([31]). Il-politiki attwali f'Malta huma mistennija li jżidu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'50 % meta mqabbla mal-livelli tal-2005 fl-2030, filwaqt li l-mira tal-kondiviżjoni tal-isforzi tagħha tirrikjedi li tnaqqas l-emissjonijiet b'19 % fl-2030 ([32]). Bil-pjan rivedut għall-irkupru u r-reżiljenza u kapitolu ddedikat dwar ir-REPowerEU, Malta se talloka [53,8 %] tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħha għal riformi u investimenti ewlenin biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi ([33]).

Graff A6.1: **Tematika – emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi f'Mt CO2eq, 2005-2021**



Sors: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Malta għandha l-potenzjal li tagħti spinta lill-kapaċità tas-settur tal-użu tal-art tagħha biex tikseb assorbimenti netti tal-karbonju, minkejja li s-settur huwa żgħir ħafna. Għall-2030, il-mira ta' Malta għal assorbimenti netti mill-użu tal-art, mill-użu ġdid tal-art u s-settur tal-forestrija (LULUCF) timplika assorbimenti netti ta' 2 ktCO_2eq (ara Tabella A6.5). ([34]) L-assorbimenti netti naqsu mill-2016 lil hawn, imbagħad irkupraw parzjalment fl-2021.

Il-fjuwils fossili għad għandhom rwol b'saħħtu fit-taħlita tal-enerġija ta' Malta. Fl-2021, il-fjuwils fossili pprovdew 92 % tat-taħlita tal-enerġija, li minnhom il-gass naturali pprovda 42 % u 50 % ġie miż-żejt u mill-prodotti petroliferi. Is-sorsi rinnovabbli ammontaw għal

([29]) Il-ħarsa ġenerali f'dan l-Anness hija kkomplementata mill-Anness 7 dwar is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija, l-Anness 8 dwar it-tranżizzjoni ġusta għan-newtralità klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali, l-Anness 9 dwar il-produttività tar-riżorsi, l-effiċjenza u ċ-ċirkolarità, l-Anness 11 dwar l-innovazzjoni, u l-Anness 19 dwar it-tassazzjoni.

([30]) Il-miri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Istati Membri għall-2030 ("miri għall-kondiviżjoni tal-isforzi") żdiedu bir-Regolament (UE) 2023/857 (ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi) li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842, li jallinja l-azzjoni fis-setturi kkonċernati mal-objettiv li jintlaħaq tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha fil-livell tal-UE ta' mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Ir-Regolament jistabbilixxi miri nazzjonali għal setturi barra mill-Iskema attwali tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, b'mod partikolari: il-bini (it-tisħin u t-tkessiħ), it-trasport bit-triq, l-agrikoltura, l-iskart, u l-industrija żgħira. L-emissjonijiet koperti mill-EU ETS u mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi huma kkomplementati minn assorbimenti netti fis-settur tal-użu tal-art, irregolati mir-Regolament (UE) 2018/841 (ir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (Land Use, Land Use Change and Forestry, LULUCF) emendat mir-Regolament (UE) 2023/839.

([31]) L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet ta' Malta għall-2022 kienu madwar 1,2 Mt CO2eq, filwaqt li l-emissjonijiet approssimati tagħha fl-2020 kienu ta' 1,3 Mt (ara l-Kummissjoni Ewropea, *Accelerating the transition to climate neutrality for Europe's security and prosperity: EU Climate Action Progress Report 2022*, SWD(2022)343).

([32]) Ara l-informazzjoni dwar id-distanza mill-mira tal-politika dwar il-klima għall-2030 fil-Graff A6.1. Miżuri eżistenti u addizzjonali mill-15 ta' Marzu 2021. Lejn l-aħħar tal-2021, Malta adottat strateġija ta' żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bil-għan li tikseb tnaqqis fl-emissjonijiet f'konformità mal-mira tagħha tal-kondiviżjoni tal-isforzi.

([33]) Pereżempju, l-istadji importanti u r-riformi li għandhom l-għan li jippromwovu n-newtralità klimatika (il-komponent 1) jinkludu proġetti dwar ir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli. Il-komponent 2 dwar it-trasport sostenibbli u dekarbonizzat għandu proġetti dwar il-promozzjoni ta' trasport pubbliku nadif u multimodali u t-titjib tat-trasport pubbliku bit-triq u jinkludi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri mill-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (Sustainable Urban Mobility Plan, SUMP) għar-Reġjun tal-Belt Valletta.

([34]) Dan il-valur huwa indikattiv u se jiġi aġġornat fl-2025 (skont il-mandat tar-Regolament (UE) 2023/839).

8 %. Il-fjuwils fossili kienu jiffurmaw ukoll il-biċċa l-kbira tat-taħlita tal-elettriku ta' Malta fl-2021 bil-gass jipprovdi 86 %, iż-żejt u l-prodotti petroliferi jipprovdu 2 % u l-enerġija rinnovabbli tipprovdi 12 %. Il-mira ta' Malta ta' 11.5 % tas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija sal-2030 inkluża fl-NECP tqieset bħala mhux ambizzjuża fil-valutazzjoni tal-2020 mill-Kummissjoni. Malta se jkollha bżonn issaħħaħ b'mod sostanzjali l-mira tal-enerġija rinnovabbli tagħha fl-NECP aġġornat biex tirrifletti l-miri aktar ambizzjużi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija fil-Pakkett Lesti għall-mira ta' 55 % u fil-Pjan REPowerEU.

Graff A6.2: **It-taħlita tal-elettriku (ta' fuq) u t-taħlita tal-enerġija (fil-qiegħ), 2021**





It-taħlita tal-enerġija hija bbażata fuq il-konsum intern gross, u teskludi s-sħana u l-elettriku. Il-proporzjon ta' sorsi rinnovabbli jinkludi bijofjuwils u skart mhux rinnovabbli.
Sors: Eurostat
Sors:

Malta għandha l-potenzjal li taċċellera l-introduzzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, speċjalment billi s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE. L-unika forma ta' enerġija rinnovabbli fis-sehem ta' 12 % fit-taħlita tal-elettriku hija fotovoltajka solari. Malta ma għandha l-ebda kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mir-riħ installata. La l-proġetti tal-enerġija mir-riħ fuq l-art u lanqas dawk lil hinn mill-kosta ma huma ppjanati fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima ta' Malta. L-investimenti proposti minn Malta fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha jinkludu EUR 5 miljun għall-promozzjoni tal-ġenerazzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, it-toroq u l-ispazji pubbliċi. Il-pjan jinkludi investimenti f'sistemi fotovoltajċi fuq il-bjut f'bini, toroq, mogħdijiet għall-mixi, u spazji pubbliċi oħra, li jappoġġaw l-inizjattiva ewlenija "power up". Dawn is-sistemi fotovoltajċi huma mfassla biex jipprovdu enerġija rinnovabbli għat-tidwil tat-toroq, qsim pedonali, punti tal-iċċarġjar għal karozzi elettriċi u roti elettriċi, punti tal-iċċarġjar USB, kameras tas-sigurtà, hotspots tal-Wi-Fi u teknoloġiji oħra tat-toroq.

Iż-żieda fl-azzjonijiet dwar l-effiċjenza enerġetika se tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza ta' Malta fuq il-fjuwils fossili. Fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima (national energy and climate plan, NECP) tagħha, il-kontribut indikattiv nazzjonali ta' Malta għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-UE lejn l-2030 huwa baxx ukoll meta mqabbel mal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-UE għall-2030. Hija se jkollha żżid il-livell ta' ambizzjoni tagħha fl-NECP aġġornat f'konformità mal-objettivi ogħla tal-UE stabbiliti fil-Pjan REPowerEU u l-Pakkett Lesti għall-mira ta' 55. ([35]) Il-pjan ta' Malta għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi investimenti fir-rinnovazzjoni ta' għadd ta' binjiet pubbliċi, skejjel pubbliċi u sptarijiet, u r-rinnovazzjoni ta' bini privat. Kull rinnovazzjoni hija mistennija li tnaqqas l-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 30 % u li trendi tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra billi tillimita l-użu tal-elettriku mill-grilja nazzjonali.

L-investimenti ambizzjużi previsti u r-riformi fir-rinnovazzjoni tal-bini għandhom il-potenzjal li jagħtu spinta lill-ħolqien tal-impjiegi u jappoġġaw l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi fis-settur tar-rinnovazzjoni u tal-kostruzzjoni. L-investimenti huma kkumplimentati minn riformi biex jissaħħaħ il-qafas regolatorju fis-settur tal-bini u tiġi żgurata ġabra suffiċjenti u diversifikata ta' professjonisti

([35]) Wara l-konklużjoni tan-negozjati għal EED riformulata, l-ambizzjoni kemm tal-miri tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali kif ukoll tal-miżuri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika biex jintlaħqu dawn il-miri hija mistennija li tiżdied

bl-għarfien espert meħtieġ (billi jitnieda programm ta' taħriġ u ċertifikazzjoni). Ir-riformi u l-investimenti huma kkomplementati wkoll minn skemi u strumenti finanzjarji appoġġati minn fondi oħra tal-UE li huma mmirati lejn rinnovazzjonijiet residenzjali u kummerċjali, billi l-pjan ta' Malta għall-irkupru u r-reżiljenza ma jappoġġax ir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini residenzjali eżistenti.

Il-bidla lejn mobilità sostenibbli għadha sfida sinifikanti f'Malta. It-trasport individwali (karozzi privati) huwa l-forma ewlenija ta' trasport. Teżisti biss infrastruttura limitata tal-mobilità mhux motorizzata sikura u interkonnessa, u n-network tat-toroq ta' Malta huwa ineffiċjenti. Dan jikkawża l-konġestjoni, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-istorbju u t-tniġġis tal-arja. Fl-2021, it-trasport domestiku (mingħajr avjazzjoni) ipprovda għal 42 % tal-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi ta' Malta, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 36 %. L-ispejjeż esterni tat-trasport f'Malta huma stmati għal EUR 400 miljun jew madwar 3,6 % tal-PDG kull sena u qed jiżdiedu. Is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero, b'0,8 %, huwa aktar baxx mill-medja tal-UE (1,2 %), u qed jiżdied bil-mod ħafna (ara t-Tabella A6.1). L-investimenti fit-trasport sostenibbli huma parti sinifikanti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta inkluż skema ta' għotjiet u skrappjar li tħeġġeġ ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero fis-settur privat, it-tiġdid tal-flotta tal-vetturi tas-settur pubbliku b'vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero, u x-xiri ta' xarabanks elettriċi b'emissjonijiet żero għat-trasport pubbliku. Il-pjan jistabbilixxi riformi mfassla biex itejbu l-ippjanar tat-trasport, jespandu l-użu tat-trasport pubbliku, u jimplimentaw il-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' mobilità urbana sostenibbli għall-Belt Valletta. Ir-riformi jinkludu wkoll id-deżinjazzjoni ta' oqsma ta' riġenerazzjoni u l-promozzjoni tax-xogħol mill-bogħod fis-settur pubbliku. L-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja ma għadhomx jiżdiedu skont il-PDG, iżda l-emissjonijiet ta' NOx u PM10 għadhom għoljin.

Graff A6.3: **Tematika – ħtiġijiet ta' investiment ambjentali u investiment attwali, p.a. 2014-2020**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Malta tibbenefika jekk tnaqqas id-distakk fl-investiment fl-ekonomija ċirkolari, fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis, u fil-ġestjoni tal-ilma. Bejn l-2014 u l-2020, il-ħtiġijiet ta' investiment ambjentali ta' Malta ([36]) kienu stmati għal EUR 129,7-il miljun fis-sena, filwaqt li Malta investiet EUR 81,9 miljun fis-sena, li jħalli diskrepanza ta' EUR 47,8 miljun fis-sena (ara l-Graff A6.3) ([37]). Għall-2021-2027, Malta jeħtieġ li tissodisfa l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-ambizzjonijiet ogħla stabbiliti fl-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 u tissodisfa l-lakuni fil-finanzjament dwar il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, li huma stmati għal EUR 25,9 miljun fis-sena. Jeħtieġ investimenti annwali ta' EUR 39 miljun biex jintlaħqu r-rekwiżiti tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-arja fid-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet, EUR 4,9 miljun għall-promozzjoni taċ-ċirkolarità u l-prevenzjoni tal-iskart, u EUR 9 miljun għall-ilma tax-xorb u s-sanità, li aktar minn 90 % minnhom huma għall-ilma mormi.

([36]) L-objettivi ambjentali jinkludu l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, il-ġestjoni u l-industriji tal-ilma, l-ekonomija ċirkolari u l-iskart, il-bijodiversità u l-ekosistemi (Kummissjoni Ewropea, 2022, Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali, ir-rapport dwar il-pajjiż dwar Malta)

([37]) Meta jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet stmati fil-livell tal-UE biss (pereż. il-protezzjoni tal-ilma, iċ-ċirkolarità ogħla, l-istrateġija tal-bijodiversità).

It-tibdil fil-klima joħloq ħafna theddidiet għal Malta, stat gżira żgħir ([38]). L-att ta' Malta dwar l-azzjoni klimatika mill-2015 jistabbilixxi l-obbligu li tiġi adottata u aġġornata regolarment strateġija nazzjonali ta' adattament. Malta bħalissa qed twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-vulnerabbiltà li se tidentifika s-setturi ekonomiċi ewlenin li jkunu jeħtieġu azzjoni ta' adattament. ([39]). Minn dawn, is-sorsi tal-ilma u l-ġestjoni tal-ilma huma kruċjali ([40]); setturi oħra f'riskju huma l-infrastruttura u t-trasport, l-użu tal-art u l-bini, l-ekosistemi naturali u l-agrikoltura ([41]), is-sajd, is-saħħa u l-protezzjoni ċivili, u t-turiżmu. Malta ppjanat miżuri ta' adattament għal dawn is-setturi ([42]).

Malta tipprovdi fjuwils fossili u sussidji oħra li jagħmlu ħsara lill-ambjent li jistgħu jiġu kkunsidrati għar-riforma, filwaqt li tiżgura s-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija u ttaffi l-effetti soċjali. Is-sussidji għall-fjuwils fossili f'Malta ammontaw għal EUR 22 miljun fl-2020, żieda ta' 151 % mill-2015, li tpoġġi alternattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fi żvantaġġ. Is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent ġew identifikati, permezz ta' valutazzjoni inizjali, fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, l-elettriku, il-gass, il-fwar u l-arja kkundizzjonata, il-minjieri u l-barrieri, u s-setturi professjonali, tekniċi u xjentifiċi ([43]). L-immappjar tas-sussidji kollha li jagħmlu ħsara lill-ambjent minn Malta jgħin biex tingħata prijorità lill-kandidati għar-riforma.

([38]) Ara l-istrateġija ta' Malta għall-iżvilupp b'livell baxx ta' karbonju, p. 72 u wara. It-theddidiet ewlenin ikkawżati mit-tibdil fil-klima huma temperaturi ogħla, tibdil fix-xejriet tax-xita, żieda fil-livell tal-baħar, aċidifikazzjoni u tisħin.

([39]) Ara l-istrateġija ta' Malta għall-iżvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (hawn fuq) u, aktar reċentement, it-Tmien Komunikazzjoni Nazzjonali ta' Malta lill-UNFCCC:

([40]) Malta ma għandhiex xita fis-sajf u lanqas ilmijiet tal-wiċċ li jistgħu jiġu sfruttati. L-ilma ta' taħt l-art huwa l-uniku sors naturali tal-ilma ħelu disponibbli matul is-sena kollha, iżda l-kwalità tiegħu qed tiġi degradata minħabba t-tniġġis min-nitrati u l-intrużjoni tal-ilma baħar. Malta għandha ilma baħar desalinat biex tipprovdi ilma tajjeb għax-xorb sa mis-snin 1980. Ara wkoll European Environment Agency, Europe's groundwater - a key resource under pressure, u L. Hartfiel, M. Soupir and R. S. Kanwar, Malta's water scarcity challenges: past, present, and future mitigation strategies for sustainable water supplies, l-24 ta' Novembru 2020. Fl-2018, ir-rata ta' ssiġillar tal-ħamrija ta' Malta kienet ta' 19,4 % tal-erja totali tal-art tagħha (l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Issiġillar tal-ħamrija u l-impatti tal-ekosistema). Malta tinsab fl-aħħar post fl-UE fejn jidħol it-teħid tal-art, b'teħid tal-art net ta' 485.8 m^2 kull km^2 (Medja tal-UE-27: 83.8 m^2 /km^2) (il-Kummissjoni Ewropea, 2022, Environmental Implementation Review, rapport dwar il-pajjiż dwar Malta).

([41]) It-tibdil fil-klima jinvolvi ħafna riskji għall-agrikoltura u l-ekosistemi. Iż-żieda fil-livell tal-baħar tista' żżid il-konċentrazzjoni tal-melħ u taffettwa b'mod negattiv parametri oħra tal-ħamrija. L-erożjoni tal-ħamrija tnaqqas il-ħażniet tal-karbonju u s-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija. Temperaturi ogħla qed jaggravaw it-telf tal-bijodiversità, l-ekosistema u t-telf tal-ħabitats. Iż-żieda fid-domanda għall-ilma għall-agrikoltura tagħmel pressjoni fuq il-provvista tal-ilma ssikkata.

([42]) Għall-ġestjoni tal-ilma, dawn il-miżuri jinkludu l-istħarriġ tal-istatus tal-infrastruttura u tal-utenti tal-għbir tal-ilma tax-xita; l-infurzar effettiv ta' leġiżlazzjoni li tobbliga l-ġibjuni jew il-bjar tal-qbid tal-ilma tax-xita; żieda fl-inċentivi biex jgħinu lill-bdiewa u lis-sidien tal-art iżidu l-preżenza u l-użu ta' ġibjuni; studju komprensiv tal-kapaċità attwali ta' monitoraġġ taċ-ċiklu idroloġiku u l-immudellar u l-ġestjoni ta' data idroloġika ġdida. Għall-agrikoltura u l-ekosistemi, il-miżuri jinkludu l-promozzjoni tal-użu tal-fondi tal-UE bħala komplement għall-finanzjament nazzjonali u privat u inizjattivi biex jiġu adottati teknoloġiji innovattivi.

([43]) Ċifri tal-fjuwils fossili f'EUR 2021 mir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija. Valutazzjoni inizjali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent li saret mill-Kummissjoni fis-sett ta' għodod tal-2022 għar-riforma ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent fl-Ewropa, bl-użu tad-definizzjonijiet tal-OECD, u fuq il-bażi tas-settijiet ta' data li ġejjin: Monitoraġġ u Evalwazzjonijiet tal-Politika Agrikola tal-OECD; Il-Bażi tad-Data tal-Istrumenti ta' Politika għall-Ambjent (Policy Instruments for the Environment, PINE) tal-OECD; Il-Bażi tad-Data Statistika tal-OECD għall-Appoġġ tal-Karburanti Fossili; Stimi tas-sussidju tal-enerġija fil-livell tal-pajjiż tal-FMI. L-Anness 4 tas-sett ta' għodod fih eżempji dettaljati ta' sussidji fuq il-kandidati għar-riforma.

Table A6.1:**Indikaturi li jsegwu l-progress fil-Patt Ekoloġiku Ewropew minn perspettiva makroekonomika**

			2005	2017	2018	2019	2020	2021	'Lesti għall-mira ta' 55%' 2030 mira/valur	Distanza WEM	WAM
Progress għall-miri politiċi	Tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra f'setturi ta' kondiviżjoni tal-isforzi (1)	Mt CO2eq; %; pp	1,1	28%	24%	28%	17%	-	-19%	-69	-69
	Net carbon removals from LULUCF (2)	kt CO2eq	0	1	0	6	8	1	2	n/a	n/a
			2005	2017	2018	2019	2020	2021	Kontribuzzjoni totali għall-mira tal-UE għall-2030		
	Sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'konsum finali gross ta' enerġija (3)	%	0%	7%	8%	8%	11%	12%	12%		
	Effiċjenza enerġetika: konsum ta' enerġija primarju (3)	Mtoe	0,9	0,8	0,8	0,9	0,7	0,8	1,1		
	Effiċjenza enerġetika: konsum ta' enerġija finali (3)	Mtoe	0,5	0,6	0,7	0,7	0,5	0,6	0,8		
			Malta						UE		
			2016	2017	2018	2019	2020	2021	2019	2020	2021
Indikaturi fiskali u finanzjarji	Taxxi ambjentali (% tal-PDG)	% tal-PDG	2,6	2,5	2,5	2,4	2,3	1,9	2,35	2,23	2,24
	Taxxi ambjentali (% tat-tassazzjoni totali) (4)	% tat-tassazzjoni	8,6	8,4	8,2	8,3	7,7	6,5	5,89	5,57	5,52
	Nefqa tal-gvern dwar il-protezzjoni ambjentali	% tan-nefqa tot.	2,9	2,8	3,8	3,4	3,1	3,0	1,70	1,61	1,6
	Investiment fil-protezzjoni ambjentali (5)	% tal-PDG	0,1	0,1	0,2	0,2	-	-	0,4	0,4	0,4
	Sussidji fuq il-fjuwils fossili (6)	EUR2021bn	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	-	53,0	50,0	-
	Distakk tal-protezzjoni ambjentali (7)	punteġġ 1-4					2,3	1,4			1,5
Klima	Emissjonijiet netti tal-gass serra	1990 = 100	91,0	89,0	90,0	96,0	81,0	84,0	76,0	69,0	72,0
	Intensita tal-emissjoni tal-gass serra fuq l-ekonomija	kg/EUR'10	0,25	0,24	0,24	0,24	0,21	-	0,31	0,30	0,26
	Intensità tal-enerġija tal-ekonomija	kgoe/EUR'10	0,08	0,08	0,08	0,08	0,07	-	0,11	0,11	-
Enerġija	Konsum finali tal-enerġija (FEC)	2015=100	100,0	106,9	113,8	120,7	94,8	101,7	102,9	94,6	-
	FEC fis-settur tal-bini residenzjali	2015=100	97,1	114,1	120,0	130,4	134,5	148,7	101,3	101,3	106,8
	FEC fis-settur tal-bini tas-servizzi	2015=100	97,8	106,1	100,1	106,0	96,8	103,0	100,1	94,4	100,7
Inkwinament	Intensità tal-emissjonijiet tal-prekursur tal-ismog (għall-PDG) (8)	tunnellata/EUR'10	0,9	0,7	0,6	0,6	0,6	-	0,9	0,9	-
	Snin ta' ħajja mitlufa minħabba t-tniġġiż fl-arja skont PM2.5	għal kull 100.000 inh.	412,5	438,4	499,1	465,4	337,8	-	581,6	544,5	-
	Snin ta' ħajja mitlufa minħabba t-tniġġiż fl-arja skont l-NO_2	għal kull 100.000 inh.	87,0	103,0	32,0	38,5	26,4	-	309,6	218,8	-
	Nitrati fl-ilma tal-pjan	mg NO3/litru	59,9	60,0	53,4	59,4	59,4	-	21,0	20,8	-
Bijodiversità	Żoni protetti tal-art	% tat-total	26,6	28,2	-	28,7	28,7	29,0	26,2	26,4	26,4
	Żoni protetti tal-baħar	% tat-total	4,6	-	-	5,5	-	5,5	10,7	-	12,1
	Agrikoltura organika	% taz-zona agrikola totali użata	0,2	0,4	0,4	0,5	0,6	0,6	8,5	9,1	-
			2017	2018	2019	2020	2021	2021	2020	2021	2022
Mobilità	Sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero (9)	% f'reġistrazzjonijiet ġodda	0,4	1,4	2,3	1,2	1,5	1,9	5,4	8,9	10,7
	Numru ta' punti tal-iċċarġjar AC/DC (kategorizzazzjoni AFIR)		-	-	-	100	98	97	188626	330028	432518
	Sehem ta' linji ferrovjarji elettriċizzati (9)	%	-	-	-	-	-	-	56,6	n/a	56,6
	Sigħat ta' konġestjoni għal kull sewwieq fis-sena		80,5	79,0	83,5	82,2	n/a	n/a	28,7	n/a	n/a

Sorsi: (1) L-emissjonijiet storiċi u mbassra, kif ukoll il-miri tal-politika dwar il-klima tal-Istati Membri u l-emissjonijiet tas-sena bażi tal-2005 skont id-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (għall-2020) jitkejlu fil-potenzjal ta' tisħin globali (global warming potential, GWP) mir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni (4th Assessment Report, AR4) tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel on Climate Change, IPCC). Il-miri tal-politika dwar il-klima tal-Istati Membri u l-emissjonijiet tas-sena bażi tal-2005 skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (għall-2030) għandhom potenzjal ta' tisħin globali mill-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni (5th Assessment Report, AR5). It-tabella ta' hawn fuq turi l-emissjonijiet tas-sena bażi 2005 skont id-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, bl-użu tal-valuri tal-AR4 GWP. L-emissjonijiet għall-2017-2021 huma espressi f'bidla perċentwali mill-emissjonijiet tas-sena bażi tal-2005 b'valuri tal-AR4 GWP. Id-data tal-2021 hija preliminari. It-tabella turi l-mira tal-2030 skont ir-Regolament emendat dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi allinjat mal-objettiv ta' 55 % tal-UE, f'bidla perċentwali mill-emissjonijiet tas-sena bażi tal-2005 (AR5 GWP). Id-distanza biex tintlaħaq il-mira tikkorrispondi għad-distakk bejn il-miri tal-Istati Membri għall-2030 (bil-valuri AR5 GWP) u l-emissjonijiet ipproġettati bil-miżuri eżistenti (with existing measures, WEM) u b'miżuri addizzjonali with additional measures (WAM) (b'valuri tal-AR4 GWP), bħala perċentwal tal-emissjonijiet tas-sena bażi 2005. Minħabba d-differenza fil-valuri potenzjali tat-tisħin globali, id-distanza mill-mira hija illustrattiva biss. Il-miżuri inklużi jirriflettu s-sitwazzjoni attwali mill-15 ta' Marzu 2021.
(2) L-assorbimenti netti huma espressi f'ċifri negattivi, emissjonijiet netti f'ċifri pożittivi. Id-data rrappurtata hija mis-sottomissjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-2023. Il-valur tal-2030 tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra skont ir-Regolament (UE) 2023/839 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 (ir-Regolament LULUCF) - Anness IIa, kilotunellati ta' ekwivalenti ta' CO2, ibbażati fuq is-sottomissjonijiet tal-2020.
(3) Il-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika u l-kontributi nazzjonali huma konformi mal-metodoloġija stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 (ir-Regolament dwar il-Governanza).
(4) perċentwal tad-dħul totali mit-taxxi u mill-kontribuzzjonijiet soċjali (mingħajr ma jitqiesu l-kontribuzzjonijiet soċjali imputati). Id-dħul mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet huwa inkluż fid-dħul mit-taxxa ambjentali.
(5) Tkopri n-nefqa fuq il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss li għandha tintuża għall-produzzjoni ta' servizzi għall-ħarsien tal-ambjent (jiġifieri t-tnaqqis u l-prevenzjoni tat-tniġġis) li jkopru s-setturi kollha, jiġifieri l-gvern, l-industrija u l-fornituri speċjalizzati.
(6) il-Kummissjoni Ewropea, Studju dwar is-sussidji tal-enerġija u interventi oħra tal-gvern fl-Unjoni Ewropea, edizzjoni tal-2022.
Id-distakk fil-protezzjoni tal-klima huwa s-sehem ta' telf ekonomiku mhux assigurat ikkawżat minn diżastri relatati mal-klima. Dan l-indikatur huwa bbażat fuq l-immudellar tar-riskju attwali minn għargħar, nirien fil-foresti u maltempati mir-riħ kif ukoll terremoti, u stima tar-rata attwali ta' penetrazzjoni tal-assigurazzjoni. L-indikatur ma jipprovdix informazzjoni dwar il-qasma bejn l-ispejjeż privati/pubbliċi tad-diżastri relatati mal-klima. Punteġġ ta' 0 ifisser l-ebda lakuna fil-protezzjoni, filwaqt li punteġġ ta' 4 jikkorrispondi għal diskrepanza għolja ħafna (EIOPA, 2022).
(8) Ossidi tal-Kubrit (ekwivalenti għal SO2), Ammonijaka, partikoli < 10µm, ossidi tan-nitroġenu fl-ekonomija totali (diviżi bil-PDG).
(9) Il-vetturi b'emissjonijiet żero jinkludu vetturi elettriċi bil-batterija (BEV, battery electric vehicles) u vetturi elettriċi biċ-ċelloli tal-fjuwil (FCEV, fuel cell electric vehicles).

Qabel ma r-Russja invadiet l-Ukrajna, Malta kellha esponiment limitat ħafna għall-gass Russu. Madankollu, hija dipendenti ħafna fuq il-fjuwils fossili importati b'mod ġenerali. Hija tuża aktar gass fil-produzzjoni tal-elettriku (86 %) minn kwalunkwe Stat Membru ieħor(44). Dan jagħmel l-ekonomija ta' Malta partikolarment sensittiva għall-iżviluppi fil-prezzijiet globali, u jirrikjedi li hija żżid l-isforzi fit-tranżizzjoni tal-enerġija. Dan l-Anness (45) jistabbilixxi l-azzjonijiet imwettqa minn Malta biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, sabiex jittejbu s-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija filwaqt li titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE fis-settur tal-enerġija nadifa (46).

Malta għandha livell għoli ta' sigurtà tal-provvista tal-gass. Mill-2017, il-gass naturali likwifikat (LNG) huwa importat permezz ta' faċilità tal-LNG li tikkonsisti f'unità tal-ħżin tal-LNG li żżomm f'wiċċ l-ilma u unità ta' rigassifikazzjoni fuq l-art fis-sit ta' Delimara (47), it-tnejn li huma operattivi mill-2017. Il-gass naturali f'Malta jintuża biss biex jiġġenera l-elettriku, bl-uniku sors ta' gass naturali importat bl-LNG. Il-kapaċità tat-terminal tal-LNG hija kkuntrattata kompletament biex tforni l-gass naturali lil żewġ impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku. Mhi meħtieġa l-ebda azzjoni biex jiġi żgurat aċċess għal tagħbijiet addizzjonali tal-LNG, minħabba li Malta għandha kuntratt ta' provvista tal-LNG li jibqa' għaddej sa Awwissu 2026(48). Tipikament dan jesperjenza domanda massima għall-enerġija fis-sajf (l-istaġun tat-tkessiħ), mhux fix-xitwa.

Is-sigurtà tal-provvista tas-sistemi tal-gass u tal-elettriku huma interkonnessi mill-qrib minħabba d-dipendenza għolja ta' Malta fuq il-gass biex tipproduċi l-elettriku. Hija timporta madwar 20 % tal-elettriku tagħha mill-Italja, li min-naħa tagħha tiddependi mir-Russja għal 43 % tal-gass tagħha(49). Id-domanda għall-gass naturali biex jiġi ġġenerat l-elettriku għall-4 snin li ġejjin hija mbassra li tibqa' stabbli. Malta daħħlet fis-seħħ xi miżuri għat-tnaqqis tad-domanda. Hija implimentat inizjattivi għall-iffrankar tal-enerġija fis-settur pubbliku, awditi tal-enerġija tal-kumpaniji, skemi tal-effiċjenza enerġetika għall-industrija, u skemi tal-enerġija rinnovabbli għas-settur residenzjali. L-ebda gass ma jintuża fl-industrija, fis-servizzi, jew fis-setturi agroortikulturali. Malta esperjenzat żieda fid-domanda għall-gass ta' madwar 13 % matul il-perjodu Awwissu 2022 - Marzu 2023 meta mqabbla mal-medja ta' 5 snin preċedenti(50) .

Malta hija relattivament interkonnessa tajjeb mal-ġirien tagħha f'termini ta' elettriku. Hija rrappurtat progress fl-istudji u l-permessi meħtieġa għall-iżvilupp tat-tieni interkonnettur tal-elettriku Malta-Italja, investiment ta' EUR 280 miljun, inkluża kontribuzzjoni ta' EUR 165 miljun mill-Politika ta' Koeżjoni, bl-għan li tagħmel il-provvista ta' Malta aktar sigura filwaqt li tipprovdi kapaċità żejda u reżiljenza sabiex Malta tkun tista' timmaniġġa l-fluttwazzjonijiet fil-provvista minn sorsi tal-enerġija eolika u solari eżistenti u futuri. Hija impenjat ruħha li tinvesti EUR 80 miljun fit-titjib tal-grilja tal-art tagħha biex tiffaċilita l-akkomodazzjoni ta' kwantitajiet addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli. Fl-abbozz tal-baġit tal-2023, ġew allokati EUR 14-il miljun għall-immodernizzar tal-grilja tal-elettriku. L-investimenti fil-modernizzazzjoni tal-grilja u fis-soluzzjonijiet tal-ħżin tal-enerġija jinsabu fuq l-orizzont. Hemm lok għal titjib fil-grilji biex jiġu integrati s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u biex is-sistema tal-enerġija ssir aktar effiċjenti biex jiġi evitat it-telf tal-enerġija. Dwar proġetti transfruntiera tal-gass, Malta beħsiebha tibni pipeline tal-gass lest għall-idroġenu bejn l-Italja u Malta. Madankollu, Malta

(44) L-Istat Membru bl-ogħla sehem ta' gass li jmiss huwa ta' 47 %

(45) Dan huwa kkomplementat mill-Anness 6 billi l-Patt Ekoloġiku Ewropew jiffoka fuq it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, mill-Anness 8 dwar l-azzjonijiet meħuda biex jittaffa l-faqar enerġetiku u jiġu protetti dawk l-aktar vulnerabbli, mill-Anness 9 billi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari se tiftaħ iffrankar sinifikanti tal-enerġija u tar-riżorsi, tkompli ssaħħaħ is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija, u mill-Anness 12 dwar l-industrija u s-suq uniku li jikkomplementaw l-isforzi kontinwi skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU.

(46) f'konformità mal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku COM(2023) 62 final, u l-Att propost dwar l-Industrija Żero COM(2023) 161 final

(47) L-unità tal-ħżin li żżomm f'wiċċ l-ilma għandha kapaċità ta' ħżin tal-LNG ta' 125 000 m^3 u l-impjant tar-rigassifikazzjoni għandu rata massima ta' ħruġ ta' gass naturali ta' 89 000 Nm3/hr ta' gass naturali.

(48) Malta timporta l-LNG ikkunsinnat minn bastimenti tankers li s-soltu jkun ġej mill-[Amerika ta' Fuq u Ċentrali].

(49) Jekk l-elettriku ma jkunx jista' jiġi importat mill-Italja minħabba li hemm nuqqas ta' provvista tal-gass, il-provvista tad-dżil iddum medja ta' 14-il jum.

(50) Malta tibbenefika minn eżenzjoni għar-Regolament 2022/1369.

diġà installat unità tal-ħżin li żżomm f'wiċċ l-ilma b'rigassifikazzjoni fuq l-art, li diġà tiżgura l-provvista tal-gass tagħha. Malta ma għandha l-ebda network ta' distribuzzjoni tal-gass domestiku, jew kwalunkwe netwerk ta' tisħin distrettwali u ma hemm l-ebda klijent tal-gass ta' użu aħħari minbarra żewġ produtturi tal-elettriku fl-impjant tal-enerġija ta' Delimara.

Biex tindirizza ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, Malta ħadet miżuri vigorużi, iżda mhux immirati, biex tipproteġi l-unitajiet domestiċi u n-negozji u żżammet il-prezzijiet bl-imnut stabbli. Matul l-2022, il-prezzijiet tal-elettriku bl-imnut inżammu fil-livelli ta' qabel il-kriżi, filwaqt li jipproteġu kompletament lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji tagħha mill-prezzijiet tal-enerġija dejjem jogħlew tas-suq. Il-baġit tal-2023 qed jippjana li jżomm il-politika tiegħu dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwil matul l-2023. L-appoġġ baġitarju tal-2023 għall-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwil huwa mbassar li jilħaq EUR 607 miljun fl-2023, li jammonta għal 9,3 % tan-nefqa kurrenti tal-gvern, mingħajr imgħax. L-immirar ta' miżuri lejn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jgħin biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul ta' tali appoġġ. Barra minn hekk, mingħajr mekkaniżmi li jillimitaw l-ammont ta' konsum tal-enerġija kopert, tali tariffi universali aktar baxxi mill-ispiża jistgħu jnaqqsu l-inċentivi biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija. Malta tagħti wkoll pariri professjonali bla ħlas lill-unitajiet domestiċi u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju dwar l-apparat u l-imġiba effiċjenti fl-enerġija u toffri skemi ta' appoġġ għall-promozzjoni tal-installazzjonijiet fotovoltajċi (photovoltaic, PV) u l-ħżin tal-batteriji. Għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, dan l-appoġġ huwa kkomplementat minn skema finanzjarja mfassla biex tissostitwixxi apparati domestiċi qodma u ineffiċjenti (l-Anness 8).

Graff A7.1: **Il-prezzijiet tal-enerġija bl-imnut ta' Malta għall-industrija (l-ogħla livell) u għall-unitajiet domestiċi (isfel)**

(1) Fil-każ tal-elettriku, il-konsum tal-faxxa huwa DC fil-każ tal-unitajiet domestiċi u ID fil-każ tal-industrija
(2) Fil-każ tal-gass, il-konsum tal-faxxa huwa D2 fil-każ tal-unitajiet domestiċi u I4 fil-każ tal-industrija
Sors: Eurostat

Minkejja l-isfida, l-impenn tal-gvern li jadotta teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta huwa bidla kbira fil-politika. Il-fażi ta' implimentazzjoni ta' tali proġetti tal-enerġija lil hinn mill-kosta fiż-żona ekonomika esklużiva ta' Malta hija mistennija li tibda fl-2023([51]). Is-sehem tal-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli żdied minn 7,5 % fl-2019 għal kważi 9,5 % fl-2020, prinċipalment xprunat minn PV solari ([52]) . Malta impenjat ruħha li tindirizza l-konġestjonijiet li jippermettu l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi fuq il-bjut ta' blokok tal-bini billi tagħmilha obbligatorja li jiġu installati fuq bini speċifiku u billi tipprovdi aktar inċentivi finanzjarji lis-sidien tad-djar għall-PV solari residenzjali bil-għan li jiġu installati 8-9 MW ta' PV solari fis-sena. Malta għandha żewġ skemi ta' appoġġ: tariffa feed-in għal installazzjonijiet PV iżgħar, u skema oħra għal sistemi akbar ta' RES (>40kWp) li qed

([51]) Skont il-Kunsill Globali tal-Enerġija mir-Riħ, Malta għandha potenzjal tekniku stmat għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta f'termini ta' kapaċità tal-enerġija installata ta' 25 GW ta' enerġija solari galleġġanti sa 200 kilometru mil-linja tal-kosta.

([52]) https://data.europa.eu/doi/10.2833/12592

tinbidel għal primjum feed-in fuq żewġ naħat. ([53]). Malta qed tinċentiva l-użu fuq l-art ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (pannelli solari, ħiters tal-ilma solari, pompi tas-sħana) permezz ta' għotjiet għall-unitajiet domestiċi. Hija tipproduċi 200 MW ta' enerġija rinnovabbli fis-sena. L-arloġġi intelliġenti jintużaw bis-sħiħ, u l-awtoritajiet Maltin qed jibdew jappoġġaw il-ħżin tal-enerġija fid-djar.

Il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija f'Malta. F'Malta, ma hemm l-ebda sistema ta' tisħin distrettwali. Id-domanda għat-tisħin hija ssodisfata primarjament permezz taċ-ċilindri tal-LPG (użati wkoll mid-djar għat-tisjir), b'xi żejt tal-gass u żejt fjuwil użati mis-setturi industrijali u tas-servizzi. Malta rreġistrat ukoll żieda kbira fl-għadd ta' pompi tas-sħana arja-arja biex tissodisfa l-ħtiġijiet tat-tisħin u t-tkessiħ fis-setturi kollha tal-użu aħħari mingħajr ebda appoġġ pubbliku jew intervent ta' politika. Rigward attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, Malta qed twettaq numru baxx ta' kontrolli fuq prodotti koperti mill-eko-disinn u t-tikkettar tal-enerġija, Malta qed twettaq għadd żgħir ta' kontrolli fuq prodotti koperti mill-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija. Dan jimplika tħassib dwar il-livelli ta' konformità tal-prodotti kkonċernati, u għalhekk possibbli ffrankar ta' enerġija u CO2 mitluf([54]) .

Malta ftit li xejn tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni (RuI) biex tappoġġa l-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Enerġija. L-investimenti pubbliċi fir-RuI([55]) naqsu minn EUR 0,4 miljun fl-2018 (ekwivalenti għal sehem ta' 0,003 % tal-PDG) għal EUR 0,3 miljun fl-2019 (jew sehem ta' 0,002 % tal-PDG). Fl-istess ħin, l-investimenti privati fir-RuI ([56]) kienu ta' EUR 3,2 miljun u EUR 3,8 miljun rispettivament. L-għadd ta' familji ta' privattivi ppreżentati fl-2019 għal teknoloġiji nodfa kien ta' tnejn ([57]), li jirrappreżenta madwar 3,4 familja ta' privattivi għal kull miljun abitant. Dan huwa sitt darbiet inqas mill-medja tal-UE. Malta għadha lura fil-produzzjoni tat-teknoloġiji rinnovabbli. Pereżempju, qed timporta teknoloġiji ġodda li qed tinstalla, bħal pompi tas-sħana, pannelli solari u batteriji, mingħajr pjan speċifiku biex tippromwovi l-produzzjoni ta' xi wħud minnhom fil-post. Dan minkejja li Malta għandha fis-seħħ strateġija nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-enerġija u l-ilma. ([58])

([53]) It-tariffi feed-in għall-promozzjoni tax-xiri ta' sistemi PV huma disponibbli kemm għas-sistemi residenzjali kif ukoll għal dawk kummerċjali. Fl-2021, il-kapaċità solari fotovoltajka ta' Malta laħqet madwar 205-megawatt peak (MWp). Mill-2021 'il quddiem, l-offerti kompetittivi ġew estiżi għall-iskemi kollha li jipprovdu appoġġ għal installazzjonijiet rinnovabbli b'kapaċità ta' mill-inqas 40 kW, li jagħmilha possibbli għal firxa usa' ta' installazzjonijiet li jikkompetu għal tariffa ogħla mit-tariffa ffissata amministrattivament. Minn 1 252 benefiċjarju tal-iskema ta' għotjiet fotovoltajċi solari fl-2021, 78 użaw ukoll skema għall-ħżin tal-batteriji biex jinstallaw sistema għall-ħżin tal-batteriji. Fl-2021, il-produzzjoni grossa tal-elettriku f'Malta mill-pannelli solari kienet ta' 256 GWh, li tikkumpensa b'mod sinifikanti għall-elettriku prodott mill-fjuwils fossili. Fuq il-bażi ta' medja ta' ħames snin mill-2017 sal-2021, Malta installat madwar 23 MWp ta' kapaċità fotovoltajka solari fis-sena.

([54]) Is-sistema tal-informazzjoni u komunikazzjoni appoġġata mill-internet għas-sorveljanza tas-suq pan-Ewropea

([55]) JRC SETIS (2022), https://setis.ec.europa.eu/publications/setis-research-and-innovation-data_en, fejn iċ-ċifri ma jinkludux il-fondi mill-UE.

([56]) idem

([57]) Ibidem.

([58]) https://www.energywateragency.gov.mt/wp-content/uploads/2020/07/National-Strategy-for-Research-and-Innovation-in-Energy-and-Water-2021-2030-EWA-web.pdf

Table A7.1:**Indikaturi ewlenin tal-enerġija**

DIPENDENZA TAL-ENERĠIJA

	MALTA				UE			
	2018	**2019**	**2020**	**2021**	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**
Dipendenza fuq l-Importazzjoni [%]	98%	97%	98%	97%	58%	61%	57%	56%
tal-Fjuwils fossili solidi	0%	0%	0%	0%	44%	44%	36%	37%
taż-Żejt u prodotti petroliferi	97%	98%	99%	98%	95%	97%	97%	92%
tal-Gass Naturali	109%	104%	96%	103%	83%	90%	84%	83%
Dipendenza fuq il-Fjuwils Fossili Russi [%]								
tal-Faħam Tiebes	-	-	-	-	40%	44%	49%	47%
taż-Żejt tal-Krud	-	-	-	-	30%	27%	26%	25%
tal-Gass Naturali	0%	0%	0%	0%	40%	40%	38%	41%

ELETTRIKU

	2015	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**
Produzzjoni Grossa tal-Elettriku (GWh)	1.305	857	1.652	1.962	2.060	2.143	2.215	-
Karburanti kombustibbli	1.210	729	1.489	1.772	1.864	1.906	1.959	-
Nukleari	0	0	0	0	0	0	0	-
Idro	0	0	0	0	0	0	0	-
Riħ	0	0	0	0	0	0	0	-
Solari	95	128	162	190	195	237	256	-
Ġeotermali	0	0	0	0	0	0	0	-
Sorsi oħra	0	0	0	0	0	0	0	-
Importazzjonijiet Netti tal-Elettriku (GWh)	1.054	1.527	861	621	636	416	511	-
Bħala% tal-elettriku disponibbli għall-konsum finali	50%	72%	37%	26%	26%	18%	20%	-
Interkonnessjoni tal-Elettriku (%)	-	-	24.20%	29.41%	29,0%	31,0%	44,5%	42,3%

DIVERSIFIKAZZJONI TAL-PROVVISTI TAL-GASS

	2015	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022***
Il-konsum tal-Gass (f'bcm)	0,0	0,0	0,3	0,3	0,4	0,4	0,4	0,4
Importazzjonijiet tal-Gass - skont it-tip (f'bcm)	0,0	0,0	0,6	0,8	0,8	0,7	0,8	-
Importazzjonijiet tal-gass — pipeline	0,0	0,0	0,3	0,4	0,4	0,4	0,4	-
Importazzjonijiet tal-gass — LNG	0,0	0,0	0,3	0,4	0,4	0,4	0,4	-
Importazzjonijiet tal-Gass — skont il-fornitur tas-sors e								
Trinidad u Tobago	0,0	0,0	0,4	0,3	0,6	0,6	0,5	-
L-Istati Uniti	0,0	0,0	0,0	0,1	0,0	0,1	0,3	-
Il-Guinea Ekwatorjali	0,0	0,0	0,1	0,1	0,0	0,0	0,0	-
L-Eġittu	0,0	0,0	0,0	0,0	0,1	0,0	0,0	-
Oħrajn	0,0	0,0	0,0	0,2	0,0	0,0	0,0	-

	2019	**2020**	**2021**	**2022**
Terminali tal-LNG				
Għadd ta' Terminals tal-LNG (2)	1	1	1	1
Kapaċità ta' ħażna tal-LNG (m³ LNG)	125.000	125.000	125.000	125.000
Ħżin taħt l-art				
Għadd ta' faċilitajiet tal-ħżin	0	0	0	0
Kapaċità ta' Ħżin Operazzjonali (bcm)	0	0	0	0

ENERĠIJA NADIFA

	2019	**2020**	**2021**	**2022**
Investimenti ta' VC f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu tat-teknoloġija klimatika (EUR Mln) (3)				
bħala % tal-investimenti totali tal-kapital ta' riskju f	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.
Infiq fuq riċerka u innovazzjoni fi prijoritajiet ta' RuI tal-Unjoni tal-Enerġija (2)				
RuI pubblika (f'miljuni ta' EUR)	0,3	0,1	n.a.	n.a.
RuI pubblika (% PDG)	0,002%	0,001%	n.a.	n.a.
RuI privata (f'miljuni ta' EUR)	3,8	n.a.	n.a.	n.a.
RuI privata (% PDG)	0,03%	n.a.	n.a.	n.a.

(1) Il-klassifikazzjoni tas-fornituri ewlenin hija bbażata fuq l-aktar ċifri riċenti disponibbli (għall-2021)
(2) Il-FSRU inkluż
(3) Investimenti ta' Kapital ta' Riskju jinkludu ftehimiet dwar il-Kapital ta' Riskju (l-istadji kollha) u Ftehimiet ta' Tkabbir/Espansjoni tal-Ekwità Privata (għal kumpaniji li qabel kienu parti mill-portafoll ta' ditta tal-investiment tal-KR).

Sors: Eurostat, Gas Infrastructure Europe (Pjattaforma għat-Trasparenza tal-Ħżin u tal-LNG), JRC SETIS (2022), elaborazzjoni tal-JRC ibbażata fuq id-data ta' PitchBook (06/2022)

Dan l-Anness jimmonitorja l-progress ta' Malta fl-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari għall-ħaddiema u l-unitajiet domestiċi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-għadd ta' impjiegi fl-ekonomija ekoloġika ta' Malta żdied malajr. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika ġusta f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ([59]), il-pjan ta' Malta għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, RRP) ([60]) jiddeskrivi r-riformi u l-investimenti inkluża r-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku bħall-isptarijiet u l-iskejjel, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku u l-aċċess imtejjeb għalih, l-appoġġ għax-xiri ta' vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero fis-settur privat u l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi fis-settur tal-kostruzzjoni. Dan jgħin biex jappoġġa l-implimentazzjoni tar-REPowerEU, jikkomplementa l-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta u l-azzjonijiet appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (European Social Fund Plus, FSE+).

L-impjiegi fis-setturi ta' Malta l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika naqsu, għalkemm l-ekonomija ekoloġika qed tespandi. L-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (greenhouse gas, GHG) tal-forza tax-xogħol ta' Malta naqset minn 10,6 tunnellati għal 7,5 tunnellati għal kull ħaddiem bejn l-2015 u l-2021, li hija taħt il-medja tal-UE ta' 13,7 fl-2021 (ara l-Graff A8.1 u t-Tabella A8.1). L-impjiegi fl-industriji intensivi fl-enerġija (energy-intensive industries, EII) ta' Malta rrappreżentaw 1,3 % tal-impjiegi totali fl-2020, tnaqqis minn 1,3 % fl-2015 u ferm inqas mill-medja tal-UE ta' 3,0 %. L-għadd totali ta' impjiegi fis-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali kiber bi 18,6 % (għal 4 013) fl-2015-2019 (UE: 8,3 %), li jilħaq 1,6 % tal-impjiegi totali (taħt il-medja tal-UE ta' 2,2 %) (ara l-Anness 9 speċifikament għall-impjiegi ċirkolari). Madankollu, ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti fil-kostruzzjoni, li hija kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika, hija relattivament baxxa (3,1 % vs l-4,0 % fl-UE) ([61]). Miżuri skont l-RRP, bħall-introduzzjoni ta' ċertifikat tal-ħiliet għall-industrija tal-kostruzzjoni jgħinu biex jingħelbu n-nuqqasijiet eżistenti ta' ħiliet.

It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fis-setturi li qed jonqsu u li qed jittrasformaw huma kruċjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema. Il-ħiliet huma kruċjali għal tranżizzjonijiet bla xkiel fis-suq tax-xogħol u l-preservazzjoni tal-impjiegi fit-trasformazzjoni tas-setturi. F'Malta, 20 % biss taċ-ċittadini jemmnu li ma għandhomx il-ħiliet meħtieġa biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika (UE: 38%) ([62]). Miżuri speċifiċi bil-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta jipprovdu taħriġ biex jgħinu fit-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni, flimkien ma' offerta ta' taħriġ usa' fil-livell nazzjonali u mekkaniżmi ta' flessibbiltà biex jitħeġġeġ it-taħriġ fil-post tax-xogħol. F'Malta, 2,3 % tal-finanzjament tal-FSE+ jikkontribwixxi għall-ħiliet u l-impjiegi ekoloġiċi. Diversi programmi kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (ESF+) jipprovdu taħriġ u gwida professjonali għal persuni vulnerabbli kif ukoll miżuri ta' tagħlim tul il-ħajja biex jiżdied il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi u impjiegi relatati.

Graff A8.1: **Sfidi għat-tranżizzjoni ġusta f'Malta**



Sors: Eurostat, il-proġetti tal-EMPL-JRC GD-AMEDI/AMEDI + u l-Bażi tad-Data Dinjija tal-Inugwaljanza (ara t-Tabella A8.1).

F'Malta, il-prezzijiet tal-enerġija residenzjali u tal-fjuwil għat-trasport ma żdidux dan l-aħħar minħabba l-prezzijiet bl-imnut regolati mill-gvern. Fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija, il-Gvern Malti kompla l-iffriżar tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwil li kien ilu fis-seħħ minn mindu faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19 fl-2020, u dan wassal biex in-negozji u l-unitajiet domestiċi

([59]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (2022/C 243/04) tkopri l-impjiegi, il-ħiliet, il-benefiċċji tat-taxxa u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali, is-servizzi essenzjali u l-akkomodazzjoni.

([60]) Ara r-Rapport tal-Pajjiż tal-2022 (l-Anness 6).

([61]) Eurostat (JVS_A_RATE_R2)

([62]) Special Eurobarometer 527. Perċezzjonijiet ta' ġustizzja tat-tranżizzjoni ekoloġika (Mejju - Ġunju 2022). https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2672

ħelsu miż-żieda fl-inflazzjoni li dehret fi Stati Membri oħra. Konsegwentement, l-effetti tal-kriżi tal-enerġija fuq il-faqar inkluż il-faqar enerġetiku u l-effetti distributtivi relatati mal-bidliet tal-gass u tal-elettriku, kif ukoll il-prezzijiet tal-fjuwil għat-trasport, huma minimi jew assenti.

L-indikaturi tal-faqar enerġetiku tjiebu f'dawn l-aħħar snin. Is-sehem tal-popolazzjoni totali li ma tistax iżżomm djarha sħuna b'mod adegwat naqas minn 14,1 % fl-2015 għal 7,8 % fl-2021 ([63]). B'mod partikolari, 18,6 % tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar (at risk of poverty, AROP) ġiet affettwata fl-2021 (UE: 16,4 %), kif kienu 7,8 % tal-unitajiet domestiċi b'introjtu medju inferjuri (f'deċili 4-5) (UE: 8.2%). Qabel iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, huwa stmat li 2,6 % tal-popolazzjoni totali u 9,8 % tal-popolazzjoni (ibbażata fuq in-nefqa) f'riskju ta' faqar (at-risk-of-poverty, AROP) kellhom ishma tal-baġit tan-nefqa residenzjali fuq l-elettriku, il-gass u fjuwils oħra ([64]) 'l fuq minn 10 % tal-baġit domestiku tagħhom. Madankollu, dawn l-ishma għadhom ħafna inqas mill-medji stmati tal-UE ta' 26,9 % u 48,2 %, rispettivament.

Il-baġits tal-unitajiet domestiċi ma kinux affettwati mill-prezzijiet tal-enerġija, minħabba l-istabbiltà tagħhom. Bħala riżultat tal-bidliet fil-prezzijiet tal-enerġija matul il-perjodu ta' Awwissu 2021 sa Jannar 2023 meta mqabbel mat-18-il xahar ta' qabel (ara l-Anness 7), is-sehem ta' individwi li jgħixu f'unitajiet domestiċi li jonfqu aktar minn 10 % tal-baġit tagħhom fuq l-enerġija baqgħet stabbli għall-popolazzjoni kollha u għall-popolazzjoni tal-AROP (ibbażata fuq in-nefqa) (16,4 pp u 19,1 pp fl-UE, rispettivament) ([65]). Bl-istess mod, fost il-popolazzjoni tal-AROP (ibbażata fuq in-nefqa), is-sehem ta' individwi li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'ishma tal-baġit għall-fjuwils tat-trasport privat ([66]) ogħla minn 6 % kien jonqos b'0,8 pp (il-medja tal-UE żdiedet b'5,3 pp) għal 37,6 % f'Jannar 2023, iżda f'livell ogħla mill-medja tal-UE (37,1 %).

Filwaqt li t-trasport pubbliku huwa kkunsidrat relattivament affordabbli, Malta hija fost il-pajjiżi tal-UE li jiddependu l-aktar fuq il-karozzi privati. Aktar minn żewġ terzi (69 %) taċ-ċittadini f'Malta jindikaw li karozza hija l-aktar mod komuni tagħhom ta' trasport ta' kuljum. ([67]) Fl-istess ħin, huma jipperċepixxu li t-trasport pubbliku huwa relattivament disponibbli (59 % vs il-55 % fl-UE) , affordabbli (71 % vs l-54 % fl-UE) u ta' kwalità tajba (59 % vs is-60 % fl-UE). ([68]) Fir-rigward ta' dawn il-perċezzjonijiet, iż-żoni rurali f'Malta għandhom prestazzjoni aħjar miż-żoni urbani, kif ukoll aħjar meta mqabbla maż-żoni rurali fl-UE b'mod ġenerali ([69]). Il-marka tal-karbonju medja tal-ogħla 10 % tal-emittenti fost il-popolazzjoni f'Malta hija madwar 3,9 darbiet ogħla minn dik tal-aħħar 50 % (ara l-Graff A8.1), jiġifieri kemxejn inqas evidenti mill-medja tal-UE (5,0 darbiet). L-RRP ta' Malta jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-mobilità permezz tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku u l-aċċess imtejjeb għalih. F'Malta, il-livelli medji tat-tniġġis tal-arja fl-2020 kienu taħt il-medja tal-UE (10,1 vs il-11,2 μg/m PM2,5), bir-reġjuni kollha esposti għal livelli kritiċi ta' tniġġis tal-arja([70]). Dan wassal għal impatti sinifikanti fuq is-saħħa, b'mod partikolari fuq gruppi vulnerabbli, u għal 153 mewta prematura kull sena ([71]).

([63]) Il-faqar enerġetiku huwa kunċett multidimensjonali. L-indikatur użat jiffoka fuq eżitu tal-faqar enerġetiku. Aktar indikaturi jinsabu fiċ-Ċentru ta' Konsulenza dwar il-Faqar Enerġetiku.

([64]) Prodotti definiti skont il-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Konsum Individwali skont l-Iskop (ECOICOP): CP045.

([65]) EMPL-JRC GD-AMEDI/AMEDI+ ; ara d-dettalji fis-sommarju tekniku relatat.

([66]) ECOICOP: CP0722.

([67]) Special Eurobarometer 527.

([68]) L-istħarriġ Nazzjonali dwar l-Ivvjaġġar Domestiku tal-2021 jindika li l-karozzi privati ntużaw għal 84 % tal-vjaġġi kollha u jirrapporta tħassib dwar il-kwalità tas-servizz (inkluża l-puntwalità u t-tul tal-vjaġġ).

([69]) UE (rurali): 46 %, 48 %, 56 % rispettivament. Special Eurobarometer 527.

([70]) Darbtejn ogħla mir-rakkomandazzjonijiet fil-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja. (espożizzjoni annwali ta' 5μg/m^3)

([71]) EEA- Air Quality Health Risk Assessment

Table A8.1:**Indikaturi ewlenin għal tranżizzjoni ġusta f'Malta**

Indikatur	Deskrizzjoni	MT 2015	MT - Latest	EU - Latest
GHG għal kull ħaddiem	Emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull ħaddiem — ekwivalenti ta' CO_2 f'tunnellati	10,6	7,5 (2021)	13,7 (2021)
Employment EII	Sehem tal-impjiegi f'industriji li jużaw ħafna enerġija, inklużi t-tħaffir u l-barrieri (NACE B), kimiċi (C20), minerali (C23), metalli (C24), karozzi (C29) - %	1,6	1,3 (2020)	3 (2020)
Faqar tal-enerġija	Sehem tal-popolazzjoni totali li tgħix f'dar li ma tistax iżżomm darha sħuna biżżejjed - %	14,1	7,8 (2021)	6,9 (2021)
Faqar tat-trasport (prokura)	Sehem stmat tal-popolazzjoni AROP li tonfoq aktar minn 6 % tan-nefqa fuq fjuwils għat-trasport personali - %	38,4	37,6 (2023)	37,1 (2023)
Inugwaljanza tal-karbonju	Emissjonijiet medji per capita tal-ogħla 10 % tal-emittenti vs 50 % tal-qiegħ tal-emittenti	3,8	3,9 (2020)	5 (2020)

Sors: Eurostat (env_ac_ainah_r2, nama_10_a64_e, ilc_mdes01), l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE (waqfa fis-serje kronoloġika fl-2021), il-proġetti EMPL-JRC GD-AMEDI/AMEDI + u l-Bażi ta' Data Dinjija dwar l-Inugwaljanza (WID).

It-tranżizzjoni tal-ekonomija ċirkolari hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali tal-UE u tipprovdi benefiċċji soċjoekonomiċi kbar. Dan jixpruna t-tkabbir tal-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività u jrawwem ir-reżiljenza u s-sigurtà tar-riżorsi. It-tranżizzjoni taċ-ċirkolarità tal-industrija, l-ambjent mibni u l-ikel agrikolu tista' tiġġenera titjib ambjentali sinifikanti (ara l-Anness 6), billi dawn jikklassifikaw fost l-aktar sistemi intensivi fir-riżorsi.

Minkejja l-progress reċenti, it-tranżizzjoni tal-ekonomija ċirkolari ta' Malta mhijiex biżżejjed u jeħtieġ li taċċellera biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ekonomija ċirkolari tal-UE. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-2020 għal ekonomija ċirkolari (circular economy action plan, CEAP) ([72]) għandu l-għan li jirdoppja r-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari bejn l-2020 u l-2030. Ir-rata tal-użu ta' materjal ċirkolari ta' Malta żdiedet minn 4,2 % fl-2016 għal 11,4 % fl-2021. Madankollu, ir-rata għadha taħt il-medja tal-UE 2021 ta' 11,7 %. Is-CEAP għandu wkoll l-għan li jnaqqas b'mod sinifikanti l-impronta materjali tal-UE. Fl-2020, l-impronta materjali ta' Malta (18,1-il tunnellata per capita) kienet ogħla mill-medja tal-EU-27 tal-2021 (13,7-il tunnellata per capita).

Il-politiki tal-ekonomija ċirkolari ta' Malta li ġew adottati dan l-aħħar jeħtieġ li juru riżultati fil-prattika. Fl-2020, Malta adottat l-istrateġija tal-ekonomija ċirkolari tal-pajjiż għall-2020-2030 ([73]) b'komponent qawwi tal-ġestjoni tal-iskart (inkluż it-trażżin tar-rimi f'landfill u t-tisħiħ tar-riċiklaġġ). Tkopri wkoll kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà estiża tal-produttur u l-finanzjament ekoloġiku. Il-pjan ġdid ta' ġestjoni tal-iskart (2021-2030) ([74]) ta' Malta li ġie adottat dan l-aħħar jipprovdi l-qafas statutorju biex il-ġestjoni tal-iskart titmexxa 'l fuq fil-ġerarkija tal-iskart.

Il-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-iskart ta' Malta hija fqira b'mod kritiku. B'rata ta' riċiklaġġ ta' 13,6 % fl-2021, Malta ma laħqitx il-mira tal-UE tal-2020 ta' 50 % għar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali. Malta tinsab f'riskju serju li ma tilħaqx il-mira tal-2025 ta' tħejjija ta' 55 % għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart solidu muniċipali u l-mira tal-2025 ta' 65 % tar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ. Id-distanza għall-mira tal-2035 ta' 10 % ta' rimi f'miżbliet ta' skart muniċipali hija konsiderevoli wkoll. Malta teħtieġ li ttejjeb ir-rati tal-ġbir tal-iskart separat u r-rati ta' riċiklaġġ sussegwenti, b'mod partikolari għall-imballaġġ u l-bijoskart.

Is-sistema industrijali f'Malta hija ċirkolari, speċjalment fil-produttività tar-riżorsi fejn Malta tgħodd aktar mill-medja tal-UE. L-ekonomija f'Malta, b'mod partikolari l-industrija, hija effiċjenti fl-użu ta' materjali għall-produzzjoni tal-ġid. Fl-2021, Malta ġġenerat 2,7 standard tal-kapaċità tal-akkwist għal kull kg ta' materjal ikkunsmat, li jpoġġi l-produttività tar-riżorsi ta' Malta ogħla mill-medja tal-UE ta' 2,3. Malta introduċiet ukoll strateġiji settorjali kemm għall-kostruzzjoni kif ukoll għall-plastiks.

Is-sistema tal-ambjent mibni tibqa' kritika hekk kif il-kostruzzjoni tikber b'rata mgħaġġla. Dan qed jikkawża sfidi ambjentali kbar bħall-issiġillar tal-art, l-impatti ambjentali u ż-żieda fil-ġenerazzjoni tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. Pereżempju, is-sehem tal-ħabitats fi stat ta' konservazzjoni ħażin żdied b'mod drammatiku minn 6,7 % għal 58,6 % fl-2013-2018. Malta ħadet passi biex tibbilanċja s-sitwazzjoni billi għamlet l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni kompletament operattiva u billi adottat strateġija għall-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni ([75]).

([72]) Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkolari (europa.eu)

([73]) RRRA, 2019, Lejn ekonomija ċirkolari 2020-2030

([74]) ERA, 2021, Pjan fit-tul għall-ġestjoni tal-iskart 2021-2030, link

([75]) ERA, 2020, Strateġija dwar l-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-demolizzjoni għal Malta, link

Table A9.1: **Indikaturi ġenerali u sistemiċi dwar iċ-ċirkolarità**

SETTUR	2016	2017	2018	2019	2020	2021	EU-27	L-aktar sena reċenti EU-27
Stat ġenerali tal-ekonomija ċirkolari								
Impronta tal-materjali (tunnellati/capita)	11,7	11,4	10,6	12,0	18,1	-	13,7	2020
Tkabbir minn sena għal sena ta' persuni impjegati fl-ekonomija ċirkolari (%)[1]	-	-	-	-	-	-	2,9	2019
Indiċi tal-isfruttament tal-ilma plus (Water exploitation index, WEI +) (%)	42,5	35,2	26,1	29,6	-	-	3,6	2019
Industrija								
Produttività tar-riżorsi (standard tal-kapaċità tal-akkwist (purchasing power standard, PPS) għal kull kilogramm)	2,0	2,6	2,4	2,7	2,3	2,8	2,3	2021
Rata ta' użu ta' materjal ċirkolari (%)[2]	4,2	6,5	8,3	7,7	13,3	11,4	11,7	2021
Rata ta' riċiklaġġ (% tal-iskart muniċipali)	12,7	11,5	10,4	9,1	10,9	13,6	49,6	2021
Ambjent mibni								
Rata ta' rkupru mill-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (%)[3]	100,0	-	100,0	-	100,0	-	89,0	2020
Indiċi tal-issiġillar tal-ħamrija (sena bażi = 2006)[4]	100,8	-	106,1	-	-	-	108,3	2018
Agroalimentari								
Skart tal-ikel (kg per capita)[5]	-	-	-	-	154,0	-	131,0	2020
Kompostjar u diġestjoni (kg per capita)	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	100,0	2021

(1) Il-persuni impjegati fl-ekonomija ċirkolari jsegwu biss impjiegi diretti f'subsetturi magħżula tal-kodiċijiet E, C, G u S tal-NACE; (2) ir-rata tal-użu ta' materjal ċirkolari tkejjel is-sehem tal-materjal irkuprat u li ddaħħal lura fl-ekonomija fl-użu ġenerali tal-materjali; (3) ir-rata ta' rkupru tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni tinkludi skart li jitħejja għall-użu mill-ġdid, jiġi rriċiklat jew soġġett għall-irkupru tal-materjal, inkluż permezz ta' operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid; (4) l-issiġillar tal-ħamrija. Il-kolonna 2016 tirreferi għad-data tal-2015; (5) l-iskart tal-ikel jinkludi l-produzzjoni primarja, l-ipproċessar u l-manifattura, il-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni, ir-ristoranti u s-servizzi tal-ikel, u l-unitajiet domestiċi.
Sors: Eurostat, Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

Graff A9.1: **Tendenza fl-użu tal-materjali**



Sors: Eurostat

Graff A9.2: **Trattament ta' skart muniċipali**



Sors: Eurostat

Is-sistema agroalimentari għad trid tfassal il-ħela u t-tniġġis tal-ikel u timmaniġġa r-riżorsi tal-ilma b'mod effiċjenti. Għalkemm l-istatistika dwar l-iskart tal-ikel mhijiex disponibbli għal Malta, il-ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali f'Malta tista' tintuża bħala indikatur biex jintlaħqu konklużjonijiet f'dak il-qasam. L-iskart muniċipali kompla jiżdied f'dawn l-aħħar snin, u laħaq 611 kg/sena/abitant fl-2021, ferm ogħla mill-medja tal-UE (530 kg/sena/abitant). Ma hemm l-ebda data disponibbli dwar l-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika tal-iskart organiku f'Malta; madankollu, meta titqies ir-rata baxxa ħafna ta' riċiklaġġ f'Malta (13,6 % fl-2021), il-livelli tat-trattamenti tal-iskart organiku huma meqjusa li huma daqstant baxxi. F'Malta, l-indiċi aġġornat tal-konsum tal-ilma (water exploitation index, WEI+) kien ta' 29,6 % fl-2019, li jindika skarsezza tal-ilma ([76]). Għad hemm lok biex jintużaw tekniki tal-biedja aktar effiċjenti, jiġi promoss l-użu mill-ġdid tal-ilma u jinxterdu prattiki tajbin f'żoni skarsi tal-ilma. Fl-2020, 0,62 % taż-żona tal-art ta' Malta kienet qed tintuża għall-biedja organika (ara t-Tabella A6.1 fl-Anness 6), 'il bogħod mill-medja tal-UE ta' 9,1 %.

Għad hemm diskrepanza fil-finanzjament fl-ekonomija ċirkolari, inkluża l-ġestjoni tal-iskart. Huma meħtieġa investimenti addizzjonali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li qed jikbru. Id-diskrepanza fil-finanzjament ġiet stmata għal EUR 37 miljun fis-sena bejn l-2014 u l-2020. Matul dan il-perjodu, il-ħtiġijiet ta' investiment ġew stmati li huma mill-inqas EUR 66 miljun fis-sena filwaqt li l-linji bażi tal-investiment kienu ta' EUR 29 miljun fis-sena (ara l-Anness 6). Huma meħtieġa investimenti addizzjonali biex jittejjeb il-ġbir separat tal-iskart u l-infrastruttura tar-riċiklaġġ biex l-iskart jiġi ddevjat mir-rimi fil-miżbliet.

([76]) L-indiċi aġġornat tal-konsum tal-ilma (WEI+) huwa kejl tal-użu totali tal-ilma ħelu bħala perċentwal tar-riżorsi tal-ilma ħelu rinnovabbli (ilma ta' taħt l-art u ilma tal-wiċċ) fi żmien u f'post partikolari. Dan jikkwantifika kemm ilma jiġi estratt u kemm ilma jiġi rritornat fl-ambjent wara l-użu.

It-trasformazzjoni diġitali hija kruċjali biex tiġi żgurata ekonomija reżiljenti u kompetittiva. F'konformità mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, u b'mod partikolari mal-miri f'dak il-Programm għat-trasformazzjoni diġitali sal-2030, dan l-Anness jiddeskrivi l-prestazzjoni ta' Malta fil-ħiliet diġitali, l-infrastruttura/il-konnettività diġitali u d-diġitalizzazzjoni tan-negozji u tas-servizzi pubbliċi. Fejn rilevanti, tagħmel referenza għall-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP). Malta talloka 26 % tal-baġit totali tagħha għall-RRP għad-diġitali (EUR 80 miljun) ([77]).

Il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali jistabbilixxi perkors għat-trasformazzjoni diġitali ta' suċċess tal-Ewropa sal-2030. Il-Programm jipprovdi qafas għall-valutazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tal-UE u tal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (Digital Economy and Society Index, DESI). Dan jipprovdi wkoll mod kif l-UE u l-Istati Membri tagħha jaħdmu flimkien, inkluż permezz ta' proġetti multinazzjonali, biex jaċċelleraw il-progress lejn il-miri diġitali u l-objettivi ġenerali tad-Deċennju Diġitali ([78]). B'mod aktar ġenerali, diversi aspetti tat-trasformazzjoni diġitali huma partikolarment rilevanti fil-kuntest attwali. Fl-2023, is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, li tibni s-sett ta' ħiliet xieraq biex isir użu sħiħ mill-opportunitajiet li toffri t-trasformazzjoni diġitali hija prijorità. Popolazzjoni b'ħiliet diġitali żżid l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u twassal għal żidiet fil-produttività ([79]). It-teknoloġiji, l-infrastruttura u l-għodod diġitali kollha għandhom rwol fit-trasformazzjoni fundamentali meħtieġa biex is-sistema tal-enerġija tiġi adattata għall-isfidi strutturali attwali ([80]).

Malta għandha prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE fil-ħiliet diġitali, iżda għad hemm nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol. Il-perċentwal ta' speċjalisti tal-ICT fil-forza tax-xogħol Maltija huwa, b'4.9%, kemxejn ogħla mill-medja tal-UE. Madankollu, 69 % tal-intrapriżi jirrappurtaw postijiet vakanti diffiċli biex jimtlew għal impjiegi li jeħtieġu ħiliet speċjalizzati fl-ICT, ogħla mill-medja tal-UE ta' 63 %([81]) . Bħala parti mill-RRP tagħha, Malta nediet skema ta' boroż ta' studju fl-2021 biex tappoġġa lill-istudenti li qed jistudjaw l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, ix-xjenza tad-data u l-istudji tal-informazzjoni, fost l-oħrajn. Hemm lok għal miżuri aktar immirati biex jiġi żgurat li t-talent tas-sengħa jkun jista' jappoġġa l-użu dejjem akbar ta' teknoloġiji avvanzati u jiffaċilita aktar riċerka u innovazzjoni mill-intrapriżi Maltin.

Il-progress dwar il-kopertura tal-5G u tal-fibra jsaħħaħ il-prestazzjoni ta' Malta fir-rigward tal-konnettività. Mill-2019 'l hawn, id-djar Maltin kollha qed jiġu milħuqa minn networks ta' kapaċità għolja ħafna (very high capacity networks, VHCNs) li joffru veloċitajiet ta' 1Gbps u aktar. Il-kopertura tal-fibra sal-bini (Fibre-to-the-premises, FTTP), laħqet il-medja tal-UE ta' 56 % fl-2022. Malta kisbet kopertura nazzjonali tal-5G fil-pajjiż kollu fl-2022, iżda hemm lok għal titjib fil-kopertura fejn jidħlu baned essenzjali biex ikunu jistgħu jsiru applikazzjonijiet avvanzati li jeħtieġu wisa' tal-banda tal-ispettru kbira. Mill-2022, il-kopertura tal-5G fuq il-banda tal-ispettru pijuniera ta' 3,4-3,8 GHz hija ta' 20 %, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 41 %. Filwaqt li l-ispettru fit-tliet baned pijunieri tal-5G sar disponibbli fl-2021, sa issa Malta għadha ma assenjatx spettru fil-baned 700 MHz u 26 GHz, li jindika d-daqs żgħir tat-territorju u tas-suq tagħha.

L-intrapriżi Maltin, inklużi l-SMEs, għandhom livell għoli ta' diġitalizzazzjoni. L-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati huwa ferm aktar mifrux fost l-intrapriżi f'Malta milli fl-UE b'mod ġenerali, speċifikament l-użu tal-analitika tal-big data (30 % vs l-14 %) u l-cloud computing (47 % vs l-34 %). L-użu tal-intelliġenza artifiċjali huwa kemxejn ogħla mill-medja tal-UE (10 % vs 8 %). Għad hemm lok għall-SMEs biex ilaħħqu mal-pari akbar tagħhom. L-RRP Malti jappoġġa l-

([77]) Is-sehem tal-allokazzjonijiet finanzjarji li jikkontribwixxu għall-objettivi diġitali ġie kkalkulat bl-użu tal-Anness VII tar-Regolament RRF.

([78]) Il-miri tad-Deċennju Diġitali kif imkejla mill-indikaturi tad-DESI u sorsi ta' data komplementari huma integrati sal-punt attwalment disponibbli u/jew meqjusa partikolarment rilevanti fil-kuntest speċifiku għall-Istati Membri.

([79]) Ara perezempju l-OECD (2019): Il-perspettivi Ekonomiċi tal-OECD, id-Diġitalizzazzjoni u l-produttività: Storja ta' kumplimentarjetajiet, OECD Economic Outlook, Volume 2019 Issue 1 | OECD iLibrary (oecd-ilibrary.org).

([80]) Il-ħtieġa u l-azzjonijiet possibbli għal diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija huma stabbiliti fil-Komunikazzjoni "Id-Diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija – il-pjan ta' azzjoni tal-UE" (COM(2022) 552.

([81]) Eurostat: Speċjalisti tal-ICT - statistika dwar postijiet tax-xogħol battala diffiċli biex jimtlew fl-intrapriżi (bħala % tal-intrapriżi li rreklutaw,/ippruvaw jirreklutaw speċjalisti tal-ICT), 2022.

investimenti fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji b’żewġ skemi ta’ għotjiet imnedija fl-2022. Wieħed minn dawn huwa mfassal speċifikament biex jistimula l-użu tal-hardware u s-software tal-ICT mill-SMEs. Lil hinn mill-adozzjoni, hemm bosta opportunitajiet għal kooperazzjoni aktar b’saħħitha bejn is-settur pubbliku, in-negozji, u l-akkademja biex jissaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji diġitali emerġenti. L-RRP ta’ Malta jindirizza parzjalment din l-isfida bl-Istrateġija ta’ Speċjalizzazzjoni Intelliġenti 2021-2027 adottata bħala parti mill-RRF tagħha. L-istrateġija tidentifika t-teknoloġiji diġitali (pereż. l-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, il-computing ta’ prestazzjoni għolja, it-teknoloġiji ta’ reġistru distribwit) bħala wieħed mis-sitt oqsma ta’ prijorità għall-investiment fl-infrastruttura tar-riċerka. Meta jitqiesu l-isfidi ambjentali ta’ Malta, hemm opportunità biex isir investiment fl-iżvilupp u l-użu ta’ teknoloġiji diġitali innovattivi b’appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika (pereż. applikazzjonijiet li jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika, il-ġestjoni tal-ilma, il-mobbiltà intelliġenti, eċċ.).

Malta hija fuq quddiem fis-servizzi pubbliċi diġitali. Iċ-ċittadini u n-negozji jistgħu jaċċessaw kważi s-servizzi pubbliċi kollha online permezz tal-portal one-stop-shop tal-gvern servizz.gov. L-RRP ta’ Malta jinkludi diversi investimenti biex ikomplu jitjiebu s-servizzi pubbliċi diġitali, bħal soluzzjonijiet ta’ intelliġenza artifiċjali biex tittejjeb l-esperjenza tal-utent fuq servizz.gov u miżuri biex tissaħħaħ is-sigurtà ġenerali u l-kapaċità tal-infrastruttura tal-IT tal-gvern. L-iskema ta' identifikazzjoni elettronika (eID) tal-pajjiż, notifikata bir-Regolament eIDAS ([82]), tista' tintuża biex tidħol f'91 % tas-servizzi pubbliċi onlajn ([83]), iżda għadha mhux biex taċċessa r-rekords elettroniċi tas-saħħa, għalhekk hemm lok għat-titjib tal-aċċess taċ-ċittadini għar-rekords elettroniċi tas-saħħa (Malta tikseb 77 minn 100).

([82]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014

([83]) Il-Punt ta’ riferiment tal-eGovernment għall-2022

Tabella A10.1: **Miri ewlenin tad-Deċennju Diġitali mmonitorjati mill-indikaturi tad-DESI**

	Malta			EU	Mira tad-Deċennju Diġitali sal-2030
	DESI 2021	DESI 2022	DESI 2023	DESI 2023	(EU)
Ħiliet diġitali					
Mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi	**NA**	**61%**	**61%**	**54%**	**80%**
% ta' individwi		2021	2021	2021	2030
Speċjalisti tal-ICT (1)	**4,4%**	**4,9%**	**4,9%**	**4,5%**	**20 million**
% tal-individwi f'impjieg bejn il-15 u l-74 sena	2020	2021	2021	2021	2030
Infrastruttura/konnettività diġitali					
Kopertura tan-Network fiss ta' Kapaċità Għolja Ħafna (V	**100%**	**100%**	**100%**	**73%**	**100%**
% tal-unitajiet domestiċi	2020	2021	2022	2022	2030
Kopertura tal-fibra għall-Post (Fibre to premises, FTTP)	**41%**	**48%**	**56%**	**56%**	**-**
% tal-unitajiet domestiċi	2020	2021	2022	2022	2030
Kopertura globali tal-5G	**0%**	**20%**	**100%**	**81%**	**100%**
% taż-żoni popolati	2020	2021	2022	2022	2030
Kopertura 5G fuq il-banda tal-ispettru 3.4–3.8 GHz	**NA**	**NA**	**20%**	**41%**	**-**
% taż-żoni popolati			2022	2022	2030
Diġitalizzazzjoni tan-negozji					
SMEs li jkollhom mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġi	**NA**	**NA**	**78%**	**69%**	**90%**
% tal-SMEs			2022	2022	2030
Big *data* (3)	**30%**	**30%**	**30%**	**14%**	**75%**
% ta' intrapriżi	2020	2020	2020	2020	2030
Cloud (3)	**NA**	**48%**	**48%**	**34%**	**75%**
% ta' intrapriżi		2021	2021	2021	2030
Intelliġenza Artifiċjali (3)	**NA**	**10%**	**10%**	**8%**	**75%**
% ta' intrapriżi		2021	2021	2021	2030
Diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi					
Servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini	**NA**	**100**	**100**	**77**	**100**
Punteġġ (0 sa 100)		2021	2022	2022	2030
Servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji	**NA**	**97**	**97**	**84**	**100**
Punteġġ (0 sa 100)		2021	2022	2022	2030
Aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika	**NA**	**NA**	**77**	**71**	**100**
Punteġġ (0 sa 100)			2023	2023	2030

(1) Il-mira ta' 20 miljun tirrappreżenta madwar 10 % tal-impjiegi totali.
(2) L-indikatur ta' Fibra għall-kopertura tal-bini huwa inkluż separatament billi l-evalwazzjoni tiegħu se tiġi mmonitorjata wkoll separatament u se titqies meta tiġi interpretata d-data tal-kopertura tal-VHCN fid-Deċennju Diġitali.
(3) Mill-inqas 75 % tal-intrapriżi tal-Unjoni jkunu adottaw waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, f'konformità mal-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom: (i) is-servizzi ta' cloud computing; (ii) il-big data; (iii) l-intelliġenza artifiċjali.

Sors: L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali

Dan l-Anness jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Malta, li hija essenzjali għat-twettiq tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

Malta għadha "innovatur moderat", u d-distakk bejn il-prestazzjoni tagħha u l-medja tal-UE qed ikompli jikber. Skont l-edizzjoni tal-2022 tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea(84), il-prestazzjoni tal-innovazzjoni ta' Malta hija taħt il-medja tal-UE (84,7 % meta mqabbla mad-89,7 % tal-medja tal-UE għall-innovaturi moderati) u qed tkompli tonqos, bi tnaqqis qawwi fl-2021. Din il-prestazzjoni hija prinċipalment attribwita għal nefqa baxxa fir-RuŻ, speċjalment fis-settur pubbliku, u nuqqas ta' talent tas-sengħa, b'mod partikolari gradwati fix-xjenza u l-inġinerija.

Graff A11.1: **L-intensità tar-RuŻ fl-2021**



Sors: Eurostat

Kemm l-investiment pubbliku kif ukoll dak privat fir-RuŻ għadu baxx b'mod kritiku. L-intensità totali tar-RuŻ(85) hija waħda mill-aktar baxxi fl-Ewropa. Minkejja ż-żieda żgħira fl-aħħar 10 snin, fl-2021 din kienet ta' 0,64 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 2,26 % u kienet aktar baxxa milli fl-2020. In-nefqa pubblika fuq ir-RuŻ ilha staġnata mill-2010 (0,24 % tal-PDG meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 0,76 % fl-2021), filwaqt li n-nefqa tal-intrapriżi tan-negozju fuq ir-RuŻ, minkejja żieda żgħira fl-2020, naqset għal 0,40 % fl-2021, u baqgħet ferm taħt il-medja tal-UE ta' 1,49 %. Il-pjan Malti għall-irkupru u r-reżiljenza ma indirizzax dan in-nuqqas ta' investiment billi l-pjan ma kien fih l-ebda investiment ippjanat fir-RuŻ.

In-nuqqas ta' riżorsi umani għar-riċerka u l-innovazzjoni (RuI) ikompli jkun ta' piż fuq il-prestazzjoni tas-sistema Maltija tar-RuI. L-għadd ta' gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija għal kull popolazzjoni ta' elf ta' bejn il-25 u l-34 sena naqas minn 8,1 fl-2010 għal 5,4 fl-2020 u huwa ferm inqas mill-medja tal-UE ta' 16. Din l-isfida ilha preokkupazzjoni dejjem tikber għal bosta snin f'Malta, speċjalment għan-negozji li jsofru min-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa(86) . L-attrazzjoni u ż-żamma ta' talent ġdid, inkluż talent barrani, jibqgħu tal-akbar importanza. F'dan ir-rigward, huwa inkoraġġanti li s-sehem ta' studenti barranin tad-dottorat żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin (35,3 % tad-dottorati kollha fl-2020 meta mqabbel mat-12,4 % fl-2015(87).

Graff A11.2: **Gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija għal kull popolazzjoni ta' elf ta' bejn il-25 u l-34 sena fl-2020**



Sors: Eurostat

Il-potenzjal tas-settur privat li jikkontribwixxi għall-prestazzjoni tal-innovazzjoni ta' Malta għadu mhux sfruttat. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea, bejn l-2015 u l-2022, il-prestazzjoni ta' Malta fir-rigward tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jintroduċu innovazzjonijiet tal-prodotti naqset, bi tnaqqis partikolarment sinifikanti fl-2021-22 (88). Il-livell ta' appoġġ pubbliku għar-RuŻ

(84) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea 2022, Profil tal-pajjiż: Malta https://ec.europa.eu/assets/rtd/eis/2022/ec_rtd_eis-country-profile-mt.pdf L-EIS tipprovdi analiżi komparattiva tal-prestazzjoni tal-innovazzjoni fil-pajjiżi tal-UE, inklużi l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet relattivi tas-sistemi ta' innovazzjoni nazzjonali tagħhom (imqabbla wkoll mal-medja tal-UE).

(85) Definit bħala nefqa domestika grossa fuq ir-RuŻ bħala perċentwal tal-PDG.

(86) Rapport tal-2022: Ensuring the Skills for Future Competitiveness, ippubblikat mill-Assoċjazzjoni Maltija ta' Min Iħaddem https://www.maltaemployers.com/wp-content/uploads/FINAL-DOSSIER-report_2.pdf.

(87) Sors: Eurostat.

(88) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea 2022, Profil tal-pajjiż: Malta

privat huwa baxx f'Malta u naqas matul l-aħħar 10 snin, minn 0,04 % fl-2010 għal 0,037 % fl-2019. Barra minn hekk, l-iskemi disponibbli għall-kumpaniji involuti fir-RuŻ għandhom użu baxx, li jista' jkun dovut għal għadd ta' fatturi: nuqqas ta' kapaċità u riżorsi biex jitħejjew applikazzjonijiet ta' suċċess u jsir użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament; il-piż amministrattiv involut biex isiru l-applikazzjonijiet, li spiss jinvolvu burokrazija u xogħol amministrattiv; u għarfien insuffiċjenti tal-iskemi disponibbli([89]) . Fir-rigward tar-riżultati tat-teknoloġija u l-innovazzjoni, filwaqt li l-attività ta' Malta għall-privattivi (l-għadd ta' privattivi ppreżentati skont it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi (Patent Cooperation Treaty, PCT)) għadha ferm taħt il-medja tal-UE, Malta għandha prestazzjoni partikolarment tajba f'dak li għandu x'jaqsam mas-sehem ta' privattivi relatati mal-ambjent fit-total tal-applikazzjonijiet għal privattivi PCT. Dan jissuġġerixxi li Malta għandha potenzjal kbir biex timmobilizza l-kapaċitajiet tar-RuI tagħha biex trawwem u taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika permezz tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi. Barra minn hekk, Malta għandha prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE f'termini ta' impjiegi f'kumpaniji li qed jikbru b'rata mgħaġġla fl-aktar 50 % tas-setturi innovattivi (8,2 % fl-2019 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 5,5 %).

https://ec.europa.eu/assets/rtd/eis/2022/ec_rtd_eis-country-profile-mt.pdf.

([89]) Evalwazzjoni bejn il-pari tal-2019 tas-sistema Maltija tar-RuI: https://ec.europa.eu/research-and-innovation/en/statistics/policy-support-facility/peer-review-maltese-research-and-innovation-system.

Matul l-aħħar 10 snin, il-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozju tjiebet ftit iżda għadha modesta. Tabilħaqq, filwaqt li s-sehem tal-kopubblikazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi-privati żdied għal 6,9 % fl-2021, meta mqabbel mal-5,7 % fl-2020, għadu taħt il-livelli tiegħu tal-2019 u kemxejn taħt il-medja tal-UE. Barra minn hekk, in-nefqa pubblika fuq ir-RuŻ iffinanzjata min-negozji għadha notevolment baxxa, u tikklassifika l-aħħar fl-UE (0,003 % fl-2019 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 0,054 %). Il-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozju hija identifikata bħala prijorità fl-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti Maltija għall-2021-2027, iżda din għadha ma ssarrfitx f'miżuri konkreti.

Tabella A11.1: **Indikaturi tal-innovazzjoni ewlenin**

Malta	2010	2015	2019	2020	2021	Medja tal-UE
Indikaturi ewlenin						
Intensità tar-RuŻ (Gross domestic expenditure on research and development, GERD bħala % tal-PGD)	0.59	0.72	0.56	0.65	0.64	2.26
Nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-iżvilupp bħala % tal-PDG	0.23	0.35	0.22	0.24	0.24	0.76
Nefqa tal-intrapriżi tan-negozju fuq ir-RuŻ (Business enterprise expenditure on R&D, BERD) bħala % tal-PDG	0.36	0.37	0.35	0.42	0.40	1.49
Kwalità tas-sistema tar-RuI						
Pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-pajjiż fl-ogħla 10% tal-pubblikazzjonijiet l-aktar ikkwotati madwar id-dinja bħala % tal-pubblikazzjonijiet totali tal-pajjiż	6.8	8.6	5.1	:	:	9.8
Applikazzjonijiet għal privattivi tat-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi (Patent Cooperation Treaty, PCT) għal kull	0,3	1.0	1.3	:	:	3.3
Kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozju						
pubblikazzjonijiet totali	4.9	5.2	7.5	5.7	6.9	7.1
In-nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-iżvilupp iffinanzjata mill-intrapriża tan-negozju (nazzjonali) bħala % tal-PDG	0.003	0.002	0.003	:	:	0.054
Kapital uman u disponibbiltà tal-ħiliet						
Gradwati ġodda fl-inġinerija tax-xjenza għal kull elf persuna ta' età ta' bejn 25 u 34 sena	8.1	9.7	6.3	5.4	:	16.0
Appoġġ pubbliku għan-nefqa tal-intrapriżi tan-negozju fuq ir-RuŻ (BERD)						
Appoġġ totali tas-settur pubbliku għall-BERD bħala% tal-PDG	0.04	0.045	0.037	:	:	0.194
Inċentivi fiskali għar-RuŻ: dħul mitluf bħala % tal-PDG	0.031	0.019	0.027	:	:	0.100
Innovazzjoni ekoloġika						
Sehem ta' privattivi relatati mal-ambjent fit-total tal-applikazzjonijiet għal privattivi ppreżentati taħt PCT (%)	15.4	44.0	23.1	:	:	13.3
Finanzi għall-innovazzjoni u t-tiġdid ekonomiku						
Kapital ta' riskju (statistika tas-suq) bħala % tal-PDG	0.01	0.01	0.006	0.006	0.007	0.074
L-impjiegi f'intrapriżi li qed jikbru malajr f' 50 % tal-aktar setturi innovattivi	5.9	7.3	8.2	:	:	5,5

(1) Medja tal-UE għall-aktar sena reċenti jew għas-sena bl-ogħla numru ta' *data* tal-pajjiż.
Sors: Eurostat, OECD, DG JRC, Science-Metrix (Bażi ta' *data* Scopus u bażi ta' *data* Statistika dwar il-Pażjenti tal-EPO), Invest Europe

Il-produttività tax-xogħol evolviet b'pass simili għall-medja tal-UE f'dawn l-aħħar snin, għalkemm id-differenzi bejn is-setturi huma konsiderevoli. Il-produttività tax-xogħol għal kull persuna impjegata kienet prinċipalment xprunata minn setturi ta' produttività għolja fil-manifattura u s-servizzi bħall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-logħob tal-azzard u l-imħatri kif ukoll servizzi professjonali, xjentifiċi u tekniċi. It-tkabbir tal-produttività tax-xogħol għal kull persuna fl-industrija kien qed jitjieb b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin u fl-2022 laħaq il-5,4% (ara t-Tabella A12.2).

Graff A12.1: **Il-produttività għal kull persuna skont is-settur**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Minħabba d-daqs u l-pożizzjoni ġeografika tagħha, Malta hija dipendenti ħafna fuq is-swieq globali u għalhekk esposta ħafna għal interruzzjonijiet fil-provvista u l-volatilità tal-prezzijiet. Għalkemm Malta għandha dipendenza relattivament baxxa fuq ir-Russja, hija fost il-pajjiżi tal-UE bl-ogħla dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija (97,6 % fl-2020). Is-sitwazzjoni attwali tista' tħeġġeġ lil Malta tinvesti fl-enerġija rinnovabbli billi l-pajjiż bħalissa għandu wieħed mill-aktar ishma baxxi ta' sorsi rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija (10,7 %) fl-UE (ara wkoll l-Anness 6). Skont l-Istħarriġ dwar l-Investiment tal-BEI tal-2022, id-ditti Maltin irrappurtaw l-ogħla sehem ta' investiment f'miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika (16 % vs. l-10 % tal-UE) fis-sena li għaddiet [90]. Il-kapaċità tal-produzzjoni industrijali ta' Malta tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq l-importazzjonijiet tal-makkinarju, tal-enerġija u tal-prodotti kimiċi mill-Istati Membri tal-UE u mill-Asja. Fir-rigward tal-isfidi oħra għall-industrija, id-ditti tal-manifattura b'mod partikolari qed jirrapportaw nuqqasijiet ta' materja prima u komponenti (42 % fl-2022 vs l-47 % fl-UE) bħala r-restrizzjoni ewlenija tal-produzzjoni tagħhom (ara t-Tabella A12.2). Barra minn hekk, 64 % tal-kumpaniji internazzjonali ta' Malta intervistati minn Ernst and Young elenkaw tħassib dwar il-katina tal-provvista fix-xhur li ġejjin u 74 % minnhom stqarrew li ż-żieda fl-ispiża tal-materja prima u l-komponenti, flimkien maż-żieda fl-ispejjeż tal-merkanzija, qed ikollhom impatt qawwi fuq id-ditti. f'Malta. [91] Dawn id-dipendenzi esterni jistgħu jispjegaw il-livell għoli tal-indikatur tal-Inċertezza Ekonomika (Economic Uncertainty indicator, EUI)[92] fit-tieni nofs tal-2022.

Graff A12.2: **Ishma ta' esportazzjonijiet ta' servizzi**



(1) Kummerċ fis-servizzi – sehem mill-esportazzjonijiet globali totali (%)
Sors: Is-Servizzi tal-Kummissjoni.

Malta hija integrata sew fis-Suq Uniku għas-servizzi, filwaqt li għad hemm ċerti restrizzjonijiet. L-integrazzjoni tal-kummerċ tas-servizzi ta' Malta tirrappreżenta 57,1% tal-PDG, [93] it-tieni l-ogħla fost l-Istati Membri kollha u ferm aktar mill-medja tal-UE (14,5%). L-esportazzjonijiet tas-servizzi huma prinċipalment iddominati minn 'servizzi kummerċjali oħra', servizzi finanzjarji u tariffi tal-proprjetà intellettwali (ara l-Graff A12.2). Madankollu, id-

(90) Stħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment 2022

(91) EY Futur tal-manifattura 2022

(92) L-EUI huwa indikatur kompost li juri kemm huwa diffiċli għall-maniġers/għall-konsumaturi li jagħmlu tbassir tas-sitwazzjoni futura tan-negozju/finanzjarja.

(93) Imkejjel bħala l-valur medju tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet bħala sehem tal-PDG (https://single-market-scoreboard.ec.europa.eu/competitiveness/integration_en)

dgħufija tad-domanda esterna mis-sħab kummerċjali Ewropej, bħall-Ġermanja u l-Italja, se tirrestrinġi l-prestazzjoni kummerċjali tas-servizzi. B'kuntrast mal-integrazzjoni tal-kummerċ tas-servizzi, l-integrazzjoni kummerċjali ta' Malta fis-Suq Uniku għall-oġġetti (13,7%) għadha taħt il-medja tal-UE (29% skont l-Eurostat.

Id-dewmien fid-deċiżjonijiet dwar l-akkwist pubbliku u d-dewmien fit-traspożizzjoni huma sfidi għall-kundizzjonijiet ġenerali tan-negozju ta' Malta, minkejja l-prestazzjoni ġeneralment suffiċjenti tagħha fl-indikaturi tas-Suq Uniku. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, Malta hija fost l-Istati Membri bl-aħjar prestazzjoni fit-traspożizzjoni tad-direttivi (1,1 % vs il-1,6 % tal-UE) u fil-korrettezza tat-traspożizzjonijiet tagħha. F'dawn l-aħħar snin, Malta tejbet b'mod konsiderevoli d-dewmien medju tagħha fit-traspożizzjoni tad-direttivi, li bħalissa huwa ta' 3,7 xhur meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 8,6 xhur ([94]). Madankollu, kien hemm dewmien fit-traspożizzjoni, possibbilment minħabba restrizzjonijiet tal-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, fl-akkwist pubbliku, ir-rata ta' offerti uniċi (offerta waħda biss kienet ippreżentata) hija ta' 15 % (9 % fl-2021) li hija taħt il-medja tal-UE (25 %) u turi l-kompetizzjoni funzjonali bejn il-kumpaniji li jagħmlu l-offerti matul il-proċeduri tal-offerti pubbliċi. Madankollu, id-ditti qed jikkritikaw xi prattiki u regoli arbitrarji fl-ammissjoni tad-ditti għall-offerti u qed jimmarkaw l-isfidi tal-iffissar tal-prezzijiet fi żminijiet ta' nuqqas ta' provvista u żviluppi volatili fil-prezzijiet ([95]). Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi jieħdu żmien relattivament twil (156 jum) biex jaslu għal deċiżjoni dwar sejħa għall-offerti (il-medja tal-UE hija ta' 99 jum) ([96]). Meta mqabbla mal-2020, ir-rata ta' riżoluzzjoni tas-SOLVIT ta' Malta naqset b'7 punti fl-2021 (87% vs 94%) iżda l-ħin tat-trattament, speċifikament iż-żmien li ttieħed biex jingħalqu l-każijiet, żdied([97]).

L-indirizzar ta' ostakli fit-tul bħat-tisħiħ tal-qafas regolatorju u t-tnaqqis tad-dewmien fil-pagamenti jtejjeb aktar l-ambjent tan-negozju Malti. Ir-riforma tal-qafas regolatorju tagħha u t-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali tagħha jtejbu b'mod konsiderevoli l-ambjent tan-negozju ta' Malta, speċjalment billi jżidu t-trasparenza, itejbu r-regoli dwar il-falliment u jnaqqsu d-dewmien fil-pagamenti. Din l-aħħar kwistjoni ġiet identifikata minn 61 % tal-SMEs bħala problema urġenti, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 43 %. L-investiment taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiffoka fuq it-titjib tad-diġitalizzazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, is-servizzi pubbliċi, il-kumpaniji u s-sistema ġudizzjarja. Għalkemm dan l-aħħar Malta introduċiet regolamentazzjoni ġdida biex toffri aktar trasparenza lill-professjonijiet legali, ir-restrizzjoni regolatorja tal-professjonijiet regolati f'Malta hija ogħla mill-medja tal-UE għal xi professjonijiet, bħal kontabilisti, aġenti tal-proprjetà, u gwidi turistiċi ([98]). L-avukati f'Malta huma soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi, regoli ta' inkompatibbiltà u restrizzjonijiet multidixxiplinari. Barra minn hekk, il-gwidi turistiċi jibbenefikaw minn definizzjoni aktar ċara u ffukata tal-attivitajiet riżervati kif ukoll minn reviżjoni tal-lista ta' siti riżervati għad-detenturi ta' kwalifiki speċifiċi ta' gwida turistika. B'mod ġenerali, it-tnaqqis tal-ostakli regolatorji fis-servizzi professjonali jista' jippromwovi d-dħul u jista' jinkoraġġixxi l-kompetizzjoni fuq il-kwalità u l-prezzijiet, kif ukoll żidiet fil-produttività fis-setturi regolati.

Il-SMEs Maltin jibbenefikaw minn aċċess aħjar għall-finanzi, speċjalment għal finanzjament alternattiv u l-użu tal-ekwità. L-SMEs f'Malta huma s-sinsla tal-ekonomija u jirrappreżentaw il-kontributuri ewlenin għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Fl-2022, il-valur miżjud tal-SMEs f'Malta kiber bi 13,1 %, wara li naqas bi 15,5 % fl-2021([99]). Inħolqu diversi inizjattivi tal-gvern biex jappoġġaw lin-negozji Maltin matul il-pandemija tal-COVID-19, bħal garanziji ta' self, differimenti tat-taxxa u skema ta' suppliment tal-pagi. Dawn huma riflessi minn livell baxx ta' fallimenti meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 74,5 vs it-63,6 f'Malta. It-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs huwa kruċjali għall-ambjent tan-negozju Malti, billi, skont l-indiċi ġenerali tal-FEI, Malta tinsab fl-aħħar post tal-klassifikazzjoni tal-UE għal dan. Fl-2021, is-sehem tal-kiri jew tax-

([94]) Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-2022. *Data* tal-pajjiż:: Malta |Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (europa.eu)

([95]) Il-Kamra tal-Kummerċ, Malta (2022). Rakkomandazzjonijiet għall-Baġit Nazzjonali tal-2023.

([96]) Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-2022. *Data* tal-pajjiż:: Malta |Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (europa.eu)

([97]) Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku – SOLVIT

([98]) Komunikazzjoni dwar l-aġġornament tar-rakkomandazzjonijiet ta' riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali, COM(2021) 385)

([99]) Skeda Informattiva dwar l-SMEs ta' Malta (2021).

xiri bin-nifs kien jirrappreżenta biss is-6 %, li għadu taħt is-sehem tal-UE (22 %). Self ieħor ibbażat fuq rabtiet personali, bħal self minn familja, ħbieb jew azzjonisti b'konnessjonijiet mill-qrib mad-ditta naqas minn 13 % għal 10 %. Sadanittant, id-ditti domestiċi ma għamlu l-ebda użu minn titoli ta' ekwità jew ta' dejn. Kanali oħra ta' finanzjament bħal business angels u crowdfunding għadhom mhux sfruttati. Is-sehem tal-PGD tal-investiment ta' kapital ta' riskju ta' Malta huwa fost l-inqas fl-Unjoni Ewropea. ([100])

Malta qed tiffaċċja nuqqasijiet konsiderevoli ta' ħaddiema tas-sengħa u nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet bejn is-setturi. Il-kumpaniji Maltin qed jiffaċċjaw dejjem aktar nuqqas ta' ħaddiema, speċjalment f'setturi tas-servizzi ta' valur għoli bħas-servizzi finanzjarji, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-gaming. Din is-sitwazzjoni marret għall-agħar f'dawn l-aħħar snin. Fl-istħarriġ dwar l-Attraenza taż-Żgħażagħ ta' Ernst & Young, 54 % ta' dawk li wieġbu rrappurtaw li kienu qed ifittxu persunal b'ħiliet speċjalizzati ([101]). Skont l-istħarriġ SAFE, 35 % tal-SMEs jindikaw 'id-disponibbiltà ta' persunal kwalifikat jew maniġers b'esperjenza' bħala waħda mill-aktar problemi urġenti tagħhom([102]). Is-sitwazzjoni stretta tas-suq tax-xogħol Malti hija aggravata minħabba l-pożizzjoni ġeografika u d-daqs tiegħu. Iż-żieda fl-impjiegi ta' ħaddiema barranin taffiet is-sitwazzjoni parzjalment biss.

Graff A12.3: **L-ixprunaturi tal-ambjent tan-negozju u tal-produttività**



Sors: 1) % tal-PDG, 2021 Eurostat;
2) indikatur kompost, 2021 indiċi tal-aċċess tal-Fond Ewropew tal-Investiment għall-finanzjament;
3) medja ta' dewmien fil-ħlas f'għadd ta' jiem, 2022 Intrum;
4) % tad-ditti fil-manifattura li qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet, 2022 stħarriġ tal-konsumaturi tan-negozji tal-Kummissjoni Ewropea;
5) proporzjon ta' kuntratti mogħtija ma' offerent uniku, Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-2022.

([100]) Access-to-Finance-2021.pdf (centralbankmalta.org)

([101]) Stħarriġ ta' Attraenza 2022 ta' EY.

([102]) Il-Kummissjoni Ewropea (2022). Stħarriġ dwar l-aċċess għall-finanzi tal-intrapriżi (Survey on access to finance of enterprises, SAFE), Rapport Analitiku 2022.

Tabella A12.1: **L-industrija u s-suq uniku**

	QASAM TA' POLITIKA	ISEM TAL-INDIKATUR	2018	2019	2020	2021	2022	Medja tal-UE27 (*)
INDIKATURI EWLENIN	Struttura Ekonomika	Investiment privat net, livell tal-istokk tal-kapital privat, nett mid-deprezzament, % tal-PDG (1)	6	6,5	5,1	6,2	11,6	**3,7**
		Invetiment pubbliku nett, livell ta' stokk kapitali pubbliku, nett mid-deprezzament, % tal-PDG (1)	1,5	1,9	2	1,7	1,2	**0,4**
		Produttività reali tal-ħaddiema kull persuna fl-industrija (% sena fuq sena)(2)	4,5	6	-0,6	4,6	5,4	**1,4**
	Kompetittività tal-kost	Kost nominali kull unità tax-xogħol fl-industrija (% sena fuq sena)(2)	4,7	-1,4	n.a.	n.a.	n.a.	**2,9**
REŻILJENZA	Nuqqasijiet	Nuqqas materjali (industrija), ditti li qed jiffaċċjaw limitazzjonijiet, % (3)	5	3	9	47	42	**47**
		Nuqqas ta' ħgaddiema bl-użu ta' data minn stħarriġ (industrija), ditti li qed jiffaċċjaw limitazzjonijiet, % (3)	46	46	16	27	33	**28**
		Rata ta' postijiet battala (ekonomija tan-negozju)(4)	2,9	2,8	1,7	2,4	3	**3,1**
	Dipendenżi strateġiċi	Konċentrazzjoni f'materja prima magħżula, indiċi tal-konċentrazzjoni tal-importazzjoni abbażi ta' materja prima kritika (5)	0,21	0,17	0,15	0,16	0,19	**0,18**
		Kapaċità elettrika tas-sorsi rinnovabbli stallati, % tal-elettriku totali ġġenerat (6)	0	0	0	0	n.a.	**50,9**
SUQ UNIKU		Integrazzjoni tal-kummerċ fl-UE, % (7)	n.a.	n.a.	n.a.	71,4	70,1	**45,8**
	Restrizzjonijiet	Indiċi tar-restrittività fil-kummerċ tas-servizzi fiż-ŻEE (8)	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	**0,05**
	Akkwist pubbliku	Offerti singoli, % tal-kuntratturi totali (9)	11	13	15	9	15	**29**
AMBJENT TAN-NEGOZJU - SMEs	Ostakoli għall-investiment	Impatt tar-regolazzjoni fuq l-investiment għat-tul, % ta' ditti li jqisu r-regolazzjoni tan-negozju bħala ostakoli ewlieni (10)	16,7	10,1	16,2	15,7	14,7	**29,6**
	Demografija tan-negozju	Fallimenti, Indiċi (2015=100)(11)	54,5	127,3	81,8	63,6	n.a.	**86,8**
		Reġistrazzjonijiet kummerċjali, Indiċi (2015=100) (11)	117,3	101,9	96,9	104,6	88,4	**121,2**
	Ħlas tard	Dewmien fil-ħlas - korporazzjonijiet B2B, differenza fi ġranet bejn ħlas offrut u ħlas attwali (12)	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	**13**
		Dewmien fil-ħlas - settur pubbliku, differenza fi ġranet bejn ħlas offrut u ħlas attwali (12)	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	n.a.	**15**
		Sehem ta' SMEs li jesperjenzaw ħlas tard fl-aħħar 6 xhur, % (13)	n.a.	71,5	73,8	64,4	60,9	**43**
	Aċċess għall-iffinanzjar	Indiċi tal-FEI dwar l-aċċess għall-finanzi - Self, Kompożitu: iffinanzjar estern għall-SMEs f'dawn l-aħħar 6 xhur, valuri tal-indiċi bejn 0 u 1 (14)	0,72	0,74	0,55	0,45	n.a.	**0,46**
		Indiċi tal-FEI dwar l-aċċess għall-finanzi - Ekwità, Kompożitu: VC/PDG, IPO/PDG, SMEs li jużaw l-ekwità, valuri tal-indiċi bejn 0 u 1 (14)	0,27	0,17	0,05	0,05	n.a.	**0,23**

(*) l-aħħar sena disponibbli
Sors: (1) AMECO, (2) Eurostat, (3) ECFIN BCS, (4) Eurostat, (5) COMEXT u l-kalkoli tal-Kummissjoni, (6) Eurostat, (7) Eurostat, (8) OECD, (9) Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, (10) Stħarriġ tal-BEI, (11) Eurostat: (12) Intrum, (13) Stħarriġ SAFE, (14) Indiċi tal-FEI dwar l-Aċċess tal-SMEs għall-Iffinanzjar.

Dan l-Anness jiddeskrivi l-prestazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika ta' Malta, li hija essenzjali biex jiġu pprovduti s-servizzi u jitwettqu r-riformi. L-effettività tal-amministrazzjoni pubblika ta' Malta tikklassifika taħt il-medja tal-EU-27 ([103]). L-istrateġija ta' ħames snin għas-servizz pubbliku ([104]) tiffoka fuq it-titjib tal-kwalità, ir-responsabbiltà u s-sostenibbiltà tas-servizzi pubbliċi. Il-pjan ta' azzjoni tagħha fih 45 inizjattiva, b'enfasi partikolari fuq id-diġitalizzazzjoni.

Is-servizz pubbliku ta' Malta għandu profil żagħżugħ, iżda għandu wieħed mill-aktar ishma baxxi fl-UE ta' uffiċjali pubbliċi b'edukazzjoni għolja. Il-persuni li jaħdmu fl-amministrazzjoni pubblika, fid-difiża u fis-sigurtà soċjali, speċjalment dawk f'impjiegi b'livell għoli ta' ħiliet, għandhom profil aktar żagħżugħ meta mqabbel mal-ekonomija totali, kif ukoll mal-medja tal-EU-27 (il-Graff A13.1). Is-sehem ta' nisa f'pożizzjonijiet għolja fis-servizz ċivili laħaq il-45 % fl-2022. Il-kodiċi ta' ġestjoni tas-servizz pubbliku ġie rivedut biex jipprovdi informazzjoni aktar ċara dwar il-proċeduri ta' ħatra f'karigi pubbliċi, dwar is-salarji, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-kondotta u d-dixxiplina. L-istħarriġ tal-persunal tal-impjegati taċ-ċivil isir biss fuq bażi ad hoc. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza wassal għall-istabbiliment ta' uffiċċji remoti madwar Malta biex jintużaw mill-impjegati tas-servizz pubbliku fil-ministeri kollha.

Il-kwalità tal-qafas regolatorju Malti hija mdgħajfa mill-użu limitat ta' strumenti bbażati fuq l-evidenza. Filwaqt li r-rapporti tal-valutazzjoni tal-impatt huma obbligatorji għal-leġiżlazzjoni kolha primarja u sekondarja, ma hemm l-ebda rieżami sistematiku fejn tidħol il-kisba tal-għanijiet ta' politika. L-evalwazzjonijiet *ex post* la huma sistematiċi u lanqas standardizzati, u r-responsabbiltà għall-politika regolatorja hija mifruxa fuq diversi korpi governattivi ([105]). Il-partijiet ikkonċernati ripetutament iqajmu tħassib dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni fit-tħejjija ta' għadd ta' proposti leġiżlattivi ([106]), b'mod partikolari fl-istadji bikrija tal-proċess.

Malta għadha minn ta' quddiem fil-forniment ta' servizzi pubbliċi diġitali lin-nies u lin-negozji. Fl-2022, 79 % tal-Maltin qiesu li l-provvista ta' servizzi pubbliċi kienet tajba, żieda ta' 10 punti perċentwali meta mqabbla mal-2021 u ferm ogħla mill-medja tal-UE-27 ta' 52% ([107]). Is-servizzi pubbliċi diġitali kollha huma aċċessibbli permezz tal-portal ta' punt uniku ta' servizz tal-gvern għan-nies u n-negozji (servizz.gov), li jinkludi chatbot. Malta għandha wkoll punteġġ tajjeb fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni miġbura qabel mill-amministrazzjonijiet f'formoli mimlija minn qabel. Madankollu, il-pajjiż għandu l-aktar punteġġ baxx fl-EU-27 dwar l-iffaċilitar tal-aċċess għad-data miftuħa u l-użu tagħha (il-Graff A13.2). Dan potenzjalment inaqqas il-possibbilta li jkun hemm informazzjoni disponibbli għall-pubbliku li biha l-istituzzjonijiet jkunu jistgħu jinżammu responsabbli lejn iċ-ċittadini. Għaddejjin aktar inizjattivi biex titħaffef it-trasformazzjoni diġitali tal-gvern, inkluż dwar iċ-ċibersigurtà u l-użu tad-data ([108]).

Graff A13.1: **Livell ta' kisba ta' edukazzjoni għolja (f'perċentwali) ta' dawk bejn il-25 u l-64 sena skont is-settur u l-okkupazzjoni**



(1) Data tal-2022:
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, fuq il-bażi tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol

Is-sistema ġudizzjarja qed tħabbat wiċċha ma' sfidi serji fejn tidħol l-effiċjenza. Iż-żmien stmat meħtieġ biex jiġu riżolti kawżi amministrattivi fil-prim' istanza huwa ta' 1 356

([103]) Worldwide Governance Indicators, 2021, Indikaturi Globali tal-Governanza tal-2020

([104]) Lejn Servizz ta' Eċċellenza: Strateġija ta' 5 snin għas-servizz pubbliku.

([105]) Ir-rapport tal-OECD Better Regulation Practices across the European Union 2022 jindika li Malta hija ferm taħt il-medja tal-OECD fir-rigward tal-evalwazzjoni ex post tar-regolamentazzjoni.

([106]) Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni Ewropea

([107]) Ewrobarometru Standard 97

([108]) L-istrateġija tal-Aġenzija Maltija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (MITA) 2021-2023

Tabella A13.1: **L-indikaturi tal-amministrazzjoni pubblika**

MT	Indikatur (1)	2017	2018	2019	2020	2021	2022	EU-27(2)
E-gvern u data pubblika miftuħa								
1	Sehem ta' individwi li użaw l-internet fl-aħħar sena biex jikkomunikaw mal-awtoritajiet pubbliċi (%)	56.2	56.8	58.0	63.4	72.3	n/a	64,8
2	Punteġġ kumplessiv tal-parametru referenzjarju tal-e-gvern (3)	n/a	n/a	n/a	96,3	95,5	95,7	72,9
3	Indiċi tad-data miftuħa u l-maturità tal-portal	n/a	0,2	0,4	0,5	0,5	0,4	0,8
Livell ta' edukazzjoni milħuq, tagħlim għall-adulti, ugwaljanżi bejn il-ġeneri u l-anżjanità								
4	Sehem ta' impjegati fl-amministrazzjoni pubblika b'edukazzjoni terzjarja (livelli 5-8, %)	30.1	29.2	33.0	33.1	29.0 (b)	30.9	52,0
5	Rata ta' parteċipazzjoni ta' impjegati fl-amministrazzjoni pubblika fit-tagħlim għall-adulti (%)	14.3 (b)	18.1	23.1	15.2	22.2 (b)	22.1	16,9
6	Ugwaljanza bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet għolja fis-servizz ċivili (4)	22,6	23,0	16,4	13,8	10,8	10,0	11,0
7	Proporzjon ta' nies fl-età ta' 25-49 ma dawk ta' 50-64 year fis-settur NACE O	2.8	2.4	2.7	2.9	3.1 (b)	2.8	1,5
Ġestjoni finanzjarja pubblika								
8	Indiċi qafas baġitarju fuq perjodu medju	0,8	0,8	0,8	0,8	0,8	n/a	0,7
9	Indiċi tas-saħħa tar-regolamenti fiskali	1,3	1,3	1,3	1,3	1,3	n/a	1,5
Tfassil ta' politika abbażi ta' evidenza								
10	Governanza regolatorja	1,44	n/a	n/a	n/a	1,44	n/a	1,7

(1) Valuri għoljin jindikaw prestazzjoni tajba, ħlief għall-indikatur # 6. (2) Valur tal-2022. Jekk ma jkunx disponibbli, jintwera l-valur ta' 2021. (3) Ikejjel iċ-ċentralità tal-utenti (inkluż għas-servizzi transfruntiera) u t-trasparenza tas-servizzi pubbliċi diġitali kif ukoll l-eżistenza ta' faċilitaturi ewlenin għall-forniment ta' dawk is-servizzi. (4) Definit bħala l-valur assolut tad-differenza bejn il-proporzjon tal-irġiel u n-nisa f'pożizzjonijiet għolja fis-servizz ċivili.
Twissijiet: (b) interruzzjoni fis-serje kronoloġika; (d) id-definizzjoni tvarja; (u) affidabbiltà baxxa;
Sors: Stħarriġ dwar l-użu tal-ICT, Eurostat (# 1); Ir-Rapport ta' referenza tal-gvern elettroniku (# 2); Ir-Rapport dwar il-maturità tad-data miftuħa (# 3); Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, Eurostat (# 4, 5, 7), Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (# 6); Fiscal Governance Database (# 8, 9); OECD Indicators of Regulatory Policy and Governance (# 10), (Indikaturi tal-OECD dwar il-Politika Regolatorja u l-Governanza).

jum, l-itwal fl-UE. Ir-rata tal-ikklirjar għall-kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn baqgħet taħt il-100 % (madwar 89 % fl-2020) u hija partikolarment baxxa fil-każ ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (madwar 78 % fl-2021). L-għadd ta' kawżi li deħlin, b'mod partikolari kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi, żdied b'mod sinifikanti (minn 2,1 kawża għal kull 100 abitant fl-2020 għal 2,3 fl-2021). Il-kwalità ġenerali tas-sistema ġudizzjarja hija tajba, iżda l-għadd baxx ta' mħallfin għal kull abitant u n-nuqqas ta' persunal klerikali għadhom iħallu effett negattiv. Il-livell ta' diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja huwa avvanzat. Ġiet adottata strateġija nazzjonali ġdida dwar il-ġustizzja diġitali u din se titwettaq parzjalment permezz ta' investiment ta' EUR 10 miljun iffinanzjat mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Ma ġie rrapportat l-ebda nuqqas sistemiku fl-indipendenza ġudizzjarja([109]).

Graff A13.2: **Indikatur tal-maturità tad-data tal-gvern miftuħa: Punteġġi tal-2022 (% tal-punteġġ massimu totali) (rhs); klassifikazzjoni tal-pajjiżi, punteġġ globali (lhs)**



(1) Ċart tan-naħa tal-lemin: valuri baxxi jindikaw prestazzjoni tajba
Sors: Open Data Maturity | data.europa.eu

([109]) Għal analiżi aktar dettaljata tal-prestazzjoni tas-sistema ġudizzjarja f'Malta, ara t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2023 (se toħroġ dalwaqt) u l-kapitolu ta' Malta fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2023 (se joħroġ dalwaqt).

ANNESS 14: L-IMPJIEGI, IL-ĦILIET U L-ISFIDI TAL-POLITIKA SOĊJALI FID-DAWL TAL-PILASTRU EWROPEW TAD-DRITTIJIET SOĊJALI

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jipprovdi d-direzzjoni tal-konverġenza lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar fl-UE. Dan l-Anness jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress ta' Malta fl-implimentazzjoni tal-20 prinċipju tal-Pilastru u l-miri ewlenin u nazzjonali tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.

Tabella A14.1: **It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ta' Malta**

Qasam ta' politika	Indikatur ewlieni	
Opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol	Studenti li jitilqu kmieni mis-sistema edukattiva u ta' taħriġ (% tal-populazzjoni bejn 18 u 24, 2022)	10,1
	Sehem ta' individwi li għandhom ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoniu bejn 16 u 74, 2021)	61,23
	Rata NEET fost żgħażagħ (% tal-poplazzjoni bejn 15 u 29, 2022)	7,2
	Diff. bejn il-ġeneri fl-impjiegi (punti perċentwali, 2022)	13,1
	Proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20, 2021)	5,03
Swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet ġusti ta' xogħol	Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni bejn 20 u 64, 2022)	81,1
	Rata tal-qgħad (% tal-popolazzjoni attiva bejn 15-74, 2022)	2,9
	Qgħad għat-tul (% tal-popolazzjoni attiva bejn 15-74, 2022)	1
	Tkabbir tal-GDHI kull ras (2008=100, 2021)	131,71
Protezzjoni soċjali u inklużjoni	Rata tar-risku tal-faqar jew tal-eskluzjoni soċjali (% tal-popolazzjoni totali, 2021)	20,3
	Rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fost it-tfal (% tal-popolazzjoni fl-età bejn 0-17, 2021)	23,2
	Impatt tat-trasferimenti soċjali (ħlief tal-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tnaqqis tal-AROP, 2021)	26,2
	Diff. fl-impjiegi minħabba diżabbiltà (punti perċentwali, 2021)	27
	Rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni (% tal-popolazzjoni totali, 2021)	2,7
	Tfal ta' anqas minn 3 snin fis-sistema formali tal-kura tat-tfal (% tal-popolazzjoni ta' anqas minn 3 snin, 2021)	24
	Ħtieġa mhux sodisfatta għal kura medika, awtorappurtata (% tal-popolazzjoni 16+, 2021)	0,1

Sitwazzjoni kritika	Trid tiġi osservata	Dgħajfa iżda qed titjieb	Tajba iżda trid tinżamm sorveljata	Fil-medja	Aħjar mill-medja	L-aqwa prestazzjoni

Aġġornament tas-27 ta' April 2023. L-Istati Membri huma kklassifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali skont metodoloġija statistika miftehma mal-Kumitati EMCO u SPC. Din tħares b'mod konġunt lejn il-livelli u l-bidliet tal-indikaturi meta mqabbla mal-medji rispettivi tal-UE u tikklassifika lill-Istati Membri f'seba' kategoriji. Għal dettalji metodoloġiċi, jekk jogħġbok ikkonsulta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2023. Minħabba bidliet fid-definizzjoni tal-livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi fl-2021, eċċezzjonalment jintużaw biss livelli fil-valutazzjoni ta' dan l-indikatur; NEET: barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ; GDHI: introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi
Sors: Eurostat

Is-suq tax-xogħol Malti sejjer tajjeb fejn tidħol prestazzjoni, iżda r-rata ta' impjieg tan-nisa, speċjalment dawk li għandhom bejn 55 u 64 sena, hija baxxa. Bis-saħħa ta' tkabbir ekonomiku qawwi fl-2021 u fl-2022, ir-rata ta' impjieg ta' Malta, li kienet diġà għolja qabel il-kriżi tal-COVID-19, kienet qabżet il-livelli ta' qabel il-kriżi sa mit-tielet kwart tal-2021 (79,2 %) u kompliet titjieb wara dan (82,1 % fir-raba' kwart tal-2022 vs 74,9 % fl-UE). Madankollu, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha waħda mill-usa' fl-UE (13,1-il punt perċentwali (pp) vs 10,6 pp tal-UE fl-2022) minkejja li naqset bin-nofs matul l-aħħar deċennju (minn 28,6 pp fl-2013). Ir-rata ta' impjieg tan-nisa ta' bejn il-55 u l-64 sena għadha partikolarment baxxa (43,3 % meta mqabbla mas-56,3 % fl-UE fl-2021). Maż-żmien, dan wassal għall-akbar differenza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri fl-UE għall-persuni ta' bejn il-65 u l-74 sena (45,7 % fl-2021). Id-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà hija wkoll ogħla mill-medja tal-UE (27 pp vs 23 pp) minkejja xi titjib mill-2020 (29,4 pp). B'rispons għal dawn l-isfidi, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) se jappoġġa miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u ta' inklużjoni attiva, b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażagħ u l-persuni b'diżabilità. Il-FSE+ se jiffinanzja wkoll azzjonijiet, studji u kampanji biex titrawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol. Dawn se jagħtu lin-nisa r-riżorsi, il-ħiliet u l-appoġġ biex ikunu ċittadini attivi u jnaqqsu d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Dawn il-miżuri, flimkien mar-riformi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan , RRP) immirati lejn il-ħaddiema nisa anzjani u t-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, għandhom għax jgħinu lil Malta tagħmel progress lejn il-mira nazzjonali tagħha li jkunu impjegati mill-inqas 84,6 % tal-adulti sal-2030.

Eżiti edukattivi insuffiċjenti, parteċipazzjoni baxxa fit-tagħlim fost adulti b'livell baxx ta' ħiliet kif ukoll diskrepanzi fil-ħiliet u nuqqasijiet f'ħafna setturi joħolqu sfidi interkonnessi. Ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola (10,1 % fl-2022), għalkemm għandha xejra lejn tnaqqis fit-tul, għadha ogħla mill-medja tal-UE (9,6 %), u dan iżid grupp diġà kbir ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet (33.1 % fl-età ta' 15-64 sena fl-2022). Fost l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet ta' età bejn it-18 u l-64 sena, 3,8 % biss (13,3 % fl-UE) ipparteċipaw f'attivitajiet ta' tagħlim (matul l-

aħħar erba' ġimgħat) fl-2022, meta mqabbla mal-21,3 % ta' dawk b'livell medju ta' ħiliet u t-23,9 % ta' dawk b'edukazzjoni terzjarja. Filwaqt li 61,2 % tal-adulti għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi f'Malta (54 % fl-UE), id-differenzi skont il-livelli ta' ħiliet differenti huma sinifikanti. Minn dawk li għandhom livell inqas minn edukazzjoni sekondarja għolja, 43,7 % għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi jew ogħla minn dawk bażiċi (fl-UE, 28,4 %), meta mqabbla mas-60,2 % ta' dawk b'ħiliet medji u t-92,8 % ta' dawk b'livell ta' edukazzjoni ogħla. Eżiti ġenerali insuffiċjenti, speċjalment dawk relatati mal-ħiliet bażiċi (ara wkoll l-Anness 15), ifixklu l-isforzi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet persistenti ta' ħaddiema u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet f'setturi differenti (inklużi s-servizzi diġitali, finanzjarji, u l-manifattura). Għalhekk, hemm aktar lok għal azzjoni ta' politika, b'mod partikolari biex jissaħħu l-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Biex jitrawwem il-progress f'dan il-qasam, il-FSE+ se jappoġġa bis-sħiħ: (i) għodod innovattivi għat-tagħlim u l-apprendiment, inklużi t-teknoloġiji diġitali; (ii) il-bini tal-kapaċità għall-edukaturi; (iii) mogħdijiet vokazzjonali ġodda; (iv) miżuri preventivi u attivi fiċ-ċiklu kollu tal-edukazzjoni; (v) appoġġ għall-edukazzjoni inklużiva; u (vi) l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja f'setturi ewlenin u emerġenti. Flimkien mar-riformi tal-RRP immirati lejn l-iżvilupp tal-ħiliet u l-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, dawn se jikkontribwixxu għat-titjib tas-sitwazzjoni u l-progress lejn il-mira nazzjonali tal-2030 ta' mill-inqas 57,6 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment kull sena.

Tabella A14.2: **Is-sitwazzjoni ta' Malta fir-rigward tal-miri tal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar**

Indikaturi	L-aħħar data	Xejra (2015-2022)	Mira nazzjonali sal-2030	Mira tal-UE sal-2030
Impjiegi (%)	81,1 (2022)		85	78
Tagħlim għall-adulti[1] (%)	32,8 (2016)		58	60
Tnaqqis tal-faqar (eluf)[2,3]	0 (2021)		-3	-15 000

(1) Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, adulti fit-tagħlim f'dawn l-aħħar 12-il xahar
(2) Il-mira ewlenija tal-UE hija espressa bħala tnaqqis fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE), sena ta' referenza 2019
(3) Malta tesprimi l-mira nazzjonali tagħha bħala tnaqqis fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE), sena ta' referenza 2019
Sors: Eurostat, DĠ EMPL

Ir-riżultati dwar l-indikatur tal-faqar huma b'mod ġenerali taħt il-medja tal-UE, iżda għadhom għoljin fil-każ ta' gruppi speċifiċi vulnerabbli. Il-proporzjon ta' nies f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali niżel għal 20,3 % fl-2021, qrib il-medja tal-UE (21,7 %). Madankollu, dan kien ħafna ogħla għal ċittadini mhux tal-UE (30,4 %), adulti b'livell baxx ta' ħiliet (30,3 %), persuni ta' 65 sena u aktar (29,9 %), u persuni b'diżabilità (33,4 %). L-inugwaljanzi fl-introjtu, imkejla mill-proporzjon tal-introjtu medju tal-20 % l-aktar sinjuri mal-20 % l-aktar fqar (S80/S20), żdiedu bejn l-2020 u l-2021 b'0,34 pp biex laħqu l-5.03 pp (ogħla mill-medja tal-UE), u b'hekk Malta ġiet immarkata bħala "li għandha tiġi ssorveljata" fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar tjieb sostanzjalment fl-2021 iżda huwa mmarkat ukoll bħala "li għandu jiġi osservat" minħabba li huwa s-sitt l-aktar baxx fl-UE b'26,2 % (medja tal-UE ta' 37,1 %). Il-proporzjon ta' tfal f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (23,2 % fl-2021) għadu anqas mill-medja tal-UE ta' 24,4 %. Madankollu, xi gruppi ta' tfal jinsabu f'riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, inklużi dawk b'ġenitur wieħed (52,6 %) jew b'ġenituri b'livell baxx ta' ħiliet (51,5 %). Il-kura tat-tfal b'xejn hija disponibbli għal tfal b'ġenituri f'impjieg jew edukazzjoni. Madankollu, is-sehem ta' tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal huwa mmarkat bħala "li għandu jiġi ssorveljat" fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali minħabba livell baxx ta' 24 % (il-medja tal-UE: 36,2 %) u tnaqqis sostanzjali fl-2021 (b'5,7 pp), li huwa wieħed mill-akbar fl-UE([110]). Malta għad għandha waħda mill-aktar rati baxxi ta' piż eċċessiv tal-ispiża tal-akkomodazzjoni fl-UE (2,7 % vs il-medja tal-UE ta' 8,3 %). L-indikatur aktar minn irdoppa mill-2015, u dan jirrifletti is-sikkar tas-suq tal-kiri kkawżat mill-bidliet fid-demografija tal-pajjiż. Il-popolazzjoni Maltija ġeneralment tgawdi minn saħħa tajba (is-saħħa awtoperċepita kienet tajba jew tajba ħafna għal 73 % tal-popolazzjoni fl-2021 vs il-medja tal-UE ta' 69 %). Barra minn hekk, l-istennija tal-għomor fil-pajjiż hija fost l-ogħla fl-UE. Id-differenzi fis-saħħa tajba jew tajba ħafna, skont kif awtorapportata, skont l-introjtu (differenza ta' 30,6 pp fl-2021 bejn l-ewwel u l-ħames kwintil tal-introjtu) huma ferm ogħla mill-medja tal-UE

([110])Dan ir-riżultat jista' jiġi spjegat mill-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet tas-saħħa fis-seħħ fiċ-ċentri tal-indukrar tat-tfal; dawn setgħu affettwaw il-provvista u l-parteċipazzjoni. Ara: Education and training monitor 2022: Malta.

(20,2 pp). Fl-istess ħin, il-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika huma relattivament ftit, bi ftit varjazzjoni bejn il-gruppi ta' introjtu. Il-Gvern jippjana miżuri tal-FSE+ u riformi tal-RRP u investimenti fl-infrastruttura tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul u fil-forza tax-xogħol, kif ukoll miżuri tal-FSE+ biex tingħata spinta lis-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tat-tfal. Dan se jkun ta' għajnuna biex Malta tagħmel progress lejn il-mira tagħha tal-2030 li tnaqqas is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali bi 3,1 pp meta mqabbel mal-valur tal-2019.

Dan l-Anness jiddeskrivi l-isfidi ewlenin għas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' Malta fid-dawl tal-miri fil-livell tal-UE tal-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u indikaturi kuntestwali oħra, fuq il-bażi tal-analiżi mill-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2022.

Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) qed tkompli tonqos. Il-proporzjon ta' tfal ta' aktar minn tliet snin fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal kien ta' 89,1 % fl-2020, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 93 % u taħt il-mira fil-livell tal-UE ta' 96 % stabbilita għall-2030. Ir-rata naqset b'7,8 pp mill-2015.

Qed isiru sforzi biex tiġi żgurata ECEC ta' kwalità għolja. Fis-sena skolastika 2022/23, wara li ġiet sospiża minħabba l-pandemija tal-COVID-19, reġgħet bdiet l-implimentazzjoni tar-riforma tal-qafas tal-eżiti tat-tagħlim. Bħala parti minn dan, reġa' beda wkoll it-taħriġ tal-għalliema dwar il-kurrikulu l-ġdid għall-istudenti tal-ewwel snin. L-istandards nazzjonali l-ġodda għaċ-ċentri privati u pubbliċi għall-indukrar tat-tfal għal tfal taħt it-tliet snin ilhom fis-seħħ minn Ottubru 2021.

Għalkemm għadha kemm kemm ogħla mill-medja tal-UE, Malta naqqset b'mod sinifikanti r-rata tagħha ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ (early leaving from education and training, ELET). Hija niżlet bi 11,3 pp mill-2010; it-tnaqqis huwa aktar sinifikanti fejn jidħlu s-subien (-16,6 pp) milli l-bniet (-5,7 pp). Din ix-xejra pożittiva hija r-riżultat ta' sensiela ta' miżuri meħuda f'dawn l-aħħar snin. Pereżempju, bl-appoġġ tal-fondi tal-UE, Malta saħħet l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali biex tipprovdi lill-istudenti b'alternattiva għall-programmi skolastiċi aktar orjentati lejn l-akkademja. L-isforzi biex titrażżan ir-rata tal-ELET ikomplu. Il-proġett ta' maħżen tad-data previst fil-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza se jiġbor data tal-istudenti fl-iskejjel pubbliċi, li tkopri l-karriera edukattiva kollha tagħhom. Dan jista' jgħin fl-investigazzjoni tal-ispeċifiċitajiet nazzjonali tal-fenomenu tat-tluq bikri mill-iskola, jiffaċilita azzjonijiet aktar immirati biex jiġu appoġġati t-tfal minn kmieni, u biex jiġu indirizzati l-lakuni fid-dispożizzjoni attwali.

L-iżgurar ta' kwalità għolja tat-tagħlim huwa essenzjali biex tiġi indirizzata l-isfida tal-ħiliet bażiċi. Il-proporzjon ta' dawk li għandhom 15-il sena li ma jilħqux il-livell meħtieġ fit-tliet oqsma tal-PISA (Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti) flimkien huwa fost l-ogħla fl-UE (22,6 % vs 13,2 %) u huwa partikolarment għoli fost l-istudenti żvantaġġati (36,7 % vs 23,5 % fil-livell tal-UE). L-implimentazzjoni tal-qafas tal-eżiti tat-tagħlim tal-2017 bdiet fil-livell primarju. Madankollu, il-gvern qed jippjana li jirrevedi l-kurrikulu biex jirreaġixxi għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu. Barra minn hekk, l-Istħarriġ Internazzjonali dwar it-Tagħlim u l-Apprendiment tal-2018 jenfasizza li proporzjon għoli ta' għalliema (60,7 %) jqisu li ma jirċevux biżżejjed inċentivi għall-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD)([111]). Il-parteċipazzjoni fis-CPD mhijiex obbligatorja għall-progressjoni tal-karriera. L-iskejjel mhumiex meħtieġa jiżviluppaw pjan tas-CPD biex jibbilanċjaw il-ħtiġijiet tat-tagħlim individwali u organizzazzjonali, itejbu l-kwalità tat-tagħlim u jgħinu biex jiġu mmirati aħjar il-ħtiġijiet tal-għalliema u tal-istudenti.

L-adozzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (vocational education and training, VET) fil-livell sekondarju għoli għadha taħt il-medja tal-UE. Minkejja rata għolja ta' impjieg ta' gradwati reċenti tal-VET (89,0 % vs 75,7 % fil-livell tal-UE fl-2020) u investimenti sinifikanti reċenti fl-infrastruttura u l-kwalità, is-sehem ta' studenti rreġistrati fl-2020 fil-VET ta' livell sekondarju għoli f'Malta baqa' ta' 27,6 %, (27,7 % fl-2019 u 28,5 % fl-2018) għadu ferm taħt il-medja tal-UE (48,7 % fl-2020). Is-sehem ta' gradwati tal-VET li jibbenefikaw minn esponiment għal apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol matul l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tagħhom kien ta' 52,7 % fl-2022, taħt il-medja tal-UE (60,1 %).

Il-kisba fl-edukazzjoni terzjarja baqgħet stabbli fl-2022. Il-proporzjon ta' dawk bejn il-25 u l-34 sena b'edukazzjoni terzjarja kien fil-livell ta' 42,4 % fl-2022. Ir-rata ta' kisba fost il-popolazzjoni mwielda fl-UE minn barra Malta (51,5 %) taqbeż dik tal-popolazzjoni Maltija (43,0 %). Rata ta' impjieg relattivament għolja għal gradwati reċenti għadha fattur ewlieni biex jiġu attirati persuni kwalifikati lejn Malta. Il-proporzjon ta' persuni bejn il-15 u l-64 sena b'livell baxx ta' edukazzjoni fl-2022, filwaqt li naqas, kien ta' 33,1 % meta mqabbel mal-24,9 % għall-UE. Huma ppjanati diversi miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti, b'mod

([111])Il-Kummissjoni Ewropea (2019), Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2019.

Tabella A15.1: **Il-miri fil-livell tal-UE u l-indikaturi kuntestwali oħra skont il-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni**

				2015		2022	
Indikatur			**Mira**	**Malta**	**EU27**	**Malta**	**EU27**
[1]Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal (età 3+)			**96%**	**96,9%**	**91,9%**	**89,1% [2020]**	**93,0% [2020]**
[2]Studenti ta' 15-il sena b'livell baxx:		**fil-qari**	**< 15%**	**35,6%**	**20,0%**	**35,9% [2018]**	**22,5% [2018]**
		fil-matematika	**< 15%**	**29,1%**	**22,3%**	**30,2% [2018]**	**22,9% [2018]**
		fix-xjenza	**< 15%**	**32,5%**	**21,1%**	**33,5% [2018]**	**22,3% [2018]**
Studenti li jħallu l-iskola u t-taħriġ kmieni (età 18-24)	**[3]Total**		**< 9%**	**16,3%**	**11,0%**	**10,1%**	**9,6%**
	[35]Skont il-ġeneru	*Irġiel*		19,2%	12,5%	11,7%	11,1%
		Nisa		13,0%	9,4%	8,4%	8,0%
	[4]Skont il-grad ta' urbanizzazzjoni	*Bliet*		20,8%	9,6%	13,2%	8,6%
		Żoni rurali		12,0% [u]	12,2%	: [u]	10,0%
	[5]Skont il-pajjiż fejn twieldu	*Nativi*		16,5%	10,0%	6,1%	8,3%
		Imwielda fl-UE		: [u]	20,7%	: [u]	20,3%
		Mhux imwielda fl-UE		: [u]	23,4%	28,8%	22,1%
[6]Indikatur tal-ugwaljanza (punti perċentwali)				**:**	**:**	**25,4 [2018]**	**19,3 [2018]**
[7]Esponiment ta' gradwati VET għal tagħlim ibbażat fuq ħidma	**Total**		**≥60% (2025)**	**:**	**:**	**52,7%**	**60,1%**
Livell ta' edukazzjoni terzjarja miksub (età 25-34)	**[8]Total**		**45%**	**31,9%**	**36,5%**	**42,4%**	**42,0%**
	[8]Skont il-ġeneru	*Irġiel*		27,3%	31,2%	37,8%	36,5%
		Nisa		36,9%	41,8%	47,9%	47,6%
	[9]Skont il-grad ta' urbanizzazzjoni	*Bliet*		31,9%	46,2%	38,5%	52,2%
		Żoni rurali		29,8%	26,9%	49,7%	30,2%
	[10]Skont il-pajjiż fejn twieldu	*Nativi*		31,5%	37,7%	43,0%	43,0%
		Imwielda fl-UE		54,5% [u]	32,7%	51,5%	39,5%
		Mhux imwielda fl-UE		31,0%	27,0%	36,2%	35,7%
[11]Sehem ta' għalliema fl-iskejjel (ISCED 1-3) li għandhom 50 sena jew aktar				13,7%	38,3%	15,7% [2020]	39,2% [2020]

Sors: (1,3,4,5,7,8,9,10,11) = Eurostat; 2 = OECD (PISA); 6 = il-Kummissjoni Ewropea (Ċentru Konġunt tar-Riċerka). Noti: Noti: Id-data għadha mhijiex disponibbli għall-bqija tal-miri fil-livell tal-UE skont il-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li tkopri n-nuqqas ta' kisbiet fil-ħiliet diġitali u l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment L-indikatur tal-ekwità juri d-distakk fis-sehem ta' riżultati insuffiċjenti fil-qari, il-matematika u x-xjenza (ikkombinati) fost iż-żgħażagħ ta' 15-il sena bejn l-inqas u l-ogħla trimestri tal-istatus soċjoekonomiku.

partikolari għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet, inklużi miżuri appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew Plus. Il-pjan ta' Malta għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi l-bidu ta' "kulleġġ elettroniku", pjattaforma ta' apprendiment diġitali għall-adulti li tinkludi servizzi ta' mentoraġġ u ta' gwida, b'enfasi partikolari fuq dawk b'livell baxx ta' ħiliet.

Ikomplu jiżdiedu r-reġistrazzjonijiet fi programmi terzjarji. Madankollu, allinjament aħjar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol jista' jgħin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u l-ħtiġijiet futuri. Il-parteċipanti l-ġodda fil-livell ta' master għall-oqsma tal-ICT irrappreżentaw biss 2,7 % ([112]) tat-total ta' dawk li daħlu ġodda fis-suq fl-2020, filwaqt li fl-2016 kien ta' 4,2 %. Dan minkejja li s-sehem ta' ditti li jirrapportaw postijiet battala li diffiċli biex jimtlew fir-rigward ta' impjiegi li jeħtieġu ħiliet speċjalizzati fl-ICT huwa ogħla mill-medja tal-UE (66,1 % meta mqabbel mal-55,4 %). Malta qed taħdem fuq il-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ulterjuri u Għolja 2022–2030. Għandha l-għan li tikseb aktar sinerġiji fl-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozju.

([112])Madwar 19 % tal-parteċipanti ġodda fl-ICT kienu nisa fl-2020, tnaqqis ta' madwar 10 pp meta mqabbel mad-data tal-2016.

Popolazzjoni b'saħħitha u sistema tas-saħħa effettiva, aċċessibbli u reżiljenti huma prerekwiżiti għal ekonomija u soċjetà sostenibbli. Dan l-Anness jipprovdi stampa tas-saħħa medika tal-popolazzjoni u tas-sistema tas-saħħa f'Malta.

L-istennija tal-għomor f'Malta hija ogħla mill-medja tal-UE u reġgħet żdiedet parzjalment wara li naqset fl-2020. L-istennija tal-għomor żdiedet bi ftit fl-2021, minkejja żieda fl-għadd irrapportat ta' mwiet tal-COVID-19 bejn l-2020 u l-2021([113]). Malta tmur relattivament tajjeb fejn tidħol l-inċidenza ta' mewt minn kawżi li jistgħu jiġu ttrattati. Il-mard kardjovaskulari u l-kanċer huma l-kawżi ewlenin tal-mortalità. Malta għandha rati ta' mortalità komparattivament għoljin mid-dijabete u l-mard tal-qalb iskemiku li jikkorrispondu mal-prevalenza għolja ta' piż żejjed u obeżità. Malta għandha l-ogħla rati ta' obeżità fl-UE, anke fost it-tfal; Dan is-suġġett jinsab fuq quddiem fl-aġenda tas-saħħa pubblika.

Graff A16.1: **L-istennija tal-għomor mat-twelid (snin)**



Sors: Eurostat

L-infiq fuq is-saħħa relattiv għall-PDG żdied b'mod sinifikanti mill-2019 sal-2020 u issa jinsab qrib il-medja tal-UE. Dan huwa konformi max-xejra' l fuq fl-Istati Membri kollha fl-2020. Fil-każ ta' Malta, din iż-żieda tirriżulta kemm minn tnaqqis qawwi fil-PDG (aktar minn 8 %, meta mqabbel mal-5,7 % għall-UE b'mod ġenerali) kif ukoll minn żieda fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa f'termini nominali. Is-sehem tal-infiq pubbliku jinsab f'livell storikament baxx (iżda żdied minn 2019 għal 2020). Il-pagamenti privati mill-but huma fost l-ogħla fl-UE (speċjalment għall-kura privata primarja u tal-pazjenti ta' barra u għall-mediċini). Madankollu, Malta tirrapporta wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati fl-UE (ara l-Anness 14).

L-infiq fuq il-kura tal-pazjenti ta' barra huwa baxx meta mqabbel mal-infiq totali fuq il-kura tas-saħħa, meta mqabbel ukoll ma' Stati Membri oħra. It-tisħiħ tal-kura primarja b'mod ġenerali kif ukoll iċ-ċaqliq tat-trattament tal-mard kroniku mill-kura kostintensiva fl-isptarijiet għall-kura primarja u l-kura fil-komunità huma sfidi kontinwi. Dawn huma indirizzati wkoll mill-programmi ta' Malta tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. In-nefqa pubblika fuq is-saħħa hija pproġettata li tiżdied bi 2,6 punti perċentwali (pp) tal-PDG sal-2070 (meta mqabbla maż-0,9 pp tal-UE), u b'hekk tqajjem tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali fit-tul (ara l-Anness 21).

Graff A16.2: **Iż-żieda pproġettata fin-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa matul l-2019–2070**



Xenarju ta' referenza tal-AWG
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea / EPC (2021)

L-infiq fuq il-kura preventiva baqa' stabbli matul il-pandemija, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħra żiedu din in-nefqa b'mod drastiku. Madwar l-UE, din iż-żieda kienet primarjament xprunata mill-infiq fuq il-programmi ta' detezzjoni, sorveljanza, kontroll u rispons tal-mard bħala parti mir-rispons tas-saħħa pubblika għall-COVID-19. Fl-2020, l-infiq fuq il-prevenzjoni f'Malta ammonta għal 1,5 % tal-infiq totali fuq il-kura tas-saħħa (meta mqabbel mat-3,4 % għall-UE b'mod ġenerali).

Malta implimentat għadd ta' riformi biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema tas-saħħa. L-għadd ta' tobba u infermiera għal kull popolazzjoni huwa qrib il-medja tal-UE u kien qed jiżdied f'dawn l-aħħar ftit snin. Madankollu, hemm nuqqasijiet f'ċerti speċjalitajiet u Malta tiddependi fuq infermiera mħarrġa barra mill-pajjiż, speċjalment fl-isptarijiet. Fil-passat, in-nuqqasijiet ġew aggravati minn għadd akbar ta' infermiera li telqu minn Malta biex jaħdmu f'pajjiżi oħra (li

([113])Fuq il-bażi ta' data pprovduta direttament mill-Istati Membri lill-ECDC taħt is-Sistema ta' Sorveljanza Ewropej (data attwali mit-13 ta' April 2023)

Tabella A16.1: **Indikaturi tas-saħħa ewlenin**

	2017	2018	2019	2020	2021	Medja UE (l-aktar sena reċenti)
Mortalità trattabbli kull 100 000 persuna (mortalità li tista' tiġi evitata permezz ta' kura tas-saħħa tal-aqwa kwalità)	85,1	91,8	85,0	89,3	NA	91.7 (2020)
Mortalità mill-kanċer kull 100 000 persuna	221,1	237,3	203,5	212,5	NA	242.2 (2020)
Nefqa attwali fuq is-saħħa, % tal-PDG	8,7	8,6	9,2	10,8	NA	10.9 (2020)
Nefqa pubblika bħala sehem min-nefqa fuq is-saħħa, % tan-nefqa attwali fuq is-saħħa	62,9	63,5	62,5	66,7	NA	81.2 (2020)
Nefqa fuq il-prevenzjoni, % tan-nefqa attwali fuq is-saħħa	1,3	1,3	1,5	1,5	NA	3.4 (2020)
Sodod għall-kura akuta kull 100 000 persuna	318	319	312	319	NA	387.4 (2019)
Tobba kull 100 000 persuna *	4,0	4,0	4,0	4,2	NA	3.9 (2020)
Infermiera kull 1 000 persuna *	8,0	7,8	7,7	8,0	NA	8.3 (2020)
Konsum ta' antibatterjali għal użu sistemiku fil-komunità, doża definita ta' kuljum kull 1 000 abitant kuljum (konsum totali fil-każ ta' CY u CZ) **	19,8	18,0	18,7	14,4	14,1	14.5 (2021)

Nota: Il-medja tal-UE hija ponderata għall-indikaturi kollha, ħlief għal (*) u għal (**), fejn t-tintuża l-medja sempliċi tal-UE. Il-medja sempliċi għal (*) tuża d-*data* għall-2020 jew għas-sena l-aktar reċenti jekk tal-ewwel ma tkunx disponibbli. Id-*data* dwar id-densità tat-tobba tirreferi għal tobba li jippratikaw fil-pajjiżi kollha ħlief għal EL, PT (liċenzjati biex jippratikaw) u SK (attivi professjonalment). Id-*data* dwar id-densità tal-infermiera tirreferi għal infermiera li jippratikaw fil-pajjiżi kollha ħlief għal FR, PT, SK (attivi professjonalment) u EL (infermiera li jaħdmu biss fl-isptar).
Sors: Eurostat; ħlief ** ECDC

jitkellmu bl-Ingliż) li joffru kundizzjonijiet tax-xogħol aktar attraenti. Barra minn hekk, it-tibdil demografiku huwa stmat li huwa aktar sever f'Malta milli fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħra tal-UE([114]). Għalhekk, li jkun hemm għadd xieraq ta' ħaddiema tas-saħħa huwa saħansitra aktar rilevanti biex jiġi żgurat li s-sistema tas-saħħa tkun aċċessibbli u reżiljenti fit-tul.

Permezz tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tagħha, Malta qed tippjana li tinvesti EUR 69,9 miljun (22,1 % tal-valur totali tal-pjan) fil-kura tas-saħħa. L-investimenti bl-RRP jiffokaw prinċipalment fuq l-istabbiliment ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli, id-diġitalizzazzjoni u teknoloġiji ġodda. Iżda hemm ukoll miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw uħud mill-isfidi msemmija hawn fuq, bħal kwistjonijiet relatati mal-forza tax-xogħol (inkluża għodda mfassla apposta għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol u integrazzjoni aħjar tal-ħaddiema tas-saħħa barranin) u l-prevalenza tal-obeżità fost it-tfal.

([114])Sors: https://economy-finance.ec.europa.eu/system/files/2021-10/ip148_en.pdf.

Dan l-Anness juri d-dinamiċi territorjali ekonomiċi u soċjali f'Malta, u jipprovdi aġġornament dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'Malta meta mqabbla mal-UE kollha kemm hi, u l-isfidi ewlenin għall-irkupru ekonomiku reġjonali.

Malta rkuprat malajr mill-pandemija tal-COVID-19. Minkejja l-impatt qawwi tal-COVID-19 bit-tnaqqis fil-PDG per capita (f'PPS) minn 100 % fl-2019 għal 97 % tal-medja tal-EU-27 fl-2020, il-miżuri ta' mitigazzjoni ta' Malta taffew ix-xokk hekk kif il-PDG per capita (f'PPS) laħaq il-102 % tal-medja tal-EU-27 fl-2021. Għad hemm disparitajiet sinifikanti: Il-PDG per capita fuq il-gżira ewlenija huwa 105 % tal-medja tal-UE-27 iżda 65 % biss f'Għawdex u Kemmuna. In-nuqqas ta' disponibbiltà tad-data ma jippermettix li jiġu analizzati d-disparitajiet interni fil-gżira ta' Malta.

Is-suq tax-xogħol għadu sejjer tajjeb f'Malta, iżda għad hemm disparitajiet territorjali notevoli fil-produttività tax-xogħol. Minkejja t-tifqigħa tal-COVID-19, ir-rata ta' impjieg ta' Malta kompliet titjieb fl-2020 għall-etajiet ta' 20–64 (77,3 %) u 2021 (79,1 %). Ir-rata tal-qgħad ta' 3,5 % fl-2021 baqgħet ferm taħt il-medja tal-UE (7 %). Il-produttività tal-ħaddiema (imkejla bħala valur miżjud gross għal kull persuna impjegata) kienet 91 % tal-medja tal-UE fil-gżira ewlenija fl-2020 u 69 % f'Għawdex u Kemmuna, u żdiedet għal 96 % u 74 % rispettivament fl-2021 – u b'hekk enfasizzat id-disparità territorjali persistenti fost il-gżejjer Maltin.

L-investiment fir-riċerka u żvilupp (RuŻ) għadu limitat. L-investimenti fir-RuŻ bħala perċentwal tal-PDG kienu biss 0,7 % fl-2020, u 0,4 % biss fis-settur tal-intrapriżi tan-negozju. Dan huwa ferm inqas mill-mira tal-UE ta' 2 % (ara l-Anness 11). In-nuqqas fil-livell ta' investiment f'termini ta' RuŻ fis-settur tal-intrapriżi tan-negozju huwa rifless ukoll fl-Indiċi tal-Kompetittività Reġjonali tal-2022 taħt il-Pilastru tas-Sofistikazzjoni tan-Negozju, fejn Malta għandha punteġġ aktar baxxi mill-medja tal-UE, b'punteġġ ta' 90. Fl-2021, 6,1 % tal-impjiegi kienu f'setturi ta' teknoloġija avvanzata u 50,2 % tal-impjiegi kienu f'servizzi b'intensità għolja ta' għarfien (iż-żewġ ċifri huma ogħla mill-medja tal-UE). Il-fondi tal-UE 2021-2027 se jgħinu biex tiġi indirizzata l-prestazzjoni baxxa tal-innovazzjoni ta' Malta billi jappoġġaw il-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni (RuI) u joħolqu ambjent ta' appoġġ għar-RuI fis-setturi pubbliċi u privati.

Graff A17.1: **Il-PDG per capita (2021), il-produttività (2021) u t-tkabbir tal-PDG per capita (2011–2020) – Malta**



Sors: EUROSTAT, il-Kummissjoni Ewropea

Malta baqgħet tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (GHG), bi tnaqqis ta' 41 % fejn jidħol CO_2, ekwivalenti kull ras bejn l-1990 u l-2021. Madankollu, għad fadlilha

Tabella A17.1: **Indikaturi magħżula fil-livell tar-reġjun f'Malta**

Isem ir-reġjun NUTS	PDG kull ras (PPS) (2021)	Rata ta' impjiegi, età 20-64 (2021)	Rata ta' qagħad (2021)	Produttività (GVA (PPS) kull persuna impjegata) (2021)	Nefqa fuq RuŻ (2020)	Nefqa RuŻ fis-settur tal-impriża kummerċjali (BERD) 2020	Impjieg f'setturi ta' teknoloġija avvanzata (2021)	Impjieg f'servizzi ta' għarfien intensiv (2021)
	Indiċi, EU27 = 100	% tal-popolazzjoni eta 20-64	% tal-popolazzjoni attiva	Indiċi, EU27 = 100	% tal-PDG	% tal-PDG	% tal-impjiegi totali	% tal-impjiegi totali
Unjoni Ewropea	100,0	73,1	7,0	100,0	2,3	1,5	4,8	41
Malta	102,0	79,1	3,5	95,1	0,7	0,4	6,1	50,2
Malta	105,0			96,2				
Għawdex u Kemmuna	65,0			73,7				

Sors: EUROSTAT, il-Kummissjoni Ewropea

ħafna xi tagħmel biex tilħaq il-mira tagħha ta' tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030 u l-2050. Il-fondi tal-UE tal-perjodu 2021-2027 se jappoġġaw lil Malta fit-tranżizzjoni tagħha lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż b'investimenti fl-effiċjenza enerġetika, fl-enerġija rinnovabbli u fil-mobbiltà sostenibbli. B'mod partikolari, l-interventi tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta fis-settur marittimu, li jinvolvu l-konnessjoni ta' bastimenti mal-provvista tal-enerġija elettrika fuq l-art waqt l-irmiġġ fil-Port il-Kbir u l-Port Ħieles ta' Malta, se jkomplu jsaħħu l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni ta' Malta, li jakkumpanjaw lill-pajjiż fil-proċess ta' tranżizzjoni tiegħu lejn in-newtralità klimatika.

Malta għandha settur finanzjarju fil-biċċa l-kbira bbażat fuq il-banek, b'rata ta' konċentrazzjoni għolja. Il-konċentrazzjoni tas-settur bankarju hija sinifikanti billi fi tmiem l-2021 l-akbar ħames banek għandhom 75,6 % tal-assi totali tas-settur. Il-proporzjon tal-assi totali mal-PDG tal-pajjiż qed ikompli jonqos u kien ta' 257,8 % fit-tielet kwart tal-2022. L-ispeċifiċità ta' Malta hija r-rwol tagħha bħala ċentru bankarju internazzjonali. Parti mdaqqsa mis-settur bankarju tagħha hija magħmula minn istituzzjonijiet barranin bl-ebda skopertura għall-ekonomija domestika. Madankollu, is-sehem tal-istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi kien qed jiżdied kontinwament, u dawn l-istituzzjonijiet ammontaw għal 62,7 % tal-assi totali tas-settur bankarju fit-tielet kwart tal-2022, meta mqabbla mat-33,5 % fl-2015.

Il-banek Maltin kellhom prestazzjoni soda minkejja l-iżviluppi makroekonomiċi negattivi li segwew il-pandemija. Il-banek żammew il-livelli tal-kapital tagħhom ferm ogħla mir-rekwiżiti regolatorji matul il-pandemija tal-COVID-19, parzjalment appoġġati mir-restrizzjoni temporanja fuq il-ħlasijiet ta' dividendi. Il-kwalità tal-assi ddeterjorat b'mod moderat biss bis-saħħa ta' miżuri ta' appoġġ mill-gvern, bil-proporzjon ta' self improduttiv jonqos għal 2,6 % fit-tielet kwart tal-2022. Il-proporzjon tas-self li ma jrendix għall-banek domestiċi ewlenin kien ta' 2,9 % fl-istess perjodu, inqas milli fl-2019 meta kien ta' 3,2 %. Iż-żieda fir-rati tal-imgħax u l-erożjoni tal-introjtu disponibbli x'aktarx li jaffettwaw b'mod negattiv il-kapaċità tad-debituri li jħallsu lura d-dejn u konsegwentement il-kwalità tal-assi tal-banek.

Il-profittabbiltà tal-banek Maltin ħadet daqqa kbira fl-2020, iżda l-banek sussegwentement tejbu l-profittabbiltà tagħhom. It-titjib fil-profitti rriżulta minn qligħ ogħla mill-intermedjazzjoni, it-tariffi u l-kummissjonijiet. Madankollu, il-profittabbiltà għall-banek domestikament rilevanti kienet aktar baxxa fl-ewwel nofs tal-2022 milli fl-2021, u din il-profittabbiltà tista' tiġi pressata aktar minn volumi ta' kreditu aktar baxxi jew proviżjonament addizzjonali possibbli. L-iskoperturi diretti għar-Russja u l-Ukrajna kienu relattivament limitati, iżda l-effetti indiretti li jirriżultaw mill-prospetti makroekonomiċi globali li sejrin għall-agħar u l-inflazzjoni għolja affettwaw il-karti tal-bilanċ tal-banek u l-prestazzjoni tal-banek. Madankollu, l-attività ta' self fil-banek ewlenin domestiċi żdiedet fl-ewwel nofs tal-2022 kemm għall-unitajiet domestiċi (żieda ta' 3,8 % meta mqabbla mal-ewwel nofs tal-2021) kif ukoll għan-negozji (żieda ta' 3,1 % meta mqabbla mal-ewwel nofs tal-2021). Il-mutur ewlieni wara t-tkabbir fis-self residenti kien l-attività ipotekarja, bil-valur ta' ġbid ta' self ipotekarju ġdid jiżdied b'5,4 % fl-ewwel nofs tal-2022 meta mqabbel mal-ewwel nofs tal-2021. Il-prezzijiet tad-djar komplew jogħlew, żieda ta' 6,3 % fit-tielet kwart tal-2022 meta mqabbla mat-tielet kwart tal-2021.

B'mod ġenerali, is-settur finanzjarju Malti jidher li huwa reżiljenti. Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (2022) identifika diversi vulnerabbiltajiet ewlenin inkluż tkabbir għoli fil-kreditu ipotekarju u dejn għoli tal-unitajiet domestiċi. Quddiem dan l-isfond, il-limiti attwali fuq il-proporzjonijiet tas-self mal-valur, il-proporzjonijiet tad-dejn għall-introjtu, u l-maturitajiet tas-self (flimkien mal-miżuri permessi mill-Artikolu 124 tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital) huma xierqa u suffiċjenti.

Graff A18.1: **Evoluzzjoni tal-attività ta' kreditu skont is-settur**



Sors: BĊE.

F'Ġunju 2022, it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) irrikonoxxiet li Malta kienet saħħet is-sistema tagħha għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) u neħħiet lil Malta mill-"lista griża" tagħha. Fil-plenarja tagħha ta' Ġunju 2022, il-FATF iddeċidiet li Malta kienet għamlet progress sinifikanti fl-indirizzar tan-nuqqasijiet strateġiċi fil-qasam tal-AML/CFT identifikati preċedentement mill-FATF u inklużi fil-

Tabella A18.1: **Indikaturi tas-sodezza finanzjarja**

	2017	2018	2019	2020	2021	2022	UE	Medjan
Assi totali tas-settur bankarju (% tal-PDG)	402,4	342,8	294,8	308,8	290,1	257,8	276,8	207,9
Sehem (assi totali) tal-akbar ħames banek (%)	80,9	77,5	75,1	74,8	75,6	-	-	68,7
Sehem (assi totali) tal-istituzzjonijiet domestiċi ta' kred	42,1	47,8	53,5	58,7	61,7	62,7	-	60,2
Tkabbir fil-kreditu NFC (bidla % sena fuq sena)	14,8	3,5	2,0	2,7	-6,4	6,2	-	9,1
Tkabbir fil-kreditu HH (tibdil % sena fuq sena)	6,5	7,5	8,7	5,8	9,7	9,5	-	5,4
Indikaturi tas-sodezza finanzjarja:[1]								
- self improduttiv (% tas-self totali)	3,1	3,1	3,2	3,6	3,0	2,6	1,8	1,8
- proporzjon tal-adegwatezza kapitali (%)	21,1	22,3	23,4	25,1	24,5	23,2	18,6	19,8
- redditu fuq l-ekwita (%)[2]	7,2	5,2	6,0	0,3	3,5	1,7	6,1	6,6
Proporzjon kost mal-introjtu (%)[1]	40,6	40,5	50,3	49,3	63,8	48,1	60,6	51,8
Proporzjon self mad-depożiti (%)[1]	61,4	75,2	57,4	59,6	56,1	68,7	88,6	78,0
Likwidità tal-bank ċentrali bħala % tal-obbligazzjonijiet	0,5	0,2	0,1	0,6	2,4	0,8	-	2,9
Dejn tas-settur privat (% tal-PDG)	124,3	121,5	122,9	137,7	129,2	-	-	120,7
Spread għat-tul tar-rata tal-imgħax kontra l-Bund (punti b	96,4	99,0	92,5	99,2	87,3	126,7	-	93,3
Proporzjon tal-iffinanzjar tas-suq (%)	32,8	32,9	35,8	34,4	37,8	-	50,8	40,0
Bonds ekoloġiċi maħruġa lill-bonds kollha (%)	-	-	-	-	-	-	3,9	2,3

1-3 | 4-10 | 11-17 | 18-24 | 25-27 — Il-kuluri juri l-prestazzjoni fost is-27 Stat Membru tal-UE.

(1) L-aħħar *data*: Q3 2022.
(2) Id-*data* hija annwalizzata.
Sors: ECB, Eurostat, S&P Global Capital IQ Pro.

pjan ta' azzjoni tagħha. B'riżultat ta' dan, Malta ma għadhiex soġġetta għall-proċess akbar ta' monitoraġġ tal-FATF u se taħdem mas-sħab reġjonali tal-FATF biex tkompli ssaħħaħ ir-reġim tal-AML/CFT tagħha. Barra minn hekk, Malta implimentat riformi ewlenin fil-qasam tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja. Dawn ir-riformi huma wkoll parti mill-impenji ta' Malta skont l-RRP.

Malta għadha ma sfruttatx id-domanda dejjem tikber għal prodotti konformi mal-ESG (Governanza ambjentali, soċjali u korporattiva). Sa issa, ma kien hemm l-ebda ħruġ ta' bonds ekoloġiċi u lanqas ma ġie elenkat xi strument ekoloġiku fil-Borża ta' Malta. Il-kostatazzjonijiet ta' studju reċenti tal-bank ċentrali Malti dwar il-finanzjament ekoloġiku jissuġġerixxu li l-kwistjoni ewlenija hija diskrepanza fl-informazzjoni bejn l-investituri u l-emittenti. L-istudju jirrakkomanda li l-gvern jagħti bidu għas-suq il-ġdid billi joħroġ il-bonds ekoloġiċi tiegħu stess u jimplimenta inċentivi tat-taxxa.

L-assiguraturi domestikament rilevanti jkomplu joperaw fuq livelli ta' kapital u likwidità sodi, għalkemm għad hemm riskji. Disgħa biss mill-71 kumpanija tal-assigurazzjoni liċenzjata jissottoskrivu riskji li huma prevalenti f'Malta u li huma kklassifikati bħala domestikament rilevanti. L-assi ta' dawn id-disa' kumpaniji tal-assigurazzjoni liċenzjata naqsu fl-ewwel nofs tal-2022 b'9,3 % meta mqabbla mal-ewwel nofs tal-2021 għal EUR 3,7 biljun, ekwivalenti għal 23,6 % tal-PDG. Il-profittabbiltà tagħhom naqset ukoll fl-ewwel nofs tal-2022, b'mod partikolari fis-settur mhux tal-ħajja, minħabba pretensjonijiet li qed jiżdiedu u spejjeż operazzjonali. Sa Ġunju 2022, il-proporzjonijiet tas-solvenza tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni domestikament rilevanti kienu naqsu meta mqabbla ma' Ġunju 2021, iżda jibqgħu solidi fil-livell ta' 205,3 % għas-settur tal-ħajja u 241,5 % għas-settur mhux tal-ħajja. Bħal fil-każ ta' pajjiżi oħra, il-perspettiva ekonomika esterna inċerta u l-inflazzjoni għolja jistgħu jiġġeneraw telf għal żmien qasir għan-negozji tal-assigurazzjoni f'Malta.

L-assi ta' fondi ta' investiment rilevanti domestikament naqsu fl-ewwel sitt xhur tal-2022. L-assi ta' 38 fond ikklassifikati bħala rilevanti domestikament naqsu bi 13,5 % għal EUR 1,6 biljun (ekwivalenti għal 10,3 % tal-PDG) fl-ewwel sitt xhur tal-2022 meta mqabbla mal-ewwel 6 xhur tal-2021. Dan it-tnaqqis kien prinċipalment dovut għat-tnaqqis fil-prezzijiet fis-swieq tal-ekwità u tal-bonds. Dawk il-fondi ta' investiment jibqgħu likwidi ħafna b'ingranaġġ baxx. Minħabba li l-bonds jammontaw għal kważi żewġ terzi tal-assi totali tagħhom, iż-żieda kontinwa fir-rati tal-imgħax tista' tpoġġi aktar pressjoni fuq il-prezzijiet tal-assi u tista' tipprovoka riekwilibriju tal-istruttura tal-portafoll tagħhom lejn l-ekwitajiet.

Dan l-anness jagħti ħarsa ġenerali bbażata fuq l-indikaturi tas-sistema tat-taxxa ta' Malta. Dan jinkludi informazzjoni dwar l-istruttura tat-taxxa, (tipi ta' taxxa li Malta l-aktar li tikseb dħul minnhom), il-piż tat-taxxa għall-ħaddiema, u l-progressività u l-effett ridistributtiv tas-sistema tat-taxxa. Jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-ġbir u l-konformità tat-taxxa u r-riskju ta' attività ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.

Id-dħul mit-taxxa ta' Malta huwa relattivament baxx meta mqabbel mal-PDG tagħha, iżda Malta għadha tiddependi ħafna fuq it-taxxi korporattivi. It-tabella A19.1 turi li d-dħul mit-taxxa ta' Malta bħala perċentwal tal-PDG baqa' relattivament stabbli fil-livell ta' 30,5 % u konsiderevolment taħt l-aggregat tal-UE ta' 40,6 % fl-2021. Is-sistema tat-taxxa tagħha tiddependi kważi b'mod ugwali fuq it-tassazzjoni tax-xogħol u t-taxxi li jiffavorixxu t-tkabbir. Fl-2021, id-dħul mit-taxxa tax-xogħol ta' Malta bħala perċentwal tal-PDG kien, fil-livell ta' 12,4 %, ferm inqas mill-aggregat tal-UE ta' 20,9 %. Kemm id-dħul mit-taxxa fuq il-konsum kif ukoll it-taxxi ambjentali bħala perċentwal tal-PDG kienu kemxejn taħt l-aggregat tal-UE. Madankollu, it-taxxi korporattivi jibqgħu s-sors predominanti tad-dħul mit-taxxa f'Malta. Id-dħul mit-taxxi fuq il-proprjetà kien relattivament baxx bħala perċentwal kemm tal-PDG kif ukoll tad-dħul totali mit-taxxa. Malta ma għandhiex taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà, li huma fost it-taxxi l-inqas detrimentali għat-tkabbir.

Graff A19.1: **Porzjon ta' taxxa għal dawk li jaqilgħu paga waħda u t-tieni sors ta' dħul bħala % tal-ispejjeż totali tax-xogħol, 2022**

Tabella A19.1: **Indikaturi tat-tassazzjoni**

		Malta					EU-27				
		2010	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2010**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**
Struttuta tat-taxxa	Taxxi totali (inklużi kontribuzzjonijiet soċjali attwali obbligatorji) (% tal-PDG)	30,9	29,8	29,5	30,5		37,9	39,9	40,0	40,6	
	Taxxi fuq ix-xogħol (bħala % tal-PDG)	9,9	10,9	12,2	12,4		20,0	20,7	21,3	20,9	
	Taxxi fuq il-konsum (bħala % tal-PDG)	11,9	10,7	10,3	10,1		10,8	11,1	10,7	11,2	
	Taxxi kapitali (bħala % tal-PDG)	9,1	8,0	6,9	7,4		7,1	8,1	8,0	8,5	
	Total ta' taxxi fuq il-proprjetà (bħala % tal-PDG)	1,0	1,1	0,7	0,8		1,9	2,2	2,2	2,2	
	Taxxi rikorrenti fuq proprjetà immobbli (bħala % tal-PDG)	0,0	0,0	0,0	0,0		1,1	1,2	1,2	1,1	
	Taxxi ambjentali bħala % tal-PDG	2,8	2,4	2,3	1,9		2,4	2,4	2,2	2,2	
Progressività u ġustizzja	Porzjon ta' taxxa f'50% tal-paga medja (Persuna waħedha) (*)	18,9	22,1	22,4	21,7	21,9	33,9	32,3	31,9	32,1	31,7
	Porzjon ta' taxxa f'100% tal-paga medja (Persuna waħedha) (*)	26,4	30,7	31,0	30,8	31,0	41,0	40,1	39,9	39,7	39,7
	Taxxa korporattiva fuq l-introjtu - rati medji tat-taxxi effettivi (1) (*)		28,4	28,4	28,4			19,5	19,4	19,1	
	Differenza fil-koeffiċjenti Gini qabel u wara t-taxxa u t-trasferimenti soċjali fi flus kontanti (il-pensjonijiet huma esklużi mit-trasferimenti soċjali) (2) (*)	7,2	6,0	6,3	6,2		8,6	7,7	8,1	7,8	
Amministrazzjoni u konformità tat-taxxa	Arretrati tat-taxxa pendenti: dejn tat-taxxa totali fi tmiem is-sena (inkluż dejn meqjus li ma jistax aktar jinġabar) /dħul totali (f' %) (*)		113,0	174,9				31,6	40,7		
	Diskrepanza tal-VAT (% tar-responsabbiltà totali tat-taxxa tal-VAT, VTTL)		26,0	24,1				11,0	9,1		

(1) Rata tat-taxxa effettiva progressiva (OECD)
(2) Valur ogħla jindika impatt ridistributtiv aktar b'saħħtu tat-tassazzjoni.
(*) Medja sempliċi tal-UE-27
Għal aktar data dwar id-dħul mit-taxxa kif ukoll il-metodoloġija applikata, ara l-pubblikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea, *Taxation trends in the European Union: data for the EU Member States, Iceland, Norway and United Kingdom: 2021 edition*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2778/843047 u l-paġna web *Data on Taxation* https://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation-1/economic-analysis-taxation/data-taxation_en
Għal aktar dettalji dwar id-diskrepanza tal-VAT, ara l-pubblikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea, *VAT gap in the EU: report 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, https://data.europa.eu/doi/10.2778/109823.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea u l-OECD.



Il-porzjon ta' taxxa tat-tieni sors ta' dħul jassumi li l-ewwel ħaddiem jaqla' 100 % tal-paga medja u ma għandu l-ebda wild
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol huwa ħafna aktar baxx mill-medja tal-UE, iżda huwa wkoll inqas progressiv. Il-Graff A19.1 turi li l-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol għal Malta fl-2022 kien ħafna aktar baxx mill-medja tal-UE għal persuni waħedhom b'50 % tal-livell tal-introjtu tal-paga medja u f'livelli ogħla ta' introjtu. It-tieni sors ta' dħul f'livell ta' paga ta' 67 % tal-paga medja, li l-konjuġi tagħhom jaqilgħu l-paga medja, kienu wkoll soġġetti għal porzjon ta' taxxa li kien aktar baxx mill-medja tal-UE. Il-livell ta' progressività, espress mill-forma tal-kurva, huwa taħt il-medja tal-UE. Għal introjtu ogħla mill-paga medja, il-porzjon ta' taxxa saħansitra jonqos, li jissuġġerixxi tassazzjoni rigressiva. Il-progressività limitata tas-sistema tat-taxxa hija riflessa wkoll fl-impatt aktar baxx tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji fit-tnaqqis tal-inugwaljanza fl-introjtu, espressa mill-koeffiċjent Gini, mill-medja tal-UE fl-2021 (it-Tabella A19.1).

Hemm lok għal titjib fil-prestazzjoni tal-awtorità tat-taxxa f'termini ta' konformità tat-taxxa u l-amministrazzjoni tat-taxxa. Fl-2020 l-arretrati pendenti tat-taxxa żdiedu b'61,9 pp. għal 174,9 % tad-dħul nett totali. Dan għadu ferm ogħla mill-medja tal-EU-27, li hija ta' 40,7 %. Il-preżentazzjoni fil-ħin għat-taxxa fuq l-introjtu personali tjiebet għal kważi 90 % fl-2020, iżda kważi 50 % tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa korporattiva ġew ippreżentati tard u r-rata ta' preżentazzjoni fil-ħin għall-VAT naqset għal 61,7 % fl-2020 ([115]). Fl-2020, id-diskrepanza tal-VAT (id-distakk bejn id-dħul effettivament miġbur u l-obbligazzjoni teoretika tat-taxxa) naqset b'1,9 pp għal 24,1 %, li hija ferm ogħla mid-diskrepanza ta' 9,1 % fl-UE kollha.

L-ippjanar aggressiv tat-taxxa għadu sfida ewlenija. Il-flussi għoljin ta' investiment dirett barrani u l-livell għoli ta' pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties (il-Graff A19.2) bħala perċentwal tal-PDG jindikaw li f'Malta qed iseħħ ippjanar aggressiv tat-taxxa. Dan huwa indikat ukoll mill-użu għoli ta' entitajiet bi skop speċjali, li jammontaw għal 96 % u 98 % tal-investiment dirett barrani (IDB) inward u outward nett rispettivament (meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 37 % u 46 %). Filwaqt li għad iridu jiġu indirizzati l-isfidi (pereż. ir-regoli tal-kumpaniji mhux domiċiljati; l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza; u n-nuqqas ta' taxxi minn ras l-għajn), il-RRP ta' Malta jinkludi erba' riformi li jimmiraw lejn l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u dawn il-miżuri huma pass fid-direzzjoni t-tajba.

Graff A19.2: **Dividendi totali li joħorġu mill-Istati Membri f'% tal-PDG, 2021**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

([115]) 5711f734-en.pdf (oecd-ilibrary.org)

ANNESS 20: TABELLA B'INDIKATURI EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Tabella A20.1: **Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin**

							tbassir	
	2004-07	2008-12	2013-19	2020	2021	2022	2023	2024
PDG Reali (sena fuq sena)	2,7	2,5	7,1	-8,6	11,8	6,9	3,9	4,1
Tkabbir potenzjali (sena fuq sena)	2,8	3,2	6,3	4,3	3,2	5,9	4,5	4,4
Konsum privat (sena fuq sena)	2,8	1,3	4,3	-10,5	8,1	10,1	3,8	4,0
Konsum pubbliku (sena fuq sena)	1,0	3,3	4,5	15,8	6,9	2,4	5,0	3,3
Formazzjoni grossa tal-kapital fiss (sena fuq sena)	6,2	-1,3	10,2	-6,6	10,9	30,4	-5,0	3,5
Esportazzjonijiet ta' prodotti u servizzi (sena fuq sena)	7,7	7,4	8,0	-1,6	6,3	6,4	3,6	3,0
Importazzjonijiet ta' prodotti u servizzi (sena fuq sena)	7,7	6,3	7,3	2,0	3,8	9,7	2,2	2,7
Kontribuzzjoni għat-tkabbir tal-PDG:								
Domanda interna (sena fuq sena)	3,3	1,2	4,9	-3,5	7,2	10,9	1,4	3,2
Inventarji (sena fuq sena)	-0,3	-0,2	0,2	0,5	-0,3	-0,1	0,0	0,0
Esportazzjonijiet netti (sena fuq sena)	-0,5	1,5	2,0	-5,7	4,9	-4,0	2,6	0,9
Kontribuzzjoni għat-tkabbir potenzjali tal-PDG:								
Xogħol totali (sigħat) (sena fuq sena)	0,5	0,7	3,2	2,1	0,5	2,1	1,4	1,4
Akkumulazzjoni kapitali (sena fuq sena)	1,4	1,0	1,6	1,4	1,6	2,7	2,0	1,9
Produttività totali tal-fatturi (sena fuq sena)	0,9	1,4	1,5	0,8	1,1	1,1	1,1	1,1
Distakk fl-output	-0,1	-1,1	2,4	-9,1	-1,4	-0,6	-1,1	-1,4
Rata ta' qgħad	6,9	6,5	4,7	4,4	3,4	2,9	2,9	2,9
Deflatur tal-PDG (sena fuq sena)	2,1	2,3	2,5	1,6	1,9	5,2	4,2	3,1
Indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP, sena fuq sena)	2,1	2,9	1,2	0,8	0,7	6,1	5,4	2,8
HICP bl-esklużjoni tal-enerġija u l-ikel ipproċessat (sena fuq sena)	1,8	2,1	1,3	0,8	0,7	6,2	5,8	3,1
Kumpens nominali kull impjegat (sena fuq sena)	2,9	3,3	4,1	-0,4	4,6	2,8	5,6	3,1
Produttività tax-xogħol (reali, sigħat maħduma, sena fuq sena)	1,6	1,8	1,3	-3,8	8,6	2,7	1,1	1,3
Kost ta' unità lavorattiva (ULC, l-ekonomija sħiħa, sena fuq sena)	1,6	2,7	2,5	12,0	-3,7	2,1	3,9	1,3
Kosti reali ta' unità tax-xogħol (sena fuq sena)	-0,5	0,4	0,0	10,3	-5,5	-3,0	-0,3	-1,7
Rata tal-kambju reali effettiva (ULC, sena fuq sena)	0,3	0,7	1,4	7,6	-4,0	-1,4	-1,5	-2,1
Rata tal-kambju reali effettiva (HICP, sena fuq sena)	1,4	-0,2	0,2	1,1	-1,0	-2,5	.	.
Rata netta ta' tifdil tal-unitajiet domestiċi (tifdil nett bħala perċentwali ta' introjtu nett disponibbli)	.	.	.	.	.	.	.	.
Fluss ta' kreditu privat, konsolidat (% tal-PDG)	12,2	9,8	7,4	6,5	9,2	.	.	.
Dejn tas-settur privat, konsolidat (% tal-PDG)	140,0	163,7	131,7	137,6	129,0	.	.	.
li minnu, dejn tal-unitajiet domestiċi, konsolidat (% tal-PDG)	46,8	57,7	50,7	54,7	52,2	.	.	.
li minnu, dejn mhux finanzjarju tal-korpotazzjonijiet, konsolidat (% tal-	93,2	106,0	80,9	82,9	76,8	.	.	.
Dejn improduttiv gross (% tal-instrumenti totali tad-dejn u self u avvanzi totali) (1)	1,7	1,6	2,4	2,7	2,3	.	.	.
Korporazzjonijiet, teħid b'self nett (+) jew għoti b'seld nett (-) (% tal-	.	.	.	.	.	.	.	.
Korporazzjonijiet, surplus gross operattiv (% tal-PDG)	29,4	31,3	36,4	37,3	.	.	.	.
Unitajiet domestiċi, għoti b'self nett (+) jew teħid b'self nett (-) (% tal-	.	.	.	.	.	.	.	.
Indiċi deflatat tal-prezzijiet tad-djar (sena fuq sena)	13,5	-0,9	3,2	2,2	3,8	1,2	.	.
Investiment residenzjali (% tal-PDG)	7,4	4,1	3,4	4,5	4,6	4,3	.	.
Bilanċ tal-kont kurrenti (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti	-5,3	-3,8	4,2	2,2	1,2	-5,8	2,4	2,7
Bilanċ kummerċjali (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti	-1,6	1,4	13,2	17,0	14,5	8,6	.	.
Termini ta' kummerċ ta' prodotti u servizzi (sena fuq sena)	-0,1	0,0	0,7	0,2	0,0	-0,1	0,1	0,1
Bilanċ tal-kont kapitali (% tal-PDG)	2,3	1,3	1,2	0,6	1,0	1,1	.	.
Pożizzjoni tal-investiment internazzjonali nett (% tal-PDG)	30,6	10,7	45,3	60,2	51,3	52,3	.	.
NENDI - NIIP bl-esklużjoni ta' strumenti mhux inadempjenti (% tal-PDG)	86,8	168,7	216,8	269,1	255,6	239,1	.	.
Obbligazzjonijiet IIP bl-esklużjoni ta' strumenti mhux inadempjenti (%	452,3	698,9	465,5	289,6	267,7	229,6	.	.
Prestazzjoni tal-esportazzjoni vs. pajjiżi avvanzati (% bidla fuq ħames	.	36,3	13,9	31,7	19,7	.	.	.
Sehem mis-suq tal-esportazzjoni, prodotti u servizzi (sena fuq sena)	-0,7	2,3	5,0	8,7	-9,6	2,4	0,9	-0,7
Flussi netti ta' FDI (% tal-PDG)	-154,7	-77,5	-80,5	-74,1	-65,4	-61,5	.	.
Bilanċ tal-gvern estiż (% tal-PDG)	-2,9	-3,2	0,3	-9,7	-7,8	-5,8	-5,1	-4,5
Bilanċ tal-baġit strutturali (% tal-PDG)	.	.	-0,8	-5,3	-7,1	-5,5	-4,6	-3,9
Dejn gross tal-gvern estiż (% tal-PDG)	66,8	66,1	53,0	52,9	55,1	53,4	54,8	56,1

(1) Gruppi bankarji domestiċi u banek indipendenti, sussidjarji kkontrollati mill-barranin, (UE u mhux tal-UE), kif ukoll fergħat ikkontrollati mill-barranin (UE u mhux tal-UE).
(2) Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali nett (PIIN) bl-esklużjoni tal-investiment dirett u l-proporzjonijiet ta' ekwità tal-portafolli.
Sors: Eurostat u BĊE fl-2023-05-02, fejn disponibbli; Il-Kummissjoni Ewropea għaċ-ċifri tat-tbassir (Tbassir tar-rebbiegħa 2023).

Dan l-Anness jevalwa r-riskji għas-sostenibbiltà fiskali ta' Malta fuq medda ta' żmien qasira, medja u twila. Dan isegwi l-istess approċċ multidimensjonali bħall-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-2022 tal-Kummissjoni Ewropea, aġġornat abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni.

1 - ir-riskji fuq medda ta' żmien qasira għas-sostenibbiltà fiskali huma kumplessivament baxxi. L-indikatur ta' identifikazzjoni bikrija tal-Kummissjoni (S0) ma jindikax riskji fiskali kbar fuq terminu qasir (Tabella A21.2). ([116])Il-ħtiġijiet ta' finanzjament gross huma mistennija li jibqgħu limitati għal madwar 12 % tal-PDG fuq medda ta' żmien qasira (jiġifieri matul l-2023-2024, għalkemm jonqsu meta mqabbla mal-ogħla livell reċenti fl-2020 (Tabella A21.1, Tabella 1). Il-perċezzjonijiet tas-swieq finanzjarji tar-riskju sovran huma pożittivi, kif ikkonfermat mill-firxa u l-klassifikazzjoni ta' grad medju "A2/A-/A +" li t-tliet aġenziji ta' klassifikazzjoni ewlenin assenjaw lid-dejn tal-gvern Malti.

2 - ir-riskji fuq medda ta' żmien medju għas-sostenibbiltà fiskali huma kumplessivament medji.

Id-DSA għal Malta juri li, taħt il-linja bażi, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jiżdied fuq medda ta' żmien medja, filwaqt li jibqa' ftit inqas minn 60 % tal-PDG sal-2033 (Graff 1). **(**[117]**)**([118])Il-bilanċ primarju strutturali preżunt (defiċit ta' 2.4 % tal-PDG) jikkontribwixxi għal dawn l-iżviluppi. Jidher baxx meta mqabbel mal-prestazzjoni fiskali tal-passat, li jindika biżżejjed lok għal azzjoni korrettiva. Fl-istess ħin, il-projezzjonijiet tal-linja bażi sal-2033 jibbenefikaw minn effett valanga favorevoli ħafna (għalkemm qed jonqos), b'mod partikolari bis-saħħa tal-impatt favorevoli ta' NextGenerationEU, bi tkabbir tal-PDG reali ta' madwar 3.8 % tal-PDG matul l-2025–2033. Il-ħtiġijiet grossi ta' finanzjament tal-gvern huma mistennija li jistabbilizzaw matul il-perjodu ta' projezzjoni, madwar 12 % tal-PDG fl-2033, qrib il-livell previst għall-2024.

Il-projezzjoni tal-linja bażi hija ttestjata għall-istress kontra erba' xenarji alternattivi biex jiġi vvalutat l-impatt tal-bidliet fis-suppożizzjonijiet ewlenin (Graff 1). Għal Malta, jekk wieħed jerġa' lura għal trajettorji storiċi skont ix-xenarju tal-"bilanċ primarju strutturali storiku (SPB)", dan jappoġġa t-tnaqqis tad-dejn. Jekk l-SPB gradwalment jikkonverġi għal baġit ġeneralment ibbilanċjat (il-medja storika tiegħu ta' 15 snin), dan jirriżulta f'dejn ipproġettat aktar baxx (b'madwar 15 pp.) milli fil-linja bażi fl-2033. It-tnaqqis tal-livell tal-SPB b'mod permanenti b'nofs il-bidla kumulattiva prevista taħt "xenarju ta' bilanċ primarju strutturali aktar baxx" iwassal għal proporzjon ogħla tad-dejn għall-PDG tal-gvern sal-2033 (madwar 9 pp.) meta mqabbel mal-linja bażi. Deterjorament permanenti tal-kundizzjonijiet makrofinanzjarji, kif rifless fix-xenarju "differenzjali tar-rata tal-imgħax avversa tat-tkabbir" (jiġifieri 1 pp. ogħla mil-linja bażi) iwassal ukoll għal proporzjon ogħla tad-dejn tal-gvern mal-PDG (madwar 4 pp.) sal-2033, meta mqabbel mal-linja bażi. Deterjorament temporanju tal-kundizzjonijiet finanzjarji, kif rifless fix-xenarju ta' "stress finanzjarju" (jiġifieri żieda temporanja fir-rati tal-imgħax b' 1 pp.), jipprovdi proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG ġeneralment simili, għalkemm kemxejn ogħla sal-2033 meta mqabbel mal-linja bażi.

Barra minn hekk, il-projezzjonijiet stokastiċi juru riskju baxx assoċjat ma' dawn il-projezzjonijiet kontra avvenimenti plawżibbli

([116])Il-S0 huwa indikatur kompost ta' riskju fuq medda ta' żmien qasira ta' stress fiskali. Huwa bbażat fuq firxa wiesgħa ta' varjabbli makrofinanzjarji u fiskali li wrew li kellhom prestazzjoni tajba fil-passat fl-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' stress fiskali li ġej.

([117])Is-suppożizzjonijiet sottostanti tal-linja bażi ta' "ebda bidla fil-politika fiskali" tal-Kummissjoni jinkludu b'mod partikolari: (i) defiċit primarju strutturali, qabel l-ispejjeż tat-tixjiħ, ta' 2,4 % tal-PDG mill-2024; (ii) l-inflazzjoni li tikkonverġi b'mod lineari lejn ir-rata ta' swap forward ta' 10 snin marbuta mal-inflazzjoni 10 snin minn qabel (li tirreferi għall-aspettattivi ta' inflazzjoni fuq 10 snin, 10 snin oħra); (iii) ir-rati tal-imgħax nominali fuq medda ta' żmien qasira u twila fuq dejn ġdid u riportat li jikkonverġu b'mod lineari mill-valuri attwali għar-rati nominali forward bbażati fuq is-suq b'T+10; (iv) ir-rati ta' tkabbir tal-PDG reali mit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni sal-2024, segwiti mill-projezzjonijiet tal-metodoloġija tal-EPC/OGWG "T+10" bejn T+3 u T+10, jiġifieri għall-2025-2033 (medja ta' 3.8 %); (v) l-ispejjeż tat-tixjiħ f'konformità mar-Rapport tal-2021 dwar it-Tixjiħ (il-Kummissjoni Ewropea, Dokument Istituzzjonali 142, Novembru 2020). Għal informazzjoni dwar il-metodoloġija, ara l-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-2022.

([118])It-tabella 1 turi l-projezzjonijiet tad-dejn tal-linja bażi u t-tqassim tagħha fil-bilanċ primarju, l-effett valanga (l-impatt ikkombinat tal-pagamenti tal-imgħax u t-tkabbir nominali tal-PDG fuq id-dinamika tad-dejn) u l-aġġustament bejn il-fondi u l-flussi.

mhux previsti (Graff 2)**.** (**[119]**) Dawn is-simulazzjonijiet stokastiċi jindikaw probabbiltà ta' 64 % li l-proporzjon tad-dejn fl-2027 ikun akbar milli fl-2022, u dan jinvolvi riskju baxx minħabba l-livell ta' dejn inizjali baxx. Barra minn hekk, dawn ix-xokkijiet jindikaw inċertezza baxxa (jiġifieri d-differenza bejn l-10 u d-90 perċentili tad-distribuzzjoni tad-dejn) madwar il-projezzjonijiet tal-linja bażi tad-dejn tal-gvern.

3 - ir-riskji fuq medda ta' żmien twila għas-sostenibbiltà fiskali huma kumplessivament għolja. (**[120]**)

L-indikatur S2 (ta' 9.3 pp tal-PDG) jindika riskji għoljin għas-sostenibbiltà fiskali. L-indikatur juri li, meta mqabbel mal-linja bażi, il-SPB ikollu bżonn jitjieb b'mod sostanzjali biex jiżgura l-istabbilizzazzjoni tad-dejn fuq terminu twil. Dan ir-riżultat huwa mirfud miż-żieda mbassra fl-ispejjeż relatati mat-tixjiħ (kontribuzzjoni ta' 6.6 pps. tal-PDG) u l-pożizzjoni baġitarja mhux favorevoli (kontribuzzjoni ta' 2.7 pps. tal-PDG). L-iżviluppi tal-ispejjeż tat-tixjiħ huma xprunati miż-żieda fin-nefqa tal-pensjonijiet (kontribuzzjoni ta' 3.1 pps. tal-PDG) kif ukoll min-nefqa fuq is-saħħa u l-kura fit-tul (kontribuzzjoni konġunta ta' 3.6 pps. tal-PDG) (Tabella 2).

Flimkien mal-vulnerabbiltajiet tad-dejn, kif enfasizzat mill-indikatur S1, ir-riskji ġenerali fit-tul huma vvalutati bħala għoljin. Tabilħaqq, l-indikatur tad-distakk tas-sostenibbiltà S1 jindika li jkun meħtieġ sforz sinifikanti ta' konsolidazzjoni ta' 4.6 pps. tal-PDG biex id-dejn jitnaqqas għal 60 % tal-PDG sal-2070. Dan ir-riżultat huwa mbuttat l-aktar miż-żieda pprojettata fl-ispejjeż pubbliċi relatati mat-tixjiħ (kontribuzzjoni ta' 2.6 pps. tal-PDG) u l-pożizzjoni baġitarja mhux favorevoli (kontribuzzjoni ta' 2.1 pps. tal-PDG). (Tabella 2).

Fl-aħħar nett, diversi fatturi ta' riskju addizzjonali jeħtieġ li jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni. Minn naħa waħda, diversi fatturi jaggravaw ir-riskji għas-sostenibbiltà bħaż-żieda reċenti fir-rati tal-imgħax. Minkejja t-titwil tal-maturità tad-dejn f'dawn l-aħħar snin, is-sehem tad-dejn fuq terminu qasir jibqa' sinifikanti (aktar mit8 % tad-dejn totali). Xi riskji ta' responsabbiltà kontinġenti marbuta ma' linji ta' kreditu garantiti mill-Istat, inkluż dawk mogħtija lil ditti u lil dawk li jaħdmu għal rashom matul il-kriżi tal-COVID-19. Madankollu, dan ir-riskju għadu limitat minħabba użu relattivament baxx. Min-naħa l-oħra, il-fatturi ta' mitigazzjoni tar-riskju jinkludu l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta pożittiva ta' Malta, it-titwil tal-maturità tad-dejn f'dawn l-aħħar snin, sorsi ta' finanzjament relattivament stabbli (b'bażi ta' investituri diversifikata u kbira) settur bankarju kapitalizzat tajjeb b'pożizzjoni ta' likwidità b'saħħitha u d-denominazzjoni tal-munita tad-dejn. Barra minn hekk, ir-riformi strutturali taħt l-NGEU/RRF, jekk jiġu implimentati bis-sħiħ, jista' jkollhom impatt pożittiv ulterjuri fuq it-tkabbir tal-PDG fis-snin li ġejjin, u għalhekk ikomplu jtaffu r-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn.

([119]) Il-projezzjonijiet stokastiċi juru l-impatt konġunt fuq id-dejn ta' 2000 xokk differenti li jaffettwaw il-pożizzjoni baġitarja tal-gvern, it-tkabbir ekonomiku, ir-rati tal-imgħax u r-rati tal-kambju. Il-kon ikopri 80 % tal-perkorsi ta' dejn simulati kollha, u għalhekk jeskludi avvenimenti ta' tnaqqis.

([120]) L-indikatur tad-distakk tas-sostenibbiltà fiskali S2 ikejjel l-isforz fiskali permanenti (aġġustament SPB) fl-2024 li jkun meħtieġ biex jistabbilizza d-dejn pubbliku fit-tul. Dan huwa kkomplementat mill-indikatur tad-distakk tas-sostenibbiltà fiskali S1, li jkejjel l-isforz fiskali permanenti meħtieġ fl-2024 biex il-proporzjon tad-dejn għall-PDG jinġieb għal 60 % fit-tul (sal-2070). Kemm għall-indikaturi S1 kif ukoll għall-S2, il-valutazzjoni tar-riskju tiddependi fuq l-ammont ta' konsolidazzjoni fiskali meħtieġa: "riskju għoli" jekk l-isforz meħtieġ jaqbeż 6 pps. tal-PDG, "riskju medju" jekk ikun bejn 2 pps. u 6 pps. tal-PDG, u "riskju baxx" jekk l-isforz ikun negattiv jew inqas minn 2 pps. tal-PDG. Il-klassifikazzjoni kumplessiva tar-riskju fit-tul tiġbor flimkien il-kategoriji tar-riskju derivati minn S1 u S2. S1 jista' jgħolli l-kategorija tar-riskju derivata minn S2 meta jindika riskju ogħla minn S2. Ara l-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-2022 għal aktar dettalji.

Tabella A21.1: **Analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn - Malta**

Tabella 1. Proġettazzjonijiet bażi tad-dejn	2020	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028	2029	2030	2031	2032	2033
Prop. gross tad-dejn (% tal-PDG)	**52,9**	**55,1**	**53,4**	**54,8**	**56,1**	**56,5**	**56,7**	**56,7**	**56,9**	**57,3**	**57,7**	**58,2**	**58,9**	**59,7**
Bidla fil-proporzjon	12,6	2,1	-1,7	1,4	1,3	0,5	0,2	0,0	0,3	0,3	0,4	0,5	0,7	0,9
li minnha														
Deficit primarju	8,4	6,7	4,8	3,9	3,1	2,8	2,4	2,2	2,1	2,1	2,1	2,0	2,1	2,1
Effett snowball	4,4	-5,3	-5,1	-2,9	-2,2	-2,4	-2,2	-2,2	-1,9	-1,8	-1,6	-1,5	-1,4	-1,3
Aġġustamenti stokk-flussi	-0,1	0,8	-1,4	0,4	0,5	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0	0,0
Bżonnijiet gross ta' finanzjament (% tal-F	16,0	15,4	10,5	11,7	11,5	11,1	10,9	10,8	11,0	11,1	11,3	11,5	11,8	12,0





Tabella 2. Analiżi tal-indikaturi tad-distakk tas-sostenibbiltà tal-S1 u S2

		S1	S2
Indiċi kumplessiv (pps. tal-PDG)		**4,6**	**9,3**
li minnu			
Pożizzjoni baġitarja inizjali		2,1	2,7
Rekwiżit tad-dejn		-0,1	
Kosti tat-tixjiħ		2,6	6,6
li minnhom	*Pensjonijiet*	1,0	3,1
	Kura tas-saħħa	1,2	2,2
	Kura għat-tul	0,7	1,4
	Oħrajn	-0,3	-0,1

Sors: Servizzi tal-Kummissjoni.

Tabella A21.2: **Mappa ewlenija tar-riskji għas-sostenibbiltà fiskali - Malta**

Perjodu	Perjodu medju - Analiżi tas-sostenibbiltà tar-risjku (DSA)								Perjodu twil		
			Deterministic scenarios								
Kumpless. (S0)	Kumpless.		Baseline	Historical SPB	Lower SPB	Adverse 'r-g'	Financial stress	Proġettazzjonijiet stokastici	S2	S1	Kumpless. (S1 + S2)
BAXX	MEDJU	Kumpless.	BAXX	BAXX	MEDJU	MEDJU	MEDJU	BAXX	GĦOLI	MEDJU	GĦOLI
		Livell ta' dejn (2033), % PDG	59,7	45,2	68,9	64,0	60,1				
		Sena tal-ogħla dejn	2033	2025	2033	2033	2033				
		Spazju ta' konsolidazzjoni fisjali	64%	50%	82%	64%	64%				
		Probabbiltà li l-proporzjon tad-dejn fl-2027 jaqbeż il-livell tal-2022						64%			
		Differenza bejn is-90 u l-10 perċentili (pps. PDG)						25,0			

Sors: Is-servizzi tal-Kummissjoni (għal aktar dettalji dwar l-approċċ multidimensjonali tal-Kummissjoni, ara l-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-2022).